IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.6.2024
SWD(2024) 618 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

Rapport tal-Pajjiż 2024 - Malta

Li jakkumpanja d-dokument

Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjiegi, strutturali u baġitarji


{COM(2024) 618 final} - {SWD(2024) 600 final}

European Commission

Malta

2024 Country Report


#EURO at 25



It-tkabbir ekonomiku għadu solidu, iżda n-nuqqas ta' ħaddiema u l-eżiti baxxi fl-edukazzjoni huma ta' piż fuq il-potenzjal tat-tkabbir futur

It-tkabbir ekonomiku huwa mistenni li jibqa' robust (1). L-ekonomija ta' Malta tkompli bit-tkabbir ekonomiku b'saħħtu tagħha u hija mistennija li tisboq Stati Membri oħra fl-2024 u fl-2025 . Is-settur tat-turiżmu qed ikompli jirkupra b'mod qawwi, u qabeż il-livelli ta' qabel il-pandemija u għandu aktar prospetti ta' tkabbir. It-tkabbir tal-PDG, xprunat mill-esportazzjonijiet netti u l-konsum privat, huwa mistenni jilħaq 4,6 % fl-2024 u 4,3 % fl-2025.

Graff 1.1:**Malta - Tkabbir tal-PDG reali u kontribuzzjonijiet**



Sors: il-Kummissjoni Ewropea, il-Eurostat

Il-kumpens għal kull impjegat f'termini reali naqas b'mod qawwi fl-2022 u l-2023 u l-irkupru huwa mistenni li jkun dgħajjef. Fl-2023, l-inflazzjoni, kif tkejlet mill-indiċi armonizzat tal-prezzijiet tal-konsumatur, laħqet 5,6 %, u l-prezzijiet tal-enerġija nżammu fil-livelli tal-2020. L-inflazzjoni fl-2024 u l-2025 hija mbassra li se tkun 2,8 % u 2,3 % rispettivament, bi pressjonijiet kontinwi fil-prezzijiet tal-ikel u tas-servizzi, filwaqt li l-prezzijiet tal-enerġija bl-imnut huma mistennija li jibqgħu stabbli. Minkejja l-aġġustament għall-mekkaniżmu tal-għoli tal-ħajja, it-tkabbir fil-kumpens nominali għal kull impjegat baqa' żgħir fil-livell ta' 3,1 % fl-2022 u 1,5 % fl-2023 u huwa mistenni li jiżdied gradwalment biss għal 2,7 % fl-2024 u 3,2 % fl-2025 minħabba nuqqas ta' ħaddiema (b'mod partikolari fis-servizzi). F'termini reali, il-kumpens għal kull impjegat naqas bi 2,2 % fl-2022 u 3,9 % fl-2023 u l-irkupru tiegħu huwa mistenni li jkun dgħajjef fost żidiet baxxi fil-produttività. Fl-istess ħin, iż-żidiet fil-paga minima statutorja għenu biex jittaffa l-impatt negattiv tal-inflazzjoni fuq il-ħaddiema b'paga baxxa. L-inugwaljanzi fl-introjtu kif imkejla mill-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu naqsu għal 4,79 fl-2022 (kważi f'konformità mal-medja tal-UE ta' 4,88).

Id-defiċit tal-gvern huwa mistenni li jonqos iżda jibqa' wieħed mill-ogħla fl-UE. Id-defiċit tal-gvern ta' Malta naqas għal 4,9 % tal-PDG fl-2023 u huwa mistenni jilħaq 3,9 % fl-2025. In-nefqa tal-gvern fuq miżuri biex jittaffa l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija hija r-raġuni ewlenija għal dan id-defiċit għoli, minkejja tkabbir nominali qawwi tal-PDG u t-tneħħija gradwali tal-miżuri tal-pandemija. Il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG għadu taħt is-60 %.

It-tkabbir fil-produttività tax-xogħol naqas b'mod notevoli wara rkupru mgħaġġel fl-2021 u l-2022. It-tkabbir fil-produttività tax-xogħol (għal kull siegħa maħduma) kien għoli ħafna fil-perjodu ta' wara l-COVID (9,2 % fl-2021 u 4,1 % fl-2022) iżda naqas għal 1,4 % fl-2023. Huwa mistenni

(1) Id-data limitu għad-*data* użata biex jitħejjew is-27 Rapport tal-pajjiżi kienet il-15 ta' Mejju 2024.

Kaxxa 1:

Il-kompetittività ta' Malta fil-qosor

L-ekonomija ta' Malta tinsab f'pożizzjoni tajba fl-esportazzjonijiet tas-servizzi dinamiċi (logħob tal-azzard online, servizzi finanzjarji u ta' ġestjoni) u l-esportazzjoni ta' oġġetti b'valur miżjud għoli (prodotti farmaċewtiċi, elettronika u mikroċipep). It-tkabbir fil-produttività tax-xogħol (għal kull siegħa maħduma) kien kbir fl-2022 (4,1 %) iżda mmodera ruħu fl-2023 (1,4 %) u huwa mistenni li jkun kemxejn negattiv fl-2024 u l-2025. Għad hemm sfidi għall-kompetittività.

- **In-nuqqas u l-ispariġġ fil-ħiliet, u l-eżiti baxxi tal-edukazzjoni** jillimitaw it-tkabbir potenzjali, ifixklu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u huma ostaklu għall-investiment.
- **Il-prestazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni hija modesta** peress li l-indiċi għar-riċerka u l-innovazzjoni huwa 85,8 % tal-medja tal-UE, b'mod partikolari minħabba investimenti baxxi f'dan il-qasam kemm mis-settur pubbliku kif ukoll minn dak privat. Il-kooperazzjoni bejn l-akkademja u n-negozju mhijiex biżżejjed biex jiġu promossi r-riċerka u l-innovazzjoni.
- **Malta għandha prestazzjoni baxxa fid-dimensjoni ekoloġika/ambjentali**, u dan għandu konsegwenzi diretti fuq il-kompetittività tal-pajjiż. L-investiment inadegwat fl-enerġija u t-trasport sostenibbli, aggravat miż-żieda reċenti fil-popolazzjoni, irriżulta f'żieda fil-qtugħ tal-elettriku u fil-konġestjoni tat-traffiku.

li jkun kemxejn negattiv fl-2024 u l-2025. Kemm l-investiment pubbliku kif ukoll dak privat fir-riċerka u l-iżvilupp għadhom baxxi b'mod kritiku u s-sehem tal-persunal tar-riċerka u l-iżvilupp (bħala persentaġġ tal-impjiegi totali) kien inqas minn nofs il-medja tal-UE.

Is-suq tax-xogħol ta' Malta għandu prestazzjoni tajba ħlief għal ċerti gruppi. L-impjiegi żdiedu b'mod qawwi b'6,0 % fl-2022 u 6,5 % fl-2023, u dan irriżulta f'rata għolja ta' impjiegi ta' 82,5 % fir-raba' trimestru tal-2023 (vs 75,5 % fl-UE). Għaldaqstant, il-pajjiż qed jagħmel progress tajjeb ħafna lejn il-mira tiegħu ta' impjiegi għall-2030 ta' 84,6 %. Madankollu, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi għadha wiesgħa, u d-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet hija waħda mill-usa' fl-UE. Il-persuni b'diżabilità jsofru minn differenza fl-impjiegi li hija 8,7 punti perċentwali ogħla mill-medja tal-UE ta' 30,1 punt perċentwali. Kemm in-nazzjonali ta' pajjiż terz (TCNs, third country nationals) kif ukoll in-nazzjonali tal-UE huma ħafna inqas probabbli li jibqgħu mal-istess impjegatur għal aktar minn sena. Id-*data* tissuġġerixxi li madwar 70 % tal-formoli ta' terminazzjoni sottomessi għat-TCNs huma għal persuni li kienu impjegati għal inqas minn 12-il xahar ([2]). It-TCNs ta' spiss jiffaċċjaw kundizzjonijiet tax-xogħol diffiċli u diffikultajiet fl-aċċess għall-akkomodazzjoni.

Hemm riskju li eżiti edukattivi insuffiċjenti u parteċipazzjoni baxxa fit-tagħlim ta' adulti b'livell baxx ta' ħiliet iżidu n-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet. Fl-ewwel trimestru tal-2024, in-nuqqas ta' ħaddiema ġie rrapportat bħala fattur li jillimita l-produzzjoni f'Malta b'madwar id-doppju tal-medja tal-UE fis-servizzi u fl-industrija, filwaqt li ġeneralment hija konformi mar-rata tal-UE fil-kostruzzjoni. Ir-rata ta' persuni li jitilqu kmieni mill-iskola qed tonqos iżda għadha kemxejn ogħla mill-medja tal-UE. Skont il-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA, Programme for International Student Assessment) tal-OECD, Malta għandha waħda mill-ogħla rati ta' progress insuffiċjenti fit-tliet oqsma ttestjati fl-UE. Is-sehem ta' adulti (fl-età minn 25 sa 64 sena) li jipparteċipaw fl-edukazzjoni u t-taħriġ (fl-aħħar 12-il xahar) huwa f'konformità mal-medja tal-UE, iżda l-parteċipazzjoni ta' dawk b'livell baxx ta' ħiliet hija aktar baxxa.

([2]) Sors: il-Bank Ċentrali ta' Malta (2023), Labour-turnover-Malta.pdf (centralbankmalta.org)

Kaxxa 2:

Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs, Sustainable Development Goals) tan-NU

Malta għandha prestazzjoni tajba (l-SDG 8) jew qed titjieb (l-SDGs 4 u 9) fir-rigward tal-SDGs relatati mal-produttività. Madankollu, għad trid iżżid l-isforzi tagħha biex tnaqqas id-distakk mal-medja tal-UE kemm fl-edukazzjoni ta' kwalità (l-SDG 4), kif ukoll fl-industrija, fl-innovazzjoni u fl-infrastruttura (l-SDG 9). Malta għandha rata għolja fl-impjiegi, qgħad fit-tul baxx u għadd baxx u li qed ikompli jonqos ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs, not in education, employment or training). Madankollu, is-sistema ta' riċerka u innovazzjoni ta' Malta tbati minn nuqqas ta' investiment u sehem baxx ħafna ta' persunal tar-riċerka u l-iżvilupp. Barra minn hekk, għalkemm qed titjieb, anki permezz tal-impenji tal-gvern bħala parti mill-Istrateġija ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti ta' Malta 2021-2027, Malta għandha prestazzjoni taħt il-medja tal-UE fir-rigward tal-SDG 4, u dan ixekkel it-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività. It-tnaqqis tal-eżiti tal-edukazzjoni flimkien ma' parteċipazzjoni baxxa ta' tfal li għandhom aktar minn 3 snin fl-edukazzjoni bikrija tat-tfal, u għadd li għadu sinifikanti ta' persuni li jitilqu kmieni mill-iskola, jirriskjaw li jkomplu jaggravaw in-nuqqas prevalenti ta' ħiliet.

- **Mis-17-il indikatur, tmien SDGs għadhom taħt il-medja tal-UE.** Minbarra l-SDG 4 u l-SDG 9 enfasizzati hawn fuq, dawn huma relatati mal-ġustizzja (l-SDGs 2, 3, 5) u l-istabbiltà ambjentali (l-SDGs 11, 12, 13) (ara l-Anness 1).

Għandhom ikomplu l-isforzi biex tintlaħaq il-mira tat-tagħlim għall-adulti ta' 57,6 % stabbilita għall-2030.

Għad fadal sfidi

Malta tiffaċċja diffikultajiet biex tibbilanċja t-tkabbir ekonomiku b'saħħtu mas-sostenibbiltà ambjentali. It-tranżizzjoni ekoloġika tinżamm lura bid-dominanza tal-fjuwils fossili. L-enerġija rinnovabbli tiġġenera 13,4 % biss tal-enerġija ta' Malta, li hija waħda mill-aktar ishma baxxi fl-UE, u l-kisbiet fl-effiċjenza enerġetika naqsu, minkejja potenzjal sinifikanti għall-iffrankar tal-enerġija. Użu aktar mifrux ta' mudelli ta' negozju u materjali sostenibbli jżid is-sostenibbiltà, il-kwalità, is-sikurezza u l-effiċjenza enerġetika tal-kostruzzjoni, l-istess bħall-implimentazzjoni effettiva tar-rakkomandazzjonijiet tal-inkjesta pubblika dwar is-sikurezza tal-kostruzzjoni. Jenħtieġu miżuri ġodda biex titnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku u l-emissjonijiet għoljin mit-trasport għal ekonomija aktar sostenibbli u ċċentrata fuq in-nies. L-immaniġġar sostenibbli tal-ilma u t-trattament tal-ilma mormi huma ta' tħassib għall-pajjiż bi skarsezza tal-ilma. L-iżvilupp ekonomiku u l-urbanizzazzjoni rapidi ta' Malta jheddu l-bijodiversità u jiġġeneraw skart sinifikanti, aggravat b'rati baxxi ta' riċiklaġġ.

Malta tiffaċċja riskji għas-sostenibbiltà fiskali fit-tul. Il-kostijiet tat-tixjiħ huma mbassra li jiżdiedu bi 8,6 % tal-PDG bejn l-2022 u l-2070 minħabba żieda mistennija fin-nefqa fuq il-pensjonijiet, il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul. Id-dħul mit-taxxa għadu jiddependi ħafna fuq it-taxxi korporattivi, u b'hekk il-pajjiż isir aktar vulnerabbli għal xokkijiet ekonomiċi futuri. Is-sistema tat-taxxa ta' Malta tista' twassal għal prattiki ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa. L-impenji tal-pajjiż biex irażżan dawn il-prattiki huma pass fid-direzzjoni t-tajba (ara t-Taqsimiet 2 u 3).

L-aċċess għal finanzjament mhux bankarju għadu limitat għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji. Għalkemm il-ħruġ ta' bonds ġodda minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji bħala sehem tal-PDG żdied bi ftit għal 1,2 % fl-2022, il-valur tal-offerti pubbliċi inizjali annwali bħala sehem tal-PDG naqas għal 0,3 %. Il-livell tal-

investiment fl-ekwità privata huma ferm taħt il-medja tal-UE.

Filwaqt li qed jittieħdu passi biex jitnaqqas it-tul tal-proċedimenti tal-qorti, dawn għadhom twal ħafna. Il-każijiet amministrattivi fl-ewwel istanza f'Malta huma stmati li jieħdu l-itwal żmien biex jiġu solvuti fl-UE. Ir-rata tal-għeluq għal kawżi mhux kriminali ddeterjorat u hija partikolarment ta' tħassib għall-kawżi ċivili u kummerċjali. In-nuqqas ta' riżorsi u l-prevalenza ta' prattiki tax-xogħol skaduti huma fost il-kawżi tad-dewmien.

Malta għandha prestazzjoni relattivament tajba fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, iżda għad fadal sfidi (ara l-Anness 14). Ir-rata ta' tluq bikri mill-iskola qed tonqos iżda għadha kemxejn ogħla mill-medja tal-UE. Id-differenzi bejn il-ġeneri u għall-persuni b'diżabilità fl-impjiegi għadhom fost l-ikbar fl-UE. Nofs il-persuni fl-età tax-xogħol b'diżabilità biss huma attivi fis-suq tax-xogħol. L-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar huwa baxx fil-livell ta' 26,4 % (35 % fl-UE). Konsegwentement, il-pajjiż għandu jippersisti fl-isforzi tiegħu biex jilħaq il-mira tiegħu għall-2030 dwar il-faqar u l-esklużjoni soċjali. Il-kura tat-tfal b'xejn hija disponibbli għall-ġenituri f'impjieg jew fl-edukazzjoni. Fl-2022, is-sehem ta' tfal ta' inqas minn 3 snin fl-indukrar formali tat-tfal żdied għal 43,1 %, li huwa f'kuntrast qawwi mar-rata ta' parteċipazzjoni tat-tfal li għandhom aktar minn 3 snin li qed tonqos (ara t-Taqsima 3).

IMPLIMENTAZZJONI TA' RIFORMI U INVESTIMENTI EWLENIN BL-UŻU TA' STRUMENTI TAL-UE

Il-finanzjament mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF, Recovery and Resilience Facility) u mill-politika ta' koeżjoni qed isaħħaħ b'mod reċiproku l-isforzi ta' Malta biex tagħti spinta lill-kompetittività tagħha u trawwem it-tkabbir sostenibbli. Minbarra t-EUR 328,2 miljun ta' finanzjament tal-RRF deskritt fl-Anness 3, il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jipprovdi lil Malta b'EUR 772,8 miljun għall-perjodu 2021-2027. L-appoġġ minn dawn iż-żewġ strumenti flimkien jirrappreżenta kważi 5,68 % tal-PDG tal-pajjiż fl-2023, meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 5,38 % (ara l-Anness 4).

Skont il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP, Recovery and Resilience Plan) tagħha, Malta nediet miżuri ta' politika importanti li huma mistennija jtejbu l-kompetittività tal-pajjiż. B'mod partikolari, l-RRP jipprevedi riformi kbar fl-oqsma tat-tassazzjoni u l-istat tad-dritt, il-kura tas-saħħa, it-trasport, u l-ġestjoni tal-iskart. Malta għamlet ukoll investimenti sostanzjali f'għadd ta' oqsma: ir-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini tas-settur pubbliku u privat; it-tisħiħ u t-twessigħ tal-grilja tal-elettriku; il-bini tal-kapaċità tal-ħżin tal-batteriji; it-trasport mingħajr emissjonijiet; id-diġitalizzazzjoni, u l-modernizzazzjoni tal-kura tas-saħħa.

Il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jgħin biex jiġu indirizzati l-isfidi tat-tkabbir u tal-kompetittività ta' Malta u jnaqqas id-disparitajiet tal-koeżjoni territorjali u soċjali tal-pajjiż. Skont il-perjodu ta' programmazzjoni tal-politika ta' koeżjoni 2014-2020, l-appoġġ iffoka fuq l-oqsma tar-riċerka u l-innovazzjoni, il-provvista tal-ilma, l-effiċjenza enerġetika, iż-żamma tal-impjiegi fil-kuntest tal-COVID-19, it-tluq bikri mill-iskola, u l-inklużjoni soċjali. Għall-perjodu ta' programmazzjoni attwali 2021-2027, l-appoġġ għandu l-għan li jkompli jippromwovi l-kompetittività ta' Malta, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, il-koeżjoni soċjali, l-iżvilupp tal-ħiliet, u t-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol tan-nies ta' Malta.

L-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Malta tinsab fi stadju avvanzat. Malta ppreżentat żewġ talbiet għall-pagament, li jikkorrispondu għal 53 stadju importanti u mira fil-pjan u li jirriżultaw fi żborż ġenerali ta' EUR 166,4 miljun sas-16 ta' Mejju 2024. Lil hinn miż-żewġ talbiet għall-pagament, l-implimentazzjoni tal-pjan tinsab fit-triq it-tajba (ara l-Anness 3).

Żblukkar tal-investimenti għat-tranżizzjoni ekoloġika

Malta ħadet passi biex ittejjeb l-effiċjenza enerġetika u l-produttività tal-istokk tal-bini tagħha u biex telettrifika t-trasport. Fi ħdan l-RRP, Malta bdiet tipprovdi għotjiet biex ittejjeb l-effiċjenza enerġetika u tnaqqas l-emissjonijiet tal-karbonju permezz tal-modifika retroattiva tal-bini tas-settur pubbliku u privat. Fl-istess ħin, l-investiment permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) qed jappoġġa proġetti kummerċjabbli mill-SMEs u l-unitajiet domestiċi, filwaqt li ngħatat prijorità lill-bini bl-aġħar rendiment u lill-blokok b'akkomodazzjonijiet multipli. Il-miżuri skont l-RRP jinkludu wkoll l-elettrifikazzjoni tat-trasport bit-triq, kemm dak privat kif ukoll dak pubbliku, u l-introduzzjoni ta' trasport pubbliku mingħajr ħlas, iffinanzjat minn fondi nazzjonali, fi sforz biex titnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku. Għad fadal ħafna sfidi, iżda billi tingrana l-fondi tal-RRF u tal-FEŻR, Malta qed tnaqqas b'mod intelliġenti l-emissjonijiet tal-karbonju, ittejjeb il-produttività, u tagħti spinta lill-investiment privat, u dan kollu

jikkontribwixxi biex tiżdied il-kompetittività tal-pajjiż.

L-RRF u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni qed jgħinu biex tiġi modernizzata l-ġestjoni tal-iskart f'Malta. L-investiment tal-Fond ta' Koeżjoni fil-kostruzzjoni tal-Impjant tal-Ipproċessar Organiku huwa mmirat għall-iskart organiku miġbur separatament. L-investiment jippermetti l-irkupru tal-enerġija billi jaqbad il-prodotti sekondarji tat-trattament tal-iskart organiku u joħloq kundizzjonijiet għat-tnaqqis tar-rimi tal-iskart organiku fil-miżbliet. L-RRP qed jikkomplementa dan l-investiment b'riforma biex jiġi organizzat mill-ġdid il-ġbir tal-iskart fil-gżejjer Maltin. Is-servizzi tal-ġbir tal-iskart, inkluż il-materjali riċiklabbli, ġew ikkonsolidati f'sitt korpi reġjonali madwar Malta u Għawdex (mill-qafas frammentat preċedenti mifrux fuq 68 kunsill lokali). L-investiment u r-riforma kkombinati rriżultaw f'żieda fl-ekonomiji ta' skala u sistemi ta' ġbir tal-iskart aktar effiċjenti.

Investiment fin-nies għat-tkabbir ekonomiku u r-reżiljenza soċjali

Malta qed timplimenta riformi ta' politika u investimenti kemm taħt l-RRP kif ukoll taħt il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) biex ittejjeb is-settur tal-kura tas-saħħa. Minbarra l-investiment dirett fiċ-Ċentru l-ġdid tad-Demm, tat-Tessuti u taċ-Ċelloli jew fit-tagħmir dijanjostiku, fl-RRP, Malta impenjat ruħha għall-implimentazzjoni ta' għodod għal titjib fil-ġestjoni tar-riżorsi umani fil-kura tas-saħħa u miżuri biex jittejjeb il-benesseri tal-ħaddiema tas-saħħa barranin. Il-programm FSE+ jappoġġa t-taħriġ għall-professjonisti tas-saħħa, inkluż fil-kura fit-tul. Dawn ir-riformi għandhom itejbu l-produttività u jgħinu biex it-trattament tal-mard kroniku jinbidel minn kura kostintensiva fl-isptarijiet għal ambjenti tal-kura primarja u tal-kura fil-komunità, u b'hekk tittejjeb is-sostenibbiltà fiskali fit-tul tas-settur.

Minħabba d-diffikultajiet speċifiċi biex jiġu reklutati ħaddiema f'Malta, l-RRP jgħin biex l-offerti ta' impjieg jiġu allinjati mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Skont l-RRP tagħha, Malta nediet pjattaforma e-College: dan biex jiġu estiżi l-gwida u l-opportunitajiet dwar it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid għall-adulti kollha, u b'mod partikolari għal dawk b'livell baxx ta' ħiliet. Fir-rigward tal-ħiliet ekoloġiċi, l-ewwel 500 professjonist ġew imħarrġa u ċċertifikati għat-tranżizzjoni ekoloġika fis-settur tal-kostruzzjoni. Barra minn hekk, Malta bdiet tipprovdi boroż ta' studju lill-istudenti tal-Masters u tal-PhD f'teknoloġiji innovattivi, bħall-intelliġenza artifiċjali. B'mod komplementari, l-akbar sehem tal-baġit tal-FSE+ ta' Malta (43 %) huwa ddedikat għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità u inklużivi.

Billi tagħmel użu effettiv minn diversi sorsi ta' finanzjament, Malta qed tappoġġa lill-persuni b'diżabilità. Bħala parti mill-RRP, Malta nediet kmamar ta' tagħlim multisensorjali għall-istudenti bi ħtiġijiet serji fil-kulleġġi u unitajiet tal-awtiżmu fl-iskejjel ekondarji, u b'hekk appoġġat l-integrazzjoni ulterjuri tal-istudenti bi bżonnijiet speċjali fl-ambjent tal-iskola ġenerali. Il-Programm Operazzjonali tal-FSE+ ta' Malta jinkludi appoġġ immirat għall-persuni b'diżabilità ladarba dawn jitilqu mis-sistema edukattiva. Il-miżuri jkopru servizzi ta' taħriġ ġeneriċi u speċifiċi biex jinkisbu ħiliet rilevanti għax-xogħol (inklużi l-ħiliet tal-ICT) u l-għajxien indipendenti, u għall-appoġġ tal-esponiment għax-xogħol, l-apprendistati u l-ikkowċjar għall-impjiegi, u servizzi ta' gwida u mentoraġġ.

Tisħiħ tal-kapaċità diġitali u tal-qafas istituzzjonali

Malta ħadet passi kbar biex ittejjeb il-ġustizzja fit-tassazzjoni, u biex tiġġieled il-ħasil tal-flus u l-kriminalità finanzjarja. Bħala parti mill-RRP, Malta adottat liġi ġdida li tintroduċi regoli dwar l-ipprezzar tat-trasferimenti minn Jannar 2024, bl-għan li jiġu evitati opportunitajiet ta' trasferiment tal-profitti korporattivi. Ir-regoli jgħinu wkoll biex ikun hemm kundizzjonijiet

ekwi bejn in-negozji lokali u barranin. Malta aboliet l-eżenzjoni mit-taxxa għad-dividendi minn ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx u introduċiet skambju ta' informazzjoni spontanju dwar applikanti ġodda għall-iskema taċ-ċittadinanza tal-pajjiż. Fl-istess ħin, fl-2023, l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku appoġġa lil Malta fit-tisħiħ tal-konformità tat-taxxa permezz ta' rapportar f'ħin reali, u fit-titjib tal-kwalità u l-użu tal-informazzjoni dwar it-taxxa skambjata bejn l-Istati Membri fil-kuntest tad-Direttiva dwar il-kooperazzjoni amministrattiva. Għad fadal sfidi (ara t-Taqsima 3), iżda dawn ir-riformi jikkontribwixxu b'mod kollettiv għall-ħolqien ta' ambjent tan-negozju aktar trasparenti u konformi. Flimkien ma' dan, bħala parti minn aġenda komprensiva għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, Malta investiet f'bosta programmi ta' taħriġ għall-amministrazzjoni tagħha matul l-2021 u l-2024, b'approċċ iffukat fuq il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

L-RRF u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni jikkomplementaw lil xulxin fl-appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tas-setturi pubbliċi u privati ta' Malta. Bħala parti mill-RRP tagħha, Malta bdiet l-investiment tagħha fl-infrastruttura diġitali ewlenija tal-gvern biex ittejjeb ir-reżiljenza, il-kapaċità u s-sigurtà tagħha. Qed tinvesti wkoll fit-titjib tas-servizzi pubbliċi diġitali. Il-FEŻR jikkontribwixxi għad-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika billi jappoġġa t-tranżizzjoni lejn ambjent mingħajr karti. Dan se joffri diversi benefiċċji, inklużi livelli addizzjonali ta' sigurtà u t-titjib tal-interazzjonijiet taċ-ċittadini u tan-negozji mal-gvern. Fir-rigward tas-settur privat, Malta nediet tliet skemi ta' għotjiet iffinanzjati mill-RRF biex tappoġġa l-investiment tan-negozju fid-diġitalizzazzjoni, b'mod partikolari mill-SMEs. Il-FEŻR jassisti wkoll lill-kumpaniji permezz ta' għotjiet mhux ripagabbli biex jinvestu fid-diġitalizzazzjoni, inkluż fl-infrastruttura u t-tagħmir diġitali, is-software u l-liċenzji, u l-iżvilupp ta' pjanijiet għad-diġitalizzazzjoni ta' prodotti, servizzi u proċessi. L-avvanz tad-diġitalizzazzjoni kemm tas-settur pubbliku kif ukoll dak privat f'Malta huwa kruċjali għat-trawwim tal-innovazzjoni u l-kompetittività.

Malta ħadet miżuri biex issaħħaħ is-sistema ġudizzjarja, inkluż permezz tad-diġitalizzazzjoni. Sistema ġudizzjarja li tiffunzjona tajjeb iżżid il-fiduċja fl-indipendenza u l-effiċjenza tal-istituzzjonijiet u hija prerekwiżit għall-investiment u l-kompetittività fi kwalunkwe ekonomija. Ġew implimentati diversi riformi biex tissaħħaħ l-indipendenza tal-istituzzjonijiet, inklużi riformi fil-metodu tal-ħatra tal-ġudikatura, il-Kummissarju tal-Pulizija, u l-korp ewlieni ta' Malta kontra l-korruzzjoni. Wara l-ħolqien ta' servizz ta' prosekuzzjoni separat fl-2019, l-RRP ta' Malta jippermetti t-trasferiment ta' każijiet ta' prosekuzzjoni mill-pulizija permezz ta' emendi leġiżlattivi u tal-persunal tal-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. Fl-2023, l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku appoġġa lil Malta fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għar-riorganizzazzjoni tan-negozju tal-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u l-uffiċċju tal-Avukat tal-Istat. Kien strumentali wkoll fl-assistenza lil Malta biex tabbozza strateġija nazzjonali dwar il-ġustizzja diġitali għall-2022-2027. Il-bidu l-kbira tal-azzjonijiet inklużi f'din l-istrateġija qed jiġu implimentati permezz ta' investiment skont l-RRP ta' Malta. Dan l-investiment jara wkoll komplementarjetajiet bejn l-RRF, il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni 2014-2020, u l-FSE+ 2021-2027. Dan jippermetti l-integrazzjoni ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi fis-soċjetà Maltija, inkluż permezz tal-forniment ta' hardware u software tal-ICT lill-migranti li qed jiffaċċjaw diffikultajiet ekonomiċi.

Kaxxa 3:

Azzjoni kkombinata għal fondi tal-UE li jħallu aktar impatt

Biex tingħata spinta lit-tkabbir ekonomiku u jiġi massimizzat l-impatt tal-finanzjament tal-UE, l-RRP ta' Malta jinkludi riformi li jappoġġaw investimenti taħt strumenti oħra tal-UE, u dan joħloq sinerġiji u komplementarjetajiet importanti bejn id-diversi fondi. Pereżempju, biex jitnaqqas l-iskart u jiġu stimulati l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ, l-RRP ta' Malta jinkludi riformi biex il-ġbir tal-iskart jiġi ttrasferit lejn ir-reġjuni, inkluż il-ġbir ta' materjali riċiklabbli. Dan huwa kkomplementat mill-investimenti ffinanzjati mill-FEŻR biex ikun permess l-irkupru tal-enerġija billi jinqabdu l-prodotti sekondarji tat-trattament tal-iskart organiku u biex jinħolqu kundizzjonijiet għat-tnaqqis tar-rimi tal-iskart organiku fil-miżbliet. Riformi addizzjonali skont l-RRP ta' Malta huma relatati mal-adozzjoni ta' standards ġodda tal-kostruzzjoni, flimkien mat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni ta' professjonisti fl-industrija tal-kostruzzjoni. Dawn ir-riformi qed joħolqu qafas ta' investiment domestiku usa' ta' appoġġ, inkluż għal proġetti ta' rinnovazzjoni tal-enerġija ffinanzjati minn riżorsi kkombinati mill-RRP u mill-FEŻR, li kollha għandhom l-għan li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju, u li jtejbu l-produttività u l-kompetittività ekonomika.

PRIJORITAJIET ULTERJURI GĦALL-ĠEJJIENI


Malta qed tiffaċċja sfidi addizzjonali relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika, is-sostenibbiltà fiskali u t-tassazzjoni, in-nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa u eżiti baxxi fl-edukazzjoni, is-suq tax-xogħol u l-inklużjoni soċjali ta' gruppi żvantaġġati, l-intensità modesta tar-riċerka u l-iżvilupp, u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja. L-indirizzar ta' dawn l-isfidi se jgħin biex tiġi xprunata l-kompetittività fit-tul ta' Malta u tiġi żgurata r-reżiljenza tal-ekonomija tagħha. Dan se jgħin ukoll biex Malta tagħmel aktar progress fl-ilħiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs, Sustainable Development Goals). Huwa importanti li l-isfidi identifikati jiġu indirizzati kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak reġjonali biex jitnaqqsu d-disparitajiet bejn Malta u Għawdex, biex jiġi żgurat territorju koeżiv fil-gżira ta' Malta, u biex tittejjeb il-kapaċità amministrattiva u ta' assorbiment b'mod bilanċjat madwar il-gżejjer.

Promozzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika

It-tranżizzjoni ekoloġika ta' Malta hija mxekkla mid-dominanza tal-fjuwils fossili fl-ekonomija tagħha (ara l-Annessi 6, 7 u 8). Għalkemm l-enerġija rinnovabbli qed iżżid is-sehem tagħha, din tiġġenera 13,4 % biss tal-enerġija ta' Malta, li huwa wieħed mill-aktar ishma baxxi fl-UE u huwa ferm taħt il-mira indikattiva tal-2030 ta' 28 %. Filwaqt li l-kapaċità tal-enerġija solari installata mill-fotovoltajċi qed tiżdied bil-mod (b'4 % fl-2023) ([3]), ir-riforma li għaddejja skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP) li tobbliga installazzjonijiet tal-enerġija solari fuq ċertu bini ġdid għandha żżid b'mod konsiderevoli l-introduzzjoni tagħhom. Fi Frar 2024 tnediet konsultazzjoni preliminari tas-suq għal park solari galleġġanti.

Il-kisbiet fl-effiċjenza enerġetika naqqsu r-ritmu tagħhom, minkejja potenzjal sinifikanti għall-iffrankar tal-enerġija fil-bini. Il-konsum finali tal-enerġija ta' Malta fl-2022 żdied b'19,3 % meta mqabbel mal-2021. Il-bini, li jammonta għal kważi nofs id-domanda totali għall-enerġija ta' Malta (ara l-Graff 3.1), ikkontribwixxa għaż-żieda fil-konsum tal-enerġija. Il-miżuri ta' appoġġ ta' emerġenza tal-enerġija għadhom fis-seħħ u jdgħajfu s-sinjal tal-prezz għall-iffrankar tal-enerġija. Immirar aktar preċiż, u l-istabbiliment ta' perjodu ta' żmien għall-eliminazzjoni gradwali tagħhom, itejbu l-effettività u s-sostenibbiltà fiskali tas-sussidji (il-kost fiskali ta' dawn il-miżuri huwa stmat għal 2 % tal-PDG fl-2024 u 1 % fl-2025). It-tħassib dwar is-sikurezza u l-kwalità għadu jolqot l-industrija tal-kostruzzjoni. L-implimentazzjoni robusta tar-rakkomandazzjonijiet imressqa mill-inkjesta pubblika riċenti żżid il-kwalità, is-sikurezza u l-effiċjenza enerġetika tal-kostruzzjoni.

Graff 3.1: **Domanda għall-enerġija skont is-settur f'Malta, 2022**



Sors: il-Eurostat

Hemm bżonn li titnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku u l-emissjonijiet għoljin mit-trasport bit-triq. L-emissjonijiet tal-gassijiet

([3]) Ir-rapport IRENA (2023).

serra mit-trasport bit-triq żdiedu bi 23,3 % meta mqabbel mal-livelli tal-2005 (ara l-Anness 6). Il-projbizzjoni tal-kirjiet tal-iscooters elettriċi minn Marzu 2024 naqqset l-għażliet ta' mobbiltà alternattiva. Kien hemm żieda ta' aktar minn terz fl-utenti tat-trasport pubbliku minn meta s-servizz tal-karozzi tal-linja sar bla ħlas lejn l-aħħar tal-2022. Madankollu, il-karozzi tal-passiġġieri għadhom jammontaw għal 86 % tat-trasport tal-passiġġieri f'Malta. Din ix-xejra tirrifletti wkoll il-fatt li hemm diżinċentivi limitati għall-użu tal-karozzi privati. Għandha tingħata preferenza lill-kwalità tat-trasport pubbliku, it-trasport marittimu tal-merkanzija, it-titjib fil-passaġġi pedonali, il-mogħdijiet għall-karozzi tal-linja, u l-iżvilupp ta' toroq multimodali.

L-adozzjoni ta' vetturi elettriċi għandha tiġi aċċellerata. Fl-2022, il-vetturi elettriċi kienu jikkostitwixxu 0,8 % biss tal-flotta tal-karozzi tal-passiġġieri. L-inċentivi finanzjarji għax-xiri ta' tali vetturi huma pass fid-direzzjoni t-tajba. Madankollu, fl-2023, ġie offrut punt wieħed biss tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku tal-gvern għal kull 33 vettura elettrika (UE: 1 għal kull 10 vetturi). Il-finanzjament tal-FEŻR qed jintuża biex titħaffef l-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar pubbliċi, biex jiġi inċentivat ix-xiri tagħhom, f'konformità mal-ambizzjoni klimatika ta' Malta.

Il-ġestjoni sostenibbli tal-ilma hija ta' tħassib għall-pajjiż bi skarsezza tal-ilma, speċjalment fid-dawl taż-żieda fid-domanda (ara l-Anness 6). Huma 37 % tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ ta' Malta biss li jinsabu fi stat ekoloġiku tajjeb u 53 % li jinsabu fi stat kimiku tajjeb. L-ilma ta' taħt l-art f'Malta jinsab taħt pressjoni mill-provvista tal-ilma muniċipali, mill-agrikoltura, mit-turiżmu u mit-tkabbir fil-popolazzjoni. L-estrazzjoni eċċessiva tal-ilma ta' taħt l-art qed tikkawża s-salinizzazzjoni tiegħu. Barra minn hekk, Malta għadha dejjem aktar vulnerabbli għal maltempati severi, għargħar urban għal għarrieda u mewġiet ta' sħana.

Malta tiġġenera ammont kbir ħafna ta' skart muniċipali u ħafna minnu jintrema fil-miżbliet. Il-ġenerazzjoni tal-iskart muniċipali kienet ta' 618 kg *per capita* fl-2022, li hija fost l-ogħla fl-UE. Fl-2021 ir-rata ta' riċiklaġġ għall-iskart muniċipali kienet ta' 13,6 % biss, li hija ħafna anqas kemm mill-medja tal-UE ta' 48,6 % kif ukoll mill-mira tal-2020 ta' 50 %.

Malta għadha qed tiffaċċja sfidi fl-oqsma tal-bijodiversità u l-protezzjoni tan-natura. Fi tmiem l-2021, 29 % taż-żona tal-art ta' Malta u 5,5 % taż-żona tal-baħar tagħha kienu taħt protezzjoni. Il-prattiki illegali tal-kaċċa u l-insib tal-għasafar migratorji joħolqu aktar problemi għall-organiżmi selvaġġi.

L-indirizzar tas-sostenibbiltà fiskali u l-isfidi tat-tassazzjoni

It-tkabbir futur ipproġettat fin-nefqa fuq is-saħħa, il-kura fit-tul u l-pensjonijiet joħloq riskji għas-sostenibbiltà fiskali fit-tul ([4]). L-infiq tal-gvern relatat mal-età huwa mistenni li jiżdied b'mod sinifikanti. Fl-2022, in-nefqa pubblika fuq il-pensjonijiet (attwalment 6,2 % tal-PDG, fost l-aktar baxxi fl-UE), hija pproġettata li tiżdied għal 10,5 % tal-PDG sal-2070, u hija waħda mill-ogħla żidiet proġettati fl-UE. In-nefqa tal-gvern fuq il-kura tas-saħħa, li hija relattivament baxxa fil-livell ta' 5,1 % tal-PDG fl-2022, hija proġettata li tiżdied għal 7,2 % tal-PDG sal-2070, li hija qrib il-proġettazzjonijiet għall-medja tal-UE (7,3 %). L-infiq pubbliku fuq il-kura fit-tul ukoll huwa mistenni li jiżdied minn 1,2 % tal-PDG fl-2022 għal 3,4 % sal-2070. Il-kura fid-djar għandha sehem ta' 8 % biss (meta mqabbel ma' 29 % fil-livell tal-UE).


Jistgħu jsiru sforzi biex tissaħħaħ l-istituzzjoni fiskali indipendenti. Il-Kunsill Konsultattiv Fiskali ta' Malta huwa istituzzjoni fiskali indipendenti żgħira. L-analiżi tal-ispejjeż tal-politika u tas-sostenibbiltà mhijiex inkluża b'mod espliċitu fil-mandat tal-Kunsill Konsultattiv Fiskali ta' Malta, iżda hija libera li

([4]) Ara l-Anness 21. L-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn turi li r-riskji għas-sostenibbiltà tal-finanzi tal-gvern ta' Malta huma għoljin fit-terminu twil.

twettaq tali kompiti. Mill-2015, il-baġit tiegħu ġie ffriżat f'termini reali bil-liġi.

Is-sistema tat-taxxa ta' Malta għandha potenzjal għal titjib fl-effiċjenza, inkluż fir-rigward tal-ġbir. Fl-2022, id-dħul mit-taxxa kien ta' 29 % tal-PDG (meta mqabbel mal-40,2 % tal-UE), peress li t-taxxi fuq ix-xogħol għadhom aktar baxxi mill-medja tal-UE. Is-sistema għadha tiddependi ħafna fuq it-taxxi korporattivi fuq l-introjtu, u b'hekk issir vulnerabbli għal tnaqqis fir-ritmu ekonomiku. Id-dħul mit-taxxa fuq il-proprjetà ta' Malta ammonta biss għal 0,8 % tal-PDG fl-2021, li huwa sostanzjalment inqas mill-medja tal-UE ta' 2,2 %, u ma hemm l-ebda taxxa rikorrenti fuq il-proprjetà. Minkejja li imponiet waħda mill-aktar rati standard baxxi tal-VAT fl-UE, fl-2021 Malta kellha t-tieni l-ogħla diskrepanza tal-VAT fl-UE b'25,7 % (id-diskrepanza bejn l-obbligazzjoni teoretika tat-taxxa u d-dħul effettivament miġbur), li huwa livell li huwa aktar minn ħames darbiet ogħla mill-medjan.

Graff 3.2: **Is-seħem tal-istokk nett ta' investiment dirett barrani (FDI, foreign direct investment) eżoġenu u endoġenu miżmum minn entitajiet mingħajr preżenza jew bi ftit preżenza f'Malta (Entità bi Skop Speċjali)**



(1) Id-*data* dwar l-istokk nett intużat minħabba li d-*data* dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet mhijiex disponibbli għal Malta.
(2) Id-*data* tal-2020 dwar l-FDI nett eżoġenu mhijiex disponibbli għal Malta.
Sors: il-Kummissjoni Ewropea

Ċerti indikaturi jissuġġerixxu li l-kumpaniji qed jużaw is-sistema tat-taxxa ta' Malta għall-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Dawn jinkludu l-livell persistentement għoli ta' investimenti diretti barranin miżmuma minn entitajiet ġuridiċi li ftit li xejn għandhom impjieg, operazzjonijiet jew preżenza fiżika f'Malta u li żdiedu ħafna aktar malajr mill-2019 milli żdiedu fl-UE (il-Graff 3.2), u l-pagamenti kbar ta' royalties, mgħax u dividendi.

Malta ħadet passi importanti biex tnaqqas il-prattiki tal-ippjanar aggressiv tat-taxxa, iżda hemm bżonn li jsir aktar biex jingħalqu l-lakuni. Malta implimentat l-inizjattivi internazzjonali u Ewropej miftiehma, u qed tindirizza wkoll il-kwistjoni fl-RRP tagħha (ara t-Taqsima 2). B'mod importanti, Malta impenjat ruħha li tintroduċi leġiżlazzjoni ġdida biex tindirizza r-riskji ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa li jirriżultaw minn pagamenti deħlin u ħerġin. Madankollu, sakemm Malta tippromulga u tinforza l-leġiżlazzjoni l-ġdida li timponi taxxi minn ras l-għajn (jew miżuri difensivi ekwivalenti) fuq pagamenti lil ġuriżdizzjonijiet b'taxxa baxxa jew b'taxxa żero, hemm riskju li dawn il-pagamenti jħallu l-UE mingħajr ma jiġu ntaxxati. Barra minn hekk, it-trattament ta' Malta ta' kumpaniji residenti mhux domiċiljati jkompli jipprovdi lill-kumpaniji multinazzjonali b'opportunitajiet ta' nontassazzjoni doppja. Dawn il-kwistjonijiet huma indirizzati parzjalment biss mid-Direttiva tal-UE dwar it-Taxxa Minima ([5]), li tapplika biss għal korporazzjonijiet kbar.

L-iskema taċ-ċittadinanza b'investiment ta' Malta għadha tqajjem tħassib serju fid-dawl taċ-ċittadinanza tal-UE u l-prinċipju tal-kooperazzjoni leali. Il-Kummissjoni Ewropea tqis li Malta għandha tħassar l-iskema tagħha ta' ċittadinanza b'investiment ("passaport tad-deheb"), u f'Settembru 2022, iddeċidiet li tressaq lil Malta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. It-tressiq sar f'Marzu 2023 u l-proċedura għadha għaddejja. Skema bħal din tippreżenta wkoll riskji inerenti fir-rigward tas-sigurtà, il-ħasil tal-flus, l-evażjoni tat-taxxa, u l-korruzzjoni ([6]).

([5]) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/2523 tal-14 ta' Diċembru 2022, Disponibbli fuq:http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2523/oj

([6]) Il-Kummissjoni Ewropea (2019): https://commission.europa.eu/document/download/8606453f-7ee7-432b-b49d-f4b9feebee97_en?filename=com_2019_12_final_report.pdf

L-iżgurar ta' opportunitajiet indaqs u tal-kompetittività permezz ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità

In-nuqqas u l-ispariġġ ta' ħaddiema u fil-ħiliet huma ostaklu pervaživ għall-kompetittività u għat-tranżizzjonijiet doppji. Aktar minn nofs in-negozji kollha f'Malta jqisu li t-tkabbir tagħhom kien qed jinżamm lura min-nuqqas ta' ħiliet (62 %) ([7]). Fl-ewwel trimestru tal-2024, in-nuqqas ta' ħaddiema ġie rrapportat bħala fattur li jillimita l-produzzjoni f'Malta b'madwar id-doppju tal-medja tal-UE fis-servizzi (52,2 % meta mqabbel ma' 26,8 %), u fl-industrija (46,3 % meta mqabbel ma' 22,8 %). Barra minn hekk, 69 % tal-intrapriżi jirrapportaw pożizzjonijiet vakanti li huma diffiċli biex jimtlew għal impjiegi li jeħtieġu ħiliet speċjalizzati fl-ICT (63 % fl-UE; ara l-Anness 10). L-ispariġġ fil-ħiliet għadu sfida urġenti f'Malta, kemm f'termini ta' livelli kif ukoll ta' oqsma tal-ħiliet. In-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet jista' joħloq ukoll ostakli fit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet żero netti ([8]).

It-tluq bikri mill-iskola u l-parteċipazzjoni baxxa fit-tagħlim fost il-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet jirriskjaw li jkomplu jżidu n-nuqqas ta' ħiliet. Ir-rata tal-persuni li jitilqu kmieni mill-iskola qiegħda tonqos (-8,1 punti perċentwali mill-2012) iżda xorta għadha kemxejn ogħla mill-medja tal-UE fl-2023 (10,0 % vs 9,5 % fl-UE), u dan iżid il-grupp li diġà huwa kbir ta' adulti b'livell baxx ta' ħiliet (grupp ta' età minn 15 sa 64 sena; 33,1 % vs UE 24,9 %). Minkejja li s-sehem tal-adulti (grupp ta' età minn 25 sa 64 sena) li jipparteċipaw fl-edukazzjoni u t-taħriġ fl-aħħar 12-il xahar huwa konformi mal-medja tal-UE, jeżistu differenzi sinifikanti fost il-livelli ta' edukazzjoni. Fost l-adulti b'livell baxx ta' ħiliet (25-64 sena), l-istess sehem kien biss ta' 16,3 %, meta mqabbel ma' 37,6 % fost dawk b'ħiliet medji, u 65,9 % fost dawk b'edukazzjoni terzjarja ([9]). Għalkemm 63 % tal-adulti kellhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi fl-2023 (UE: 55,5 %), id-differenzi skont il-livelli tal-ħiliet huma sinifikanti. It-titjib tal-eżiti tal-edukazzjoni u l-ħiliet, b'mod partikolari għall-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet, jista' jgħin biex jiżdiedu l-produttività u l-pagi.

In-nuqqas ta' ħiliet bażiċi fost iż-żgħażagħ jirrappreżenta riskju għall-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetittività. L-aħħar riżultati tal-Programm tal-OECD għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA) ([10]) juru li 32,6 % tal-istudenti Maltin kellhom prestazzjoni baxxa fil-matematika, 36,3 % fil-qari, u 30,3 % fix-xjenza. Dawn huma fost l-ogħla ishma ta' kisbiet baxxi fl-UE (ara l-Graff 3.3). Ir-rata ma nbidlitx fil-matematika u fil-qari mill-2015 ([11]). Fix-xjenza, is-sehem naqas b'2,2 punti perċentwali minn dak iż-żmien, iżda għadu 6,1 punti perċentwali ogħla mill-medja tal-UE (30,3 % vs 24,2 %). Dawn ir-riżultati negattivi huma konformi ma' dawk irreġistrati mill-Istudju tal-2021 dwar il-Progress fil-Litteriżmu fil-Qari Internazzjonali. Ir-rata Maltija fil-qari tal-istudenti tar-raba' sena bi prestazzjoni baxxa kienet fost l-ogħla fost is-sistemi edukattivi parteċipanti tal-UE (30 % vs 23 % fil-livell tal-UE-19) ([12]). Il-fatturi li jistgħu jikkontribwixxu għal prestazzjoni fqira jinkludu rata għolja ta' assenteiżmu, u sfidi marbuta mal-professjoni tat-tagħlim li għandhom impatt fuq il-kwalità tat-tagħlim (ara l-Anness 15).

Il-progress insuffiċjenti huwa mifrux u d-distakk soċjoekonomiku ma tjiebx mill-2015. Fl-2022, madwar 47,7 % tal-istudenti mill-kwartil soċjoekonomiku tal-qiegħ kellhom nuqqas ta' ħiliet bażiċi fil-matematika (47,5 % fl-UE) u r-rata għall-kwartil ta' fuq kienet għolja wkoll (17,2 % vs 11 % fl-UE). Dan juri li l-progress insuffiċjenti ma jikkonċernax biss

([7]) L-Ewrobarometru dwar is-Sena Ewropea tal-Ħiliet, 2023.

([8]) L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol 2024, EURES Report on labour shortages and surpluses 2023.

([9]) L-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti, l-adulti fit-tagħlim f'dawn l-aħħar 12-il xahar, estrazzjoni speċjali minbarra taħriġ iggwidat fuq il-post tax-xogħol


([10]) OECD (2023), PISA 2022 Results (Volume I): The State of Learning and Equity in Education.

([11]) Malta ma pparteċipatx fil-PISA 2012.

([12]) Il-Kummissjoni Ewropea, (2023). Education and Training Monitor – Malta.

lill-istudenti żvantaġġati. Ir-riżultati huma ferm aħjar għall-istudenti li jattendu skejjel indipendenti, u dan jindika frammentazzjoni fis-sistema skolastika (ara l-Anness 15).

Graff 3.3:**Rati ta' progress insuffiċjenti skont il-qasam, PISA 2015, 2018 u 2022**



Sors: l-OECD (2023)

Il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u fil-kura bikrija tat-tfal li għandhom aktar minn 3 snin qed tkompli tonqos. Ir-rata kienet ta' 86,2 % fl-2021, meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 92,5 %, u kompliet tonqos b'2,9 punti perċentwali mill-2020. Fl-istess ħin, minkejja titjib sinifikanti matul l-aħħar deċennju, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi għadha kbira (14,2 punt perċentwali fl-2023 meta mqabbel ma' 10,2 punti perċentwali fl-UE), filwaqt li d-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet hija waħda mill-usa' fl-UE (45 punt perċentwali vs 26,1 punt perċentwali fl-UE fl-2022; (grupp ta' età minn 65 sa 79 sena) (ara l-Anness 14).

L-indikaturi tal-faqar f'Malta huma taħt il-medja tal-UE b'mod ġenerali, iżda għadhom għoljin għal gruppi speċifiċi. Is-sehem ta' nies Maltin f'riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali kien ta' 20,1 % fl-2022, li huwa ftit anqas mill-medja tal-UE. Madankollu, din ir-rata baqgħet għolja fost in-nazzjonali mhux tal-UE (30,6 %), l-adulti b'livell baxx ta' ħiliet (30,9 %), il-persuni li għandhom aktar minn 65 sena (33,3 %), b'mod partikolari n-nisa anzjani u l-persuni b'diżabilità (36 %). Dan tal-aħħar huwa marbut ukoll ma' differenza għolja u li qed tiżdied fl-impjiegi għall-persuni b'diżabilità, li, fil-livell ta' 30,1 punt perċentwali, hija ferm ogħla mill-medja tal-UE (21,4 punt perċentwali). In-nazzjonali ta' pajjiżi terzi spiss jiffaċċjaw kundizzjonijiet tax-xogħol diffiċli, huwa aktar probabbli li jkunu vittmi ta' mġiba abbużiva minn impjegaturi u aġenziji, u jiffaċċjaw diffikultajiet biex jaċċessaw l-akkomodazzjoni. Għalkemm is-sehem ta' tfal f'Malta f'riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għadu taħt il-medja tal-UE, it-tfal ta' ġenituri waħedhom jew tfal b'ġenituri b'livell baxx ta' ħiliet jiffaċċjaw riskju akbar. L-impatt tat-trasferimenti soċjali li jnaqqsu l-faqar (eskluż l-pensjonijiet) għadu ta' 26,4 % (vs 35,0 % fl-UE), li huwa wieħed mill-aktar baxxi fl-UE (ara l-Anness 14).

Żieda fir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiġu appoġġati l-produttività u l-kompetittività

Il-potenzjal tar-riċerka u l-innovazzjoni biex tingħata spinta lill-produttività u l-kompetittività għadu mhux użat biżżejjed. Malta għadha "innovatur moderat", skont it-Tabella ta' Valutazzjoni Ewropea tal-Innovazzjoni tal-2023. Il-prestazzjoni tagħha hija ta' 85,8 % tal-medja tal-UE, għalkemm id-distakk fil-prestazzjoni tal-pajjiż mal-UE naqas. L-implimentazzjoni effettiva tal-azzjonijiet stabbiliti fl-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti adottata dan l-aħħar għall-2021-2027 u l-pjan strateġiku nazzjonali għar-riċerka u l-innovazzjoni għall-2023-2027 huma kruċjali għat-titjib tal-ekosistema u l-prestazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni f'Malta.

Malta tbati minn nuqqas ta' investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat. L-intensità totali tar-riċerka u l-iżvilupp hija ferm aktar baxxa mill-medja tal-UE (0,69 % vs 2,24 % tal-PDG) (ara l-Anness 11). L-investiment pubbliku fir-riċerka u l-iżvilupp ilu staġnat mill-2010 u għadu ferm taħt il-medja tal-UE. Minkejja żieda progressiva, in-nefqa privata fir-riċerka u l-iżvilupp hija baxxa ħafna meta mqabbla ma' Stati Membri oħra.

In-nuqqas ta' kapital uman huwa ta' piż fuq il-kapaċità tal-innovazzjoni. In-nuqqas ta' riżorsi umani speċifikament għar-riċerka u

l-innovazzjoni huwa ta' tħassib kbir. L-għadd ta' gradwati ġodda fix-xjenza u l-inġinerija huwa baxx b'mod kritiku u qed ikompli jonqos. Barra minn hekk, l-għadd ta' riċerkaturi impjegati kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat huwa baxx ħafna.

Is-swieq kapitali u l-investiment kapitali privat għadhom relattivament sottożviluppati, u jillimitaw l-għażliet disponibbli għall-korporazzjonijiet mhux finanzjarji għall-finanzjament. Jista' jkun hemm lok biex tissaħħaħ il-fiduċja tal-investituri fil-listi tas-swieq tal-ishma, u biex tiżdied l-attraenza ġenerali tal-finanzjament tas-suq, billi jiġu promossi standards għoljin ta' governanza korporattiva u divulgazzjoni. Barra minn hekk, jistgħu jsiru aktar sforzi biex jiġu ffaċilitati l-offerti pubbliċi inizjali, u biex jitnaqqsu l-kostijiet għall-emittenti u l-investituri. Il-promozzjoni tal-litteriżmu finanzjarju hija kruċjali wkoll biex jitrawwem l-investiment fil-livell tal-konsumatur.

Titjib tal-effiċjenza u l-kwalità tas-sistema ġudizzjarja

Filwaqt li Malta rreġistrat titjib fit-tul tal-proċeduri ġudizzjarji, dan għadu fost l-itwal fl-UE. Iż-żmien stmat meħtieġ biex jiġu riżolti kawżi amministrattivi fil-prima istanza naqas minn 1 356 jum għal 1 081 jum iżda għadu l-itwal fl-UE. Fl-2022, ġie rreġistrat ukoll titjib fid-durata medja tal-kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi fil-prima istanza, li naqset għal 491 jum minn 529 jum fl-2021, għalkemm għadha relattivament twila. Ir-rata tal-għeluq għal kawżi ċivili, kummerċjali u amministrattivi marret għall-agħar minn 89 % fl-2021 għal 87 % fl-2022 (ara l-Anness 13). Dan wassal lill-Kummissjoni biex toħroġ rakkomandazzjoni lil Malta fir-Rapport tagħha tal-2022 u tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt.

Kaxxa 4

Ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni għal Malta

Ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni huwa opportunità biex jiġu vvalutati l-programmi tal-politika ta' koeżjoni u jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u l-isfidi emerġenti fl-Istati Membri tal-UE u r-reġjuni tagħhom. L-Istati Membri qed jirrieżaminaw kull programm, filwaqt li jqisu, fost l-oħrajn, l-isfidi identifikati fis-Semestru Ewropew, inkluż fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2024. Dan ir-rieżami jifforma l-bażi għal proposta mill-Istat Membru għall-allokazzjoni definittiva ta' 15 % tal-finanzjament tal-UE inkluż f'kull programm.

Malta għamlet progress fl-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, iżda għad hemm sfidi kif deskritt f'dan ir-rapport, inklużi l-Annessi 14 u 17. F'dan l-isfond, għadu importanti li titkompla l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet ippjanati, b'attenzjoni partikolari għal dan li ġej: (i) investimenti fl-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli, biex jiġi promoss l-iffrankar tal-enerġija, biex tissaħħaħ is-sostenibbiltà fis-settur tal-enerġija u biex tonqos id-dipendenza tagħha fuq is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli; (ii) xprunar tal-investimenti f'soluzzjonijiet multimodali sostenibbli u mobbiltà attiva bil-ħsieb li tonqos il-konġestjoni tat-traffiku u jonqsu l-emissjonijiet mit-trasport bit-triq; (iii) titjib tal-isforzi għall-ġestjoni tal-ilma sostenibbli u tal-ilma mormi; (iv) appoġġ tal-prattiki ta' ekonomija ċirkolari u massimizzazzjoni tal-potenzjal tar-riċiklaġġ sabiex jonqos ir-rimi fil-miżbliet u jintlaħqu l-miri tar-riċiklaġġ; (v) tisħiħ tat-tagħlim għall-adulti, biex jiżdied il-livell tal-ħiliet tal-popolazzjoni u jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema, u (vi) promozzjoni tas-suq tax-xogħol u integrazzjoni soċjali tal-gruppi vulnerabbli, speċjalment nazzjonali ta' pajjiżi terzi u persuni b'diżabbiltà, u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol.

Malta tista' tibbenefika mill-opportunitajiet ipprovduti mill-inizjattiva tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi (STEP, Strategic Technologies for Europe Platform) għall-Ewropa biex tappoġġa l-awtonomija strateġika tal-UE u l-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-industrija ([13]).

L-RRP ta' Malta jintroduċi miżuri biex tittejjeb l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja għalkemm in-nuqqas ta' riżorsi għadu meqjus bħala ostaklu kbir għal aktar progress. Il-ħolqien ta' servizz ta' prosekuzzjoni separat, li effettivament jeħles lill-pulizija minn ħafna mill-funzjonijiet ta' prosekuzzjoni tagħhom fil-qrati maġisterjali, ippermetta speċjalizzazzjoni akbar fil-prosekuzzjonijiet u aktar żmien li l-pulizija jistgħu jiddedikaw għall-investigazzjonijiet. Madankollu, nuqqas ta' riżorsi fil-qrati qed ixekkel l-effiċjenza tal-ġustizzja. Filwaqt li l-għadd ta' membri tal-ġudikatura jinsab f'livell rekord, b'żieda netta ta' 11-il imħallef u maġistrat maħtura mill-2020 (anke bħala parti mill-impenji ta' Malta skont l-RRP tagħha), l-għadd ta' membri ġudizzjarji għal kull abitant għadu relattivament baxx u l-ispeċjalizzazzjoni spiss hija nieqsa. In-nuqqas ta' persunal ikkwalifikat, minkejja l-isforzi ta' reklutaġġ li qed isiru, huwa notevoli wkoll. Kwalunkwe żieda fil-kapital uman trid tkun akkumpanjata minn żieda fid-disponibbiltà tal-ispazju, kemm f'termini ta' kmamar tal-qorti kif ukoll ta' spazju għall-uffiċċji.

L-immodernizzar ta' ċerti prattiki tax-xogħol itejjeb ukoll il-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja. Reviżjoni reċenti fil-proċedura tal-appelli, li tippermetti li l-kawżi jipproċedu għas-sentenza wara proċedura bil-miktub minflok f'seduta bil-miftuħ, naqqset ix-xogħol b'lura fil-Qrati tal-Appell. Diversi proċeduri oħra, irregolati minn liġijiet qodma, jistgħu jibbenefikaw ukoll minn titjib. It-twettiq ta' valutazzjonijiet tal-impatt biex jiġu vvalutati l-effetti li l-leġiżlazzjoni proposta jkollha fuq il-funzjonament tal-qrati jista' jnaqqas ukoll il-piż ta' leġiżlazzjoni ġdida fuq

([13]) Ir-Regolament (UE) 2024/795.

il-ħidma tal-ġudikatura. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda proċedura formalizzata għall-parteċipazzjoni pubblika fil-proċess leġiżlattiv, li wasslet biex Malta tirċievi rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni fir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt.

SEJBIET EWLENIN

Bl-ambitu ta' politika wiesa' tiegħu, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP) ta' Malta jinkludi miżuri biex jiġu indirizzati sensiela ta' sfidi strutturali, f'sinerġija ma' fondi oħra tal-UE, inklużi l-fondi tal-politika ta' koeżjoni, billi:

- **Jiġi elettrifikat it-trasport bit-triq** u jiġi introdott it-trasport pubbliku mingħajr ħlas;
- **Tissaħħaħ u titwessa' l-grilja elettrika**, u jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-għoti ta' permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli;
- **Tittejjeb il-ġestjoni tal-iskart tal-kostruzzjoni u tad-demolizzjoni** u jiġi riorganizzat il-ġbir tal-iskart;
- **Jiġi modifikat b'mod retroattiv il-bini** kummerċjali u pubbliku;
- **Tissaħħaħ id-diġitalizzazzjoni tas-settur pubbliku**;
- **Jitnaqqsu l-proporzjonijiet għolja ta' studenti li jitilqu kmieni mill-iskola u ta' adulti b'livell baxx ta' ħiliet** u tittejjeb l-inklużività tal-edukazzjoni;
- **Titrawwem ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa**;
- **Tissaħħaħ l-indipendenza u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet tal-ġustizzja**, u jittejbu l-oqfsa kontra l-korruzzjoni u kontra l-ħasil tal-flus;
- **Tiġi riveduta s-sistema tat-taxxa**, inkluż bl-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni biex jiġu indirizzati l-karatteristiki li jippermettu prattiki ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa.

L-isforzi kontinwi huma kruċjali għal implimentazzjoni b'suċċess tal-miżuri kollha tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Malta sa Awwissu 2026.

Lil hinn mir-riformi u l-investimenti fl-RRP u l-programmi ta' politika ta' koeżjoni, Malta tibbenefika minn:

- **Tisħiħ tas-sostenibbiltà fiskali** tas-sistemi tal-pensjonijiet, tas-saħħa u tal-kura fit-tul, filwaqt li tinżamm l-adegwatezza tagħhom;
- **Indirizzar tal-karatteristiki li jifdal tas-sistema tat-taxxa** li jiffaċilitaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa;
- **It-teħid ta' passi konkreti biex jitneħħew gradwalment il-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija ta' emerġenza.**
- **Żieda fl-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja** biex jitqassru l-proċedimenti tal-qorti;
- **Trawwim tar-riċerka u l-innovazzjoni u titjib tal-ambjent tan-negozju u aċċess għal finanzjament mhux bankarju**;
- **Tisħiħ tal-kwalità u r-rilevanza għas-suq tax-xogħol tal-edukazzjoni u t-taħriġ,** biex jiġu indirizzati l-eżiti edukattivi baxxi kif ukoll in-nuqqas serju ta' ħiliet u n-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet;
- **Tisħiħ ta' politiki mmirati** biex jiġi żgurat aċċess ugwali għas-suq tax-xogħol u opportunitajiet għal kulħadd;
- **Żgurar ta' protezzjoni soċjali adegwata u** effettiva għall-gruppi vulnerabbli, inklużi t-tfal;
- **Żieda fis-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita enerġetika**;

- **Tnaqqis tal-konġestjoni tat-traffiku, titjib tal-kwalità tat-trasport pubbliku**, u titjib tal-infrastruttura għaċ-ċikliżmu u l-mixi;
- **Tnaqqis tal-estrazzjoni żejda tal-ilma ta' taħt l-art**, limitazzjoni tal-ġenerazzjoni tal-iskart, żieda fir-riċiklaġġ, u titjib tal-bijodiversità.

ANNESSI

LISTA TAL-ANNESSI

Cross-cutting indicators 21

A1. Sustainable Development Goals 21

A2. Progress in the implementation of country-specific recommendations 23

A3. Recovery and resilience plan – implementation 27

A4. Other EU instruments for recovery and growth 29

A5. Resilience 32

Environmental sustainability 34

A6. European Green Deal 34

A7. Energy transition and competitiveness 38

A8. Fair transition to climate neutrality 43

Productivity 45

A9. Resource productivity, efficiency and circularity 45

A10. Digital transformation 47

A11. Innovation 50

A12. Industry and single market 52

A13. Public administration 57

Fairness 59

A14. Employment, skills and social policy challenges in light of the European Pillar of Social Rights 59

A15. Education and training 61

A16. Health and health systems 63

A17. Economic and social performance at regional level 65

Macroeconomic stability 67

A18. Key financial sector developments 67

A19. Taxation 69

A20. Table with economic and financial indicators 71

A21. Debt sustainability analysis 72

LISTA TA' TABELLI

A2.1. Summary table on 2019-2023 CSRs 24

A3.1. Key facts of the Maltese RRP 27

A3.2. Measures in Malta's RRP 28
A4.1. Support from EU instruments in Malta 31
A5.1. Resilience indices across dimensions for Malta and the EU-27 32
A6.1. Indicators tracking progress on the European Green Deal from a macroeconomic perspective 37
A7.1. Key Energy Indicators 41
A7.1. Key Energy Indicators 42
A8.1. Key indicators for a fair transition in Malta 44
A9.1. Circularity indicators 46
A10.1. Key Digital Decade targets monitored by the Digital Economy and Society Index indicators 49
A11.1. Key innovation indicators 51
A12.1. Industry and the Single Market 55
A13.1. Public administration indicators 58
A14.1. Social Scoreboard for Malta 59
A14.2. Situation of Malta on 2030 employment, adult learning and poverty reduction targets 60
A15.1. EU-level targets and other contextual indicators under the European Education Area strategic framework 62
A16.1. Key health indicators 64
A17.1. Selected indicators at regional level in Malta 66
A18.1. Financial soundness indicators 68
A19.1. Taxation indicators 70
A20.1. Key economic and financial indicators 71
A21.1. Analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn - Malta 74
A21.2. Mappa termika tar-riskji għas-sostenibbiltà fiskali Malta 74


LISTA TA' GRAFFS

A1.1. Progress towards the SDGs in Malta 21
A2.1. Malta's progress on the 2019-2023 CSRs (2024 European Semester) 23
A3.1. Total grants disbursed under the RRF 28
A4.1. Distribution of cohesion policy funding across policy objectives in Malta 30
A4.2. Distribution of RRF funding by pillar in Malta 30
A6.1. Greenhouse gas emissions from the effort sharing sectors in Mt CO2eq, 2005-2022 34
A6.2. Changes in livestock density and organic farming 36
A6.3. Environmental investment gap, annual average 36
A7.1. Malta's energy retail prices for households and industry & service 38
A7.2. Trends in electricity prices for non-household consumers (EU and foreign partners) 39
A7.3. Malta's installed renewable capacity (left) and electricity generation mix (right) 39
A8.1. Fair transition challenges in Malta 43
A8.2. Job vacancy rate in transforming sectors and mining and quarrying 44
A9.1. ETS emissions by sector since 2013 45
A9.2. Treatment of municipal waste 46
A11.1. Public expenditure on R&D as a % of GDP 50
A12.1. Real labour productivity (GDP per hour worked), by sector, 2015=100 52
A12.2. Shares of services exports 53
A13.1. a) Government effectiveness, open government data and c) share of employees by education attainment level 58
A15.1. Underachievement in mathematics in Malta by country of birth, PISA 2022 61
A16.1. Life expectancy at birth, years 63
A16.2. Projected increase in public expenditure on healthcare over 2024-2070 63
A17.1. Malta, NUTS3: GDP per capita, Average Annual GDP per capita growth, Average Annual Productivity Growth 65
A18.1. Evolution of credit activity by sector 67
A19.1. Tax wedge for single and second earners as a % of total labour costs, 2023 69
A19.2. Total outgoing dividends by Member States in % of GDP, 2022 70

Dan l-Anness jivvaluta l-progress ta' Malta fl-ilħiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tul l-erba' dimensjonijiet tas-sostenibbiltà kompetittiva. Is-17-il SDG u l-indikaturi relatati tagħhom jipprovdu qafas ta' politika skont l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU. L-għan huwa li jintemmu l-forom kollha ta' faqar, jiġu miġġielda l-inugwaljanzi u jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, filwaqt li jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma kommessi favur dan il-ftehim qafas globali storiku u lesti li jaqdu rwol attiv fil-massimizzazzjoni tal-progress fuq l-SDGs. Il-graff ta' hawn taħt hija bbażata fuq is-sett ta' indikaturi tal-SDGs tal-UE li ġie żviluppat biex jimmonitorja l-progress fuq l-SDGs f'kuntest tal-UE.

Filwaqt li Malta qed titjieb fi għud mill-indikaturi tal-SDGs relatati mas-*sostenibbiltà ambjentali* (l-SDGs 2, 9, 12, 13), qed titbiegħed mill-SDG 7 (Enerġija affordabbli u nadifa), għalkemm għadha 'l fuq mill-medja tal-UE. Malta għandha prestazzjoni tajba fir-rigward tal-SDG 14 (Il-ħajja taħt l-ilma). Madankollu, qed titbiegħed mill-mira u jeħtieġ li tlaħħaq mal-medja tal-UE fir-rigward tal-SDG 11 (Bliet u komunitajiet sostenibbli). Għalkemm il-konsum tal-enerġija *per capita* ta' Malta huwa taħt il-medja tal-UE (l-SDG 7), is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija (13,4 %) huwa ferm inqas mill-medja tal-UE (23 % fl-2022; l-SDG 13). Fir-rigward tal-enerġija affordabbli, il-persentaġġ tal-popolazzjoni ta' Malta li ma tistax iżżomm darha sħuna b'mod adegwat żdied f'dawn l-aħħar 5 snin (7,6 % fl-2022 meta mqabbel ma' 6,3 % fl-2017) iżda huwa taħt il-medja tal-UE (9,3 %). Il-ġenerazzjoni tal-iskart *per capita* kienet ferm ogħla mill-medja tal-UE fl-2020 (MT: 6 847 kg meta mqabbel mal-UE: 4 813 kg) (l-SDG 12), u r-rata ta' riċiklaġġ għall-iskart muniċipali hija inqas minn terz tal-medja tal-UE (12,2 % meta mqabbel ma' 48,6 % għall-UE fl-2022; l-SDG 11). Hija 7,4 % biss tal-popolazzjoni ta' Malta li kienet konnessa mill-inqas

Graff A1.1:**Progress lejn l-SDGs f'Malta**



Għal settijiet tad-*data* dettaljati dwar l-SDGs varji, ara r-rapport annwali tal-Eurostat "Sustainable development in the European Union"; għal dettalji dwar *data* estensiva speċifika għall-pajjiżi dwar il-progress fuq perjodu qasir tal-Istati Membri: Key findings - Sustainable development indicators - Eurostat (europa.eu). Status għoli ma jfissirx li pajjiż ikun qrib li jilħaq SDG speċifiku, iżda jindika li jkun sejjer aħjar mill-medja tal-UE. Il-punteġġ tal-progress huwa miżura assoluta bbażata fuq ix-xejriet fl-indikaturi matul l-aħħar 5 snin. Il-kalkolu ma jqis l-ebda valur fil-mira peress li l-biċċa l-kbira tal-miri ta' politika tal-UE huma validi biss għal-livell aggregat tal-UE. Skont id-*data* disponibbli għal kull mira, mhux is-17-il SDG kollha għal kull pajjiż qed jidhru.
Sors: il-Eurostat, l-aħħar aġġornament tal-25 ta' April 2024. Id-*data* tirreferi prinċipalment għall-perjodu 2017-2022 jew 2018-2023. Id-*data* dwar l-SDGs tista' tvarja bejn ir-rapport u l-annessi tiegħu minħabba dati ta' skadenza differenti.

ma' trattament tal-ilma mormi sekondarju fl-2021 meta mqabbel ma' 80,9 % fil-livell tal-UE (l-SDG 11). Diversi miżuri fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP) għandhom l-għan li jikkontribwixxu għal effiċjenza enerġetika aħjar, enerġija nadifa, trasport sostenibbli, u ekonomija ċirkolari. Eżempji jinkludu rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika ta' bini privat u pubbliku, investiment fl-enerġija rinnovabbli għat-toroq u għall-ispazji pubbliċi, promozzjoni tat-trasport sostenibbli, u titjib fil-ġestjoni tal-iskart u miżuri biex jiżdiedu r-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid, inkluż fl-industriji tal-kostruzzjoni u tad-demolizzjoni. Flimkien mal-miżuri tal-RRP, il-Politika ta' Koeżjoni tappoġġa wkoll soluzzjonijiet multimodali biex tittejjeb il-mobbiltà (eż. mogħdijiet pedonali, korsiji għaċ-ċiklisti) u l-investiment f'impjant tal-ipproċessar organiku biex jitnaqqas l-ammont ta' skart organiku li jintrema fil-miżbliet.

Filwaqt li Malta għandha prestazzjoni tajba fir-rigward tax-xogħol deċenti u t-tkabbir ekonomiku (l-SDG 8) u, għalkemm għadha taħt il-medja tal-UE, qed ittejjeb l-edukazzjoni u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri (l-SDGs 4, 5), qed titbiegħed minn diversi SDGs relatati mal-*ġustizzja*, inkluži dawk li jindirizzaw il-faqar u l-inugwaljanzi (l-SDGs 1, 3, 7, 10). Malta għandha ħtiġijiet mediċi awtodikjarati mhux issodisfati baxxi ħafna (0,3 % fl-2022 meta mqabbel ma' 2,2 % għall-UE), iżda r-rata tal-obeżità qed tiżdied filwaqt li l-istennija tal-għomor b'saħħitha mat-twelid, għalkemm għadha ogħla mill-medja tal-UE, qed tonqos (l-SDG 3). Fir-rigward tal-SDG 4 (Edukazzjoni ta' kwalità), Malta naqqset b'mod sinifikanti s-sehem tagħha ta' persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ, li naqas minn 14 % (2018) għal 10,0 % fl-2023, għalkemm għadu ftit ogħla mill-medja tal-UE (9,5 %), u d-distakk bejn iċ-ċittadini tal-UE/mhux tal-UE huwa konsiderevoli (l-SDG 10). Hemm lok għal titjib fiż-żieda fil-livelli tal-ħiliet bażiċi (32,6 % ta' dawk li għandhom 15-il sena bi prestazzjoni baxxa fil-matematika meta mqabbel ma' 29,5 % fl-UE fil-Programm tal-OECD għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA) 2022). Is-sehem ta' tfal ta' aktar minn 3 snin fl-edukazzjoni bikrija tat-tfal naqas b'mod konsiderevoli minn 95 % fl-2016 għal 86,2 % fl-2021, li huwa ferm taħt il-medja tal-UE (92,5 %). Barra minn hekk, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi (l-SDG 5), għalkemm qed titjieb, hija partikolarment kbira f'Malta (14,2 punt perċentwali meta mqabbel ma' 10,2 punti perċentwali għall-UE fl-2023). Għalkemm għadu taħt il-medja tal-UE, is-sehem ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali (l-SDG 1) qed jiżdied (20,1 % fl-2022, li tela' minn 19,4 % fl-2017), b'distakk sinifikanti bejn iż-żoni urbani u dawk rurali (l-SDG 10). Ir-riformi u l-investimenti fl-RRP ta' Malta qed jgħinu biex tissaħħaħ is-sistema tas-saħħa, jiġu pprovduti edukazzjoni u taħriġ inklużivi ta' kwalità, u tiġi promossa l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol.

Fir-rigward tal-indikaturi tal-SDGs relatati mal-*produttività*, Malta għandha prestazzjoni tajba (l-SDG 8) jew qed titjieb (l-SDGs 4, 9). Malta żiedet b'mod kostanti r-rata tal-edukazzjoni terzjarja tagħha minn 40,2 % fl-2018 għal 46,3 % fl-2023 (meta mqabbel ma' 43,1 % għall-UE; l-SDG 4). Barra minn hekk, kemm il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment f'dawn l-aħħar 4 ġimgħat (16,5 %) kif ukoll il-persentaġġ ta' adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi (l-SDG 4; 63 %) huma ogħla mill-medja tal-UE (12,7 % u 55,6 %, rispettivament). Madankollu, fir-rigward tal-innovazzjoni (l-SDG 9), is-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni ta' Malta tbati minn nuqqas ta' investiment kif jidher fl-indikatur dwar in-nefqa domestika grossa fuq ir-riċerka u l-iżvilupp (0,69 % tal-PDG fl-2022 meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 2,24 %) u s-sehem tal-persunal tar-riċerka u l-iżvilupp (0,75 % tal-popolazzjoni attiva fl-2022 meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 1,53 %). L-RRP, li jikkomplementa l-Fondi ta' Koeżjoni, jimmira lejn ostakli għad-diġitalizzazzjoni biex jittejjeb il-progress fir-rigward tal-ilħiq tal-SDG 9 (Industrija, innovazzjoni u infrastruttura). Il-Politika ta' Koeżjoni tappoġġa wkoll, fost l-oħrajn, l-infrastruttura u t-tagħmir tar-riċerka u l-innovazzjoni, u l-iżvilupp ta' ċentru ta' inkubazzjoni tan-negozju li jsaħħaħ il-kompetittività tal-ekonomija ta' Malta.


Malta għandha prestazzjoni tajba fir-rigward tal-indikaturi tal-SDGs relatati mal-*istabbiltà makroekonomika* (l-SDGs 8 16 u 17). Rigward xogħol diċenti u tkabbir ekonomiku (l-SDG 8), Malta kompliet iżżid ir-rata tal-impjiegi tagħha minn 74,9 % fl-2018 għal 81,7 % fl-2023, li hija għolja ħafna meta mqabbel mal-medja tal-UE (75,3 % fl-2023). Is-sehem ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ, li kien ta' 7,5 % fl-2023, huwa taħt il-medja tal-UE (11,2 %) u l-qgħad fit-tul huwa baxx ħafna (0,7 % meta mqabbel ma' 2,1 % għall-UE fl-2023). Id-dejn gross tal-gvern estiż, li huwa ta' 50,4 % tal-PDG, huwa ferm taħt il-medja tal-UE (81,7 % tal-PDG fl-2023) (l-SDG 17). Għalkemm b'mod ġenerali

Malta għandha prestazzjoni kemxejn ogħla mill-medja tal-UE fir-rigward tal-SDG 16 (Paċi, ġustizzja, u istituzzjonijiet b'saħħithom), Malta għandha riżultat agħar mill-UE fl-Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni (51 meta mqabbel ma' 64 fl-UE fl-2023, b'0 jirrappreżenta korruzzjoni għolja u 100 jirrappreżenta trasparenza għolja). L-RRP jinkludi riformi biex jiġu indirizzati diversi sfidi istituzzjonali li ilhom jeżistu fir-rigward tal-ġustizzja kif ukoll fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus.

Billi l-SDGs jiffurmaw qafas ġenerali, kull rabta mal-SDGs rilevanti hija spjegata jew murija b'ikoni fl-Annessi l-oħra.

Il-Kummissjoni vvalutat ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi 2019-2023 (country-specific recommendations, CSRs) ([14]) indirizzati lil Malta bħala parti mis-Semestru Ewropew. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika li huma relatati ma' 14 mis-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) (ara l-Annessi 1 u 3). Il-valutazzjoni tqis l-azzjoni ta' politika meħuda minn Malta sal-lum ([15]), kif ukoll l-impenji fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP) ([16]). F'dan l-istadju tal-implimentazzjoni tal-RRP, 56 % tas-CSRs li jiffukaw fuq kwistjonijiet strutturali fl-2019-2023 irreġistraw mill-anqas "xi progress", filwaqt li 42 % irreġistraw "progress limitat" (ara l-Graff A2.1). Hekk kif l-RRP jiġi implimentat aktar, fis-snin li ġejjin huwa mistenni progress konsiderevoli fl-indirizzar tas-CSRs strutturali.

Graff A2.1: **Il-progress ta' Malta fuq is-CSRs tal-2019-2023 (is-Semestru Ewropew 2024)**



Sors: il-Kummissjoni Ewropea.

([14]) 2023 CSRs: EUR-Lex - 32023H0901(18) - MT - EUR-Lex (europa.eu)

2022 CSRs: EUR-Lex - 32022H0901(18) - MT - EUR-Lex (europa.eu)

2021 CSRs: EUR-Lex - 32021H0729(18) - MT - EUR-Lex (europa.eu)

2020 CSRs: EUR-Lex - 32020H0826(18) - MT - EUR-Lex (europa.eu)
2019 CSRs: EUR-Lex - 32019H0905(18) - MT - EUR-Lex (europa.eu)

([15]) Inkluż l-azzjoni ta' politika rrapportata fil-programm nazzjonali ta' riforma fir-rapportar tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) (rapportar darbtejn fis-sena dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-istadji importanti u l-miri u li jirriżulta mill-valutazzjoni tat-talbiet għall-pagament).

([16]) L-Istati Membri ntalbu jindirizzaw b'mod effettiv fl-RRPs tagħhom ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż kollha jew subsett sinifikanti minnhom maħruġa mill-Kunsill. Il-valutazzjoni tas-CSR ippreżentata hawnhekk tqis il-grad ta' implimentazzjoni tal-miżuri inklużi fl-RRP u ta' dawk li saru barra mill-RRP matul il-valutazzjoni. Il-miżuri stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill adottata dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP, li għadhom ma ġewx adottati jew implimentati iżda li huma meqjusa mħabbra b'mod kredibbli, f'konformità mal-metodoloġija ta' valutazzjoni tas-CSR, jiġġustifikaw "progress limitat". Ladarba jiġu implimentati, dawn il-miżuri jistgħu jwasslu għal "xi progress/progress sostanzjali jew implimentazzjoni sħiħa", skont ir-rilevanza tagħhom.

Tabella A2.1: **Tabella sommarja dwar is-CSRs 2019-2023**

Malta	Assessment in May 2024*	RRP coverage of CSRs until 2026**	Relevant SDGs
2019 CSR 1	**Some progress**		
Ensure the fiscal sustainability of the healthcare and pension systems, including by restricting early retirement and adjusting the statutory retirement age in view of expected gains in life expectancy.	Some progress	Relevant RRP measures being implemented/planned as of 2022 to 2025.	SDG 3,8
2019 CSR 2	**Some progress**		
Address features of the tax system that may facilitate aggressive tax planning by individuals and multinationals, in particular by means of outbound payments.	Limited progress	Relevant RRP measures being implemented/planned as of 2021 to 2024.	SDG 8, 16
Strengthen the overall governance framework, including by continuing efforts to detect and prosecute corruption.	Some progress	Relevant RRP measures being implemented/planned as of 2020 to 2026.	SDG 16
Continue the ongoing progress made on strengthening the anti-money-laundering framework, in particular with regard to enforcements.	Substantial progress	Relevant RRP measures being implemented/planned as of 2022 to 2023.	SDG 8, 16
Strengthen the independence of the judiciary, in particular the safeguards for judicial appointments and dismissals, and establish a separate prosecution service.	Some progress	Relevant RRP measures being implemented/planned as of 2021 to 2026.	SDG 16
2019 CSR 3	**Some progress**		
Focus investment-related economic policy on research and innovation,	Limited progress	Relevant RRP measures being implemented/planned as of 2022 to 2026.	SDG 9
natural resources management,	Limited progress	Relevant RRP measures being implemented/planned as of 2021 to 2025.	SDG 6, 12, 15
resource and energy efficiency,	Some progress	Relevant RRP measures being implemented/planned as of 2021 to 2026.	SDG 7, 9, 13
sustainable transport, reducing traffic congestion and	Limited progress	Relevant RRP measures being implemented/planned as of 2021 to 2025.	SDG 11
inclusive education and training.	Some progress	Relevant RRP measures being implemented/planned as of 2021 to 2025.	SDG 4, 8, 10
2020 CSR 1	**Some progress**		
Take all necessary measures, in line with the general escape clause of the Stability and Growth Pact, to effectively address the COVID-19 pandemic, sustain the economy and support the ensuing recovery. When economic conditions allow, pursue fiscal policies aimed at achieving prudent medium-term fiscal positions and ensuring debt sustainability, while enhancing investment.	Not relevant anymore	Not applicable	SDG 8, 16
Strengthen the resilience of the health system with regard to the health workforce, critical medical products and primary care.	Some progress	Relevant RRP measures being implemented/planned as of 2021 to 2026.	SDG 3
2020 CSR 2	**Limited progress**		
Consolidate short-time work arrangements and ensure the adequacy of unemployment protection for all workers.	Some progress	Relevant RRP measures being implemented as of 2022.	SDG 1, 2, 8, 10
Strengthen the quality and inclusiveness of education and skills development.	Limited progress	Relevant RRP measures being implemented/planned as of 2021 to 2025.	SDG 4, 8, 10
2020 CSR 3	**Some progress**		
Ensure effective implementation of liquidity support to affected businesses, including the self-employed.	Substantial progress	Not applicable	SDG 8, 9
Front-load mature public investment projects	Substantial progress	Not applicable	SDG 8, 16
and promote private investment to foster the economic recovery.	Some progress	Not applicable	SDG 8, 9
Focus investment on the green and digital transition, in particular on clean and efficient production and use of energy,	Some progress	Relevant RRP measures being implemented/planned as of 2021 to 2026.	SDG 7, 9, 13
sustainable transport	Some progress	Relevant RRP measures being implemented/planned as of 2021 to 2025.	SDG 11
waste management,	Some progress	Relevant RRP measures being implemented/planned as of 2021 to 2025.	SDG 11
research and innovation.	Limited progress	Relevant RRP measures being implemented/planned as of 2022 to 2026.	SDG 6, 12, 15
2020 CSR 4	**Some progress**		
Complete reforms addressing current shortcomings in institutional capacity and governance to enhance judicial independence.	Some progress	Relevant RRP measures being implemented/planned as of 2020 to 2026.	SDG 16
Continue efforts to adequately assess and mitigate money-laundering risks and to ensure effective enforcement of the anti-money-laundering framework.	Substantial progress	Relevant RRP measures being implemented/planned as of 2022 to 2023.	SDG 8, 16
Step up action to address features of the tax system that facilitate aggressive tax planning by individuals and multinationals.	Some progress	Relevant RRP measures being implemented/planned as of 2022 to 2024.	SDG 8, 16

(Tkompli fil-paġna li jmiss)

Tabella (tkompli)

2021 CSR 1	**Not relevant anymore**		
In 2022, maintain a supportive fiscal stance, including the impulse provided by the Recovery and Resilience Facility, and preserve nationally financed investment.	Not relevant anymore	Not applicable	SDG 8, 16
When economic conditions allow, pursue a fiscal policy aimed at achieving prudent medium-term fiscal positions and ensuring fiscal sustainability in the medium term.	Not relevant anymore	Not applicable	SDG 8, 16
At the same time, enhance investment to boost growth potential. Pay particular attention to the composition of public finances, on both the revenue and expenditure sides of the national budget, and to the quality of budgetary measures in order to ensure a sustainable and inclusive recovery. Prioritise sustainable and growth-enhancing investment, in particular investment supporting the green and digital transition.	Not relevant anymore	Not applicable	SDG 8, 16
Give priority to fiscal structural reforms that will help provide financing for public policy priorities and contribute to the long-term sustainability of public finances, including, where relevant, by strengthening the coverage, adequacy and sustainability of health and social protection systems for all.	Not relevant anymore	Not applicable	SDG 8, 16
2022 CSR 1	**Substantial progress**		
In 2023, ensure that the growth of nationally financed primary current expenditure is in line with an overall neutral policy stance, taking into account continued temporary and targeted support to households and firms most vulnerable to energy price hikes and to people fleeing Ukraine. Stand ready to adjust current spending to the evolving situation.	Substantial progress	Not applicable	SDG 8, 16
Expand public investment for the green and digital transitions, and for energy security taking into account the REPowerEU initiative, including by making use of the Recovery and Resilience Facility and other Union funds.	Full implementation	Not applicable	SDG 8, 16
For the period beyond 2023, pursue a fiscal policy aimed at achieving prudent medium-term fiscal positions.	Limited progress	Not applicable	SDG 8, 16
2022 CSR 2			
Proceed with the implementation of its recovery and resilience plan, in line with the milestones and targets included in the Council Implementing Decision of 5 October 2021.	RRP implementation is monitored by assessing RRP payment requests and analysing reports published twice a year on the achievement of the milestones and targets. These are to be reflected in the country reports.		
Submit the 2021-2027 cohesion policy programming documents with a view to finalising their negotiations with the Commission and subsequently starting their implementation.	Progress on the cohesion policy programming documents is monitored under the EU cohesion policy.		
2022 CSR 3	**Limited progress**		
Take action to effectively address features of the tax system that may facilitate aggressive tax planning by individuals and multinational companies, including by ensuring sufficient taxation of outbound payments of interests, royalties, and dividends, and amending the rules for non-domiciled companies.	Limited progress	Relevant RRP measures being implemented/planned as of 2021 to 2024.	SDG 8, 16
2022 CSR 4	**Limited progress**		
Reduce overall reliance on fossil fuels.	Limited Progress	Relevant RRP measures being implemented/planned as of 2022 to 2026.	SDG 7, 9, 13
Accelerate the deployment of renewables, promoting and enabling investments in wind and solar energy, including in floating offshore energy,	Limited Progress	Relevant RRP measures being implemented/planned as of 2023 to 2024.	SDG 7, 9, 13
further upgrading Malta's electricity transmission and distribution grids, and creating incentives for electricity storage to supply firm, flexible and fast-responding energy.	Some Progress	Relevant RRP measures being implemented/planned as of 2024 to 2026.	SDG 7, 9, 13
Reduce energy demand through improved energy efficiency, particularly in residential buildings.	Limited Progress	Relevant RRP measures being implemented/planned as of 2021 to 2026.	SDG 7
Reduce emissions from road transport by addressing traffic congestion through improved service quality in public transport, intelligent transport systems and investing in soft mobility infrastructure.	Limited Progress	Relevant RRP measures being implemented/planned as of 2021 to 2025.	SDG 11
2023 CSR 1	**Some progress**		
Wind down the emergency energy support measures in force, using the related savings to reduce the government deficit, as soon as possible in 2023 and 2024. Should renewed energy price increases necessitate new or continued support measures, ensure that these are targeted at protecting vulnerable households and firms, fiscally affordable, and preserve incentives for energy savings.	No progress	Not applicable	SDG 8, 16
Ensure prudent fiscal policy, in particular by limiting the nominal increase in nationally financed net primary expenditure in 2024 to not more than 5.9% .	Some progress	Not applicable	SDG 8, 16
Preserve nationally financed public investment and ensure the effective absorption of RRF grants and other EU funds, in particular to foster the green and digital transitions.	Full implementation	Not applicable	SDG 8, 16
For the period beyond 2024, continue to pursue a medium-term fiscal strategy of gradual and sustainable consolidation, combined with investments and reforms conducive to higher sustainable growth, to achieve a prudent medium-term fiscal position.	Limited progress	Not applicable	SDG 8, 16
2023 CSR 2			
Continue the steady implementation of its recovery and resilience plan and, following the recent submission of the addendum, including the REPowerEU chapter, rapidly start the implementation of the related measures. Proceed with the speedy implementation of cohesion policy programmes, in close complementarity and synergy with the recovery and resilience plan.	RRP implementation is monitored through the assessment of RRP payment requests and analysis of the bi-annual reporting on the achievement of the milestones and targets, to be reflected in the country reports. Progress with the cohesion policy programming is monitored in the context of the Cohesion Policy of the European Union.		

(Tkompli fil-paġna li jmiss)

Tabella (tkompli)

2023 CSR 3	**Limited progress**		
Effectively address features of the tax system that may facilitate aggressive tax planning by individuals and multinationals, including by ensuring sufficient taxation of outbound payments of interest, royalties and dividends, and amend the rules for non-domiciled companies.	Limited progress	Relevant RRP measures planned as of 2021 to 2024.	SDG 8, 16
2023 CSR 4	**Limited progress**		
Reduce reliance on fossil fuels	Limited progress	Relevant RRP measures being implemented/planned as of 2022 to 2026.	SDG 7, 9, 13
by accelerating the deployment of renewables energies, including offshore wind and solar energy,	Limited progress	Relevant RRP measures being implemented/planned as of 2023 to 2024.	SDG 7, 9, 13
and upgrade and expand the capacity of the electricity grid system, including transmission, distribution and battery storage.	Some progress	Relevant RRP measures being implemented/planned as of 2024 to 2026.	SDG 7, 9, 13
Reduce energy demand through improved energy efficiency, particularly in residential buildings.	Limited progress	Relevant RRP measures being implemented/planned as of 2021 to 2026.	SDG 7
Reduce emissions from road transport by addressing traffic congestion through improved service quality in public transport, intelligent transport systems and investing in 'soft mobility' infrastructure.	Limited progress	Relevant RRP measures being implemented/planned as of 2021 to 2025.	SDG 11
Step up policy efforts aimed at the provision and acquisition of skills and competences needed for the green transition.	Some progress	Relevant RRP measures being implemented/planned as of 2022 to 2023.	SDG 4

Nota:

* Ara n-nota ([16]) f'qiegħ il-paġna.

** Il-miżuri tal-RRP inklużi f'din it-tabella jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tas-CSRs. Madankollu, jenħtieġu miżuri addizzjonali barra mill-RRP biex jiġu implimentati bis-sħiħ is-CSRs u jiġu indirizzati l-isfidi sottostanti tagħhom. Il-miżuri indikati bħala "li qed jiġu implimentati" huma biss dawk inklużi fit-talbiet għall-pagament tal-RRF sottomessi u vvalutati b'mod pożittiv mill-Kummissjoni Ewropea.

Sors: il-Kummissjoni Ewropea.

Dan l-Anness jipprovdi stampa tal-implimentazzjoni ta' Malta tal-pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) tagħha, issa li nqabeż il-punt tan-nofs tal-ħajja tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF). L-RRF uriet li hija ċentrali għall-irkupru tal-UE mill-pandemija tal-COVID-19, u tgħin biex tħaffef it-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, filwaqt li tadatta għall-iżviluppi ġeopolitiċi u ekonomiċi, u ssaħħaħ ir-reżiljenza kontra xokkijiet futuri. L-RRF qed tgħin ukoll fl-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU u fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (ara l-Anness 2).

L-RRP iwitti t-triq għall-iżborż ta' massimu ta' EUR 328 miljun f'għotjiet taħt l-RRF matul il-perjodu 2021-2026, li jirrappreżentaw 1,7 % tal-PDG ta' Malta ([17]). Minn nofs Mejju 2024, ġie żborżat EUR 166,4 miljun lil Malta taħt l-RRF.

Malta għad għandha EUR 161,9 miljun disponibbli f'għotjiet mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li se jiġu żborżati wara l-valutazzjoni tal-issodisfar futur tat-83 stadju importanti u mira li jifdal ([18]) inklużi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ([19]), qabel l-iskadenza tal-2026 stabbilita għall-RRF.

Il-progress ta' Malta fl-implimentazzjoni tal-pjan tagħha huwa rreġistrat fit-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza ([20]). It-tabella ta' valutazzjoni tagħti ħarsa ġenerali lejn il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-RRF kollha kemm hi. Il-Graff A3.1 turi s-sitwazzjoni attwali kif riflessa fit-tabella ta' valutazzjoni.

L-RRP ta' Malta jinkludi l-kapitolu REPowerEU biex telimina gradwalment id-dipendenza tagħha fuq il-fjuwils fossili tar-Russja, tiddiversifika l-provvisti tal-enerġija tagħha, u tipproduċi aktar enerġija nadifa fis-snin li ġejjin. Biex tingħata spinta lill-implimentazzjoni tal-kapitolu REPowerEU, fit-13 ta' Diċembru 2023 ġew żborżati EUR 14-il miljun bħala prefinanzjament. Dan għen biex jitnedew riformi rilevanti bħar-riforma tas-sistema tal-permessi għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli.

Il-pjan għandu enfasi qawwija fuq it-tranżizzjoni ekoloġika, billi jiddedika 68,8 % tal-fondi disponibbli għal miżuri li jappoġġaw l-objettivi klimatiċi u 26,2 % tal-allokazzjoni totali tiegħu biex jappoġġa t-tranżizzjoni diġitali. Iżomm ukoll dimensjoni soċjali b'saħħitha b'miżuri ta' protezzjoni soċjali, speċjalment fir-rigward ta' edukazzjoni inklużiva ta' kwalità.

Tabella A3.1: **Fatti ewlenin tal-RRP ta' Malta**

Initial plan CID adoption date	13 July 2021
Scope	Revised plan with REPowerEU chapter
Last major revision	17 October 2023
Total allocation	EUR 328 billion in grants (1.7% of 2023 GDP)
Investments and reforms	16 investments and 31 reforms
Total number of milestones and targets	136
Fulfilled milestones and targets	53 (39% of total)

Sors: it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF

B'żewġ talbiet għall-pagament kompluti, l-implimentazzjoni ta' Malta tal-RRP tagħha tinsab għaddejja sew. Il-Kummissjoni tat valutazzjoni pożittiva tal-ewwel talba għall-pagament ta' Malta fis-27 ta' Jannar 2023, filwaqt li qieset l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju. Dan wassal biex ġew żborżati EUR 52,3 miljun f'appoġġ finanzjarju fit-8 ta' Marzu 2023 ([21]). Id-19-il stadju importanti u mira koprew riformi u investimenti bħall-adozzjoni ta' strateġija biex jitnaqqas l-iskart permezz tar-riċiklaġġ fis-settur tal-kostruzzjoni, l-istabbiliment ta' faċilitajiet tal-uffiċċju li jippermettu li l-impjegati

([17]) L-informazzjoni dwar il-PDG hija bbażata fuq id-*data* tal-2023. Sors: https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/index.html?lang=mt

([18]) Stadju importanti jew mira jintlaħqu b'mod sodisfaċenti ladarba Stat Membru jkun ipprovda evidenza lill-Kummissjoni li jkun laħaq l-istadju importanti jew il-mira u l-Kummissjoni tkun ivvalutatu b'mod pożittiv f'deċiżjoni ta' implimentazzjoni.

([19]) https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CONSIL:ST_11941_2021_ADD_1


([20]) https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

([21]) Meta l-pagamenti mitluba jiġu żborżati, il-prefinanzjament jiġi kklerjat proporzjonalment. L-ammonti netti huma kkwotati hawnhekk.

taċ-ċivil jaħdmu mill-bogħod fil-pajjiż kollu, riformi biex tingħata spinta lir-riċerka u l-investimenti industrijali, strateġija nazzjonali kontra l-frodi u l-korruzzjoni u riformi għad-diġitalizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja.

L-aktar talba għall-pagament reċenti, li l-Kummissjoni vvalutat b'mod pożittiv fis-26 ta' Marzu 2024, wasslet għall-iżborż ta' EUR 58,9 miljun fis-16 ta' Mejju 2024. L-iżborż irrifletta l-valutazzjoni pożittiva ta' 34 stadju importanti u mira li jkopru fost l-oħrajn il-mobbiltà sostenibbli, il-kura tas-saħħa, it-taħriġ fit-teknoloġija tal-informazzjoni, it-tagħlim tul il-ħajja, l-edukazzjoni inklużiva, il-kapaċità tal-ġudikatura, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, u t-tassazzjoni korporattiva kif ukoll l-effiċjenza enerġetika fl-elettrifikazzjoni tat-trasport tal-bini privat u pubbliku, id-diġitalizzazzjoni tan-negozji u l-amministrazzjoni pubblika.

Graff A3.1: **Għotjiet totali żborżati taħt l-RRF**



Nota: Din il-graff turi l-ammont ta' għotjiet, inkluż il-prefinanzjament, żborżati sa issa taħt l-RRF. L-għotjiet huma kontribuzzjonijiet finanzjarji mhux ripagabbli. L-ammont totali ta' għotjiet mogħtija lil kull Stat Membru jiġi ddeterminat minn koeffiċjent tal-allokazzjoni u l-kost totali stmat tal-RRP rispettiv.
Sors: it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF

Malta qed taħdem għat-tielet talba għall-pagament tagħha. It-Tabella A3.2 tenfasizza xi miżuri rilevanti miksuba sa issa, u xi wħud li se jiġu implimentati qabel l-2026 biex l-ekonomija ta' Malta tibqa' ssir aktar ekoloġika, aktar diġitali, inklużiva u reżiljenti.

Tabella A3.2: **Miżuri fl-RRP ta' Malta**

Reforms and investments implemented
• Introduction of transfer pricing rules to reduce corporate profit shifting opportunities • Adoption of standards for the construction industry • Capacity building within the Attorney General's Office
Upcoming reforms and investments
• Strengthening and widening the electricity distribution network • Large-scale electrification of road transport • Support to low-income families to mitigate the digital divide

Sors: FENIX

L-istrumenti ta' finanzjament tal-UE jipprovdu riżorsi konsiderevoli għall-irkupru u t-tkabbir lill-Istati Membri tal-UE. Minbarra t-EUR 328,2 miljun ta' finanzjament tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) deskritt fl-Anness 3, il-fondi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE ([22]) jipprovdu EUR 772,8 miljun lil Malta fil-perjodu 2021-2027 ([23]). L-appoġġ minn dawn iż-żewġ strumenti flimkien jirrappreżenta madwar 5,68 % tal-PDG tal-pajjiż għall-2023, meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 5,38 % tal-PDG ([24]). Il-politika ta' koeżjoni tappoġġa l-iżvilupp reġjonali, il-konverġenza ekonomika, soċjali u territorjali u l-kompetittività permezz ta' investiment fit-tul f'konformità mal-prijoritajiet tal-UE u mal-istrateġiji nazzjonali u reġjonali.

Matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, il-fondi tal-politika ta' koeżjoni taw spinta lill-kompetittività ta' Malta, b'kisbiet tanġibbli b'mod partikolari fir-riċerka u l-innovazzjoni, il-provvista tal-ilma, l-effiċjenza enerġetika u l-inklużjoni soċjali. Matul il-perjodu kollu, li ffinanzja l-investimenti sa Diċembru 2023, il-fondi tal-politika ta' koeżjoni ([25]) għamlu EUR 830,3 miljun disponibbli għal Malta ([26]), li EUR 477,1 miljun minnhom ġew żborżati minn Marzu 2020 meta bdiet il-pandemija tal-COVID-19 ([27]). Il-kisbiet tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni matul il-perjodu ta' programmazzjoni jinkludu appoġġ biex tittejjeb is-sostenibbiltà tar-riżorsi tal-ilma, biex isir investiment fl-infrastruttura tal-produzzjoni tal-ilma u biex isir investiment fin-network ta' distribuzzjoni primarja, li tejjeb il-provvista tal-ilma għall-popolazzjoni ta' Malta, inklużi aktar minn 39 000 persuna fil-gżira ta' Għawdex permezz tat-twaqqif ta' impjant tar-Reverse Osmosis f'Ħondoq. Il-politika ta' koeżjoni ffinanzjat ukoll investimenti fl-effiċjenza enerġetika f'binjiet pubbliċi, u rendiet tnaqqis fil-konsum annwali tal-enerġija primarja f'binjiet pubbliċi magħżula ta' aktar minn 2 000 000 kWh/sena.

Fejn jidħlu r-riċerka u l-innovazzjoni, il-fondi tal-politika ta' koeżjoni kkontribwew lejn l-azzjoni biex tingħata spinta lill-kollaborazzjonijiet bejn l-industrija u d-dinja akkademika, filwaqt li jiġi ffaċilitat approċċ multidixxiplinari għar-riċerka u tinħoloq kultura għall-innovazzjoni. B'mod partikolari, il-politika ta' koeżjoni ffinanzjat il-ħolqien ta' kumpless transdixxiplinarju ta' riċerka u skambju ta' għarfien fl-Università ta' Malta. Il-kumpless ippermetta lil 67,3 riċerkatur, f'ekwivalenti full-time, biex jaħdmu f'faċilitajiet imtejba tal-infrastruttura tar-riċerka. Matul l-istess perjodu, kważi 11 000 persuna rċevew għajnuna minn miżuri ta' inklużjoni attiva u kontra l-faqar, iffinanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE) f'Malta. Dawn il-miżuri sostnew lill-aktar gruppi vulnerabbli. Aktar minn 50 % tar-riċevituri kellhom livell baxx ta' kwalifiki, 30 % kienu taħt l-età ta' 25 sena u 17 % tar-riċevituri kellhom diżabilità.

Fil-perjodu ta' programmazzjoni attwali, il-politika ta' koeżjoni se tagħti spinta ulterjuri lill-kompetittività ta' Malta, lit-tranżizzjoni ekoloġika u lill-koeżjoni soċjali, filwaqt li ttejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol tan-nies ta' Malta. Fl-2021-2027, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni se jikkontribwixxu għat-titjib tat-taħlita tal-enerġija ta' Malta u għall-iżgurar tal-provvista tal-elettriku. Dan se jinvolvi żieda fl-importazzjonijiet tal-enerġija ekoloġika, appoġġ għal 118 km ta' linji tan-network tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku billi jiġi żviluppat it-tieni interkonnettur tal-elettriku li jgħaqqad l-Italja u Malta u billi jsir investiment f'soluzzjonijiet għall-ħżin tal-enerġija biex jiġu pprovduti 160 MWh ta' kapaċità ta' ħżin għall-elettriku. Malta qed tippjana wkoll li trawwem mobbiltà urbana multimodali sostenibbli billi tiżviluppa 17,5 km ta' infrastruttura tat-trasport urban nadif, inklużi mogħdijiet pedonali u korsiji għaċ-ċiklisti.

([22]) Fl-2021-2027, il-fondi tal-politika ta' koeżjoni jinkludu l-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta.

([23]) Il-programmi ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea (KTE) huma esklużi miċ-ċifra. Fl-2021-2027, l-investiment totali, inkluż il-finanzjament nazzjonali, jammonta għal EUR 1,2 biljun.

([24]) Il-finanzjament taħt l-RRF jinkludi kemm għotjiet kif ukoll self, fejn applikabbli. Il-medja tal-UE hija kkalkulata għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni esklużi l-programmi tal-KTE. Iċ-ċifri tal-PDG huma bbażati fuq id-*data* tal-Eurostat għall-2022.

([25]) Fl-2014-2020, il-fondi tal-politika ta' koeżjoni kienu jinkludu l-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond Soċjali Ewropew. L-allokazzjonijiet ta' REACT-EU huma inklużi iżda l-programmi tal-KTE huma esklużi.


([26]) Fl-2014-2020, l-investiment totali, inkluż il-finanzjament nazzjonali, ammonta għal EUR 985,0 miljun.

([27]) Data limitu: il-15 ta' Mejju 2024.

Il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta se jiffoka fuq azzjoni għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur marittimu billi jinstalla 37 punt ta' fjuwil alternattiv fil-Port il-Kbir u l-Port Ħieles ta' Malta. Dan se jwassal għal tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra mis-settur marittimu. Il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) se jiffinanzja azzjoni biex jittejbu l-edukazzjoni u t-taħriġ u biex jiġu żviluppati l-ħiliet. Dan għandu baġit ta' madwar EUR 53,3 miljun f'Malta għall-azzjonijiet tiegħu, inkluż l-iżvilupp ta' ħiliet ekoloġiċi u diġitali u l-iżvilupp tat-tagħlim tul il-ħajja, għal aktar minn 53 000 parteċipant u kważi 700 SME. B'din il-ħidma, il-politika ta' koeżjoni tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs, Sustainable Development Goals) tan-NU f'Malta, b'mod partikolari l-SDG 7 (Enerġija affordabbli u nadifa), l-SDG 8 (Xogħol deċenti u tkabbir ekonomiku) u l-SDG 9 (Industrija, innovazzjoni, infrastruttura).

Permezz ta' azzjoni kkombinata, il-politika ta' koeżjoni u l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP) għandhom impatt ta' tisħiħ reċiproku f'Malta. Pereżempju, dwar l-effiċjenza enerġetika, il-FEŻR se jipprovdi appoġġ finanzjarju għal proġetti kummerċjabbli għall-SMEs u l-unitajiet domestiċi, filwaqt li jappoġġa proġetti li jissodisfaw il-kriterji tal-effiċjenza enerġetika. Biex jikkomplementa dan l-appoġġ, il-RRP se jipprovdi għotjiet biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika għall-SMEs, titnaqqas id-domanda għall-enerġija, jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju u jiġi limitat l-iskart tal-enerġija permezz ta' modifika retroattiva tal-bini pubbliku u privat. Flimkien, il-politika ta' koeżjoni u l-RRP jappoġġaw ukoll il-grilja tad-distribuzzjoni tal-elettriku, is-servizzi ta' distribuzzjoni u l-ħżin tal-enerġija f'batteriji. L-investiment tal-RRP se jgħin fit-tfassil u l-bini ta' faċilità pilota għall-ħżin tal-enerġija f'batteriji ta' mill-inqas 10 MWh sal-2026. Fuq din il-bażi, l-investiment għall-ħżin tal-enerġija f'batteriji tal-FEŻR se jintroduċi u jżid il-ħżin tal-batteriji sa 160 MWh sal-2030. Il-faċilitajiet għall-ħżin tal-enerġija f'batteriji huma prekundizzjonijiet għall-iżvilupp ta' proġetti eoliċi u solari lil hinn mill-kosta, biex Malta tkun tista' żżid is-sehem attwalment baxx ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija tagħha. F'dan ir-rigward, ir-riforma tal-RRP tas-sistemi tal-permessi biex jiġu ssimplifikati l-proċessi u jiġu aċċellerati l-proċeduri tal-għoti tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli se jkollha l-għan li tiffaċilita l-użu ta' teknoloġiji rinnovabbli. Il-FEŻR se jappoġġa proġetti pilota biex jiġu esplorati opportunitajiet ta' enerġiji rinnovabbli blu.


Graff A4.1:**Tqassim tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni fost l-objettivi ta' politika f'Malta**



Sors: il-Kummissjoni Ewropea

Hemm ukoll komplementarjetajiet bejn l-RRF u l-FSE+. Pereżempju, iż-żewġ strumenti jindirizzaw l-isfidi fejn tidħol il-forza tax-xogħol fis-settur tas-saħħa. Il-FSE+ jikkontribwixxi għal miżuri li jtejbu l-ħiliet tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa u l-RRP jappoġġa azzjonijiet biex tiġi żviluppata għodda mfassla apposta għall-ippjanar li jolqot il-forza tax-xogħol u riforma biex jiġu implimentati miżuri li jtejbu l-benesseri u l-integrazzjoni tal-ħaddiema tas-saħħa barranin. Il-kontribut tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni u tal-RRF skont l-objettiv ta' politika huwa muri fil-Graffs A4.1 u A4.2.

Graff A4.2:**Tqassim tal-finanzjament taħt l-RRF skont il-pilastru f'Malta**



(1) Kull miżura tal-RRP tgħin biex jintlaħqu l-għanijiet ta' tnejn mis-sitt pilastri ta' politika tal-RRF. Il-kontribut primarju jintwera fiċ-ċirku ta' barra filwaqt li l-kontribut sekondarju jintwera fiċ-ċirku ta' ġewwa. Kull kontribut jirrappreżenta 100 % tal-fondi tal-RRF. Għalhekk, il-kontribut totali għall-pilastri kollha murija f'din iċ-ċart jammonta għal 200 % tal-fondi tal-RRF allokati lil Malta.
Sors: il-Kummissjoni Ewropea

L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI, Technical Support Instrument) jgħin lil Malta tinvesti fl-amministrazzjoni pubblika tagħha

Tabella A4.1: **Appoġġ mill-istrumenti tal-UE f'Malta**

EU grants			
	Amount 2014-2020 (EUR million)		Amount 2021-2027 (EUR million)
Cohesion policy	830.3		772.8
RRF grants (1)	-		328.2
Public sector loan facility (grant component) (2)	-		1.8
Common agricultural policy (3)	200.0		122.0
EMFF/EMFAF (4)			
Connecting Europe Facility (5)	72.7		23.4
Horizon 2020 / Horizon Europe (6)	37.5		39.4
LIFE programme (7)	12.9		1.3
EU guarantees			
	EU Guarantee (EUR million)		Volume of operations (EUR million)
European Fund for Strategic Investment 2015-2020 (8)	16.8		40.1
InvestEU 2021-2027 (9)	0.0		0.0
EU loans			
	Period	Total amount available (EUR million)	Disbursed amount (EUR million)
SURE (10)	2020-2022	420.8	420.8

(1) Il-perjodu ta' implimentazzjoni tar-RRF huwa 2021-2026.
(2) Il-perjodu ta' programmazzjoni tal-faċilità ta' self għas-settur pubbliku huwa 2021-2025 u l-ammont jirrifletti s-sehem nazzjonali fil-komponent tal-għotja tagħha riżervat sa tmiem il-perjodu.
(3) il-perjodi ta' programmazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni huma 2014-2022 u 2023-2027.
(4) FEMS – Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, FEMSA – Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura.
(5) Id-*data* dwar il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa tkopri t-trasport u l-enerġija u tasal tal-15 ta' Mejju 2024.
(6) Id-*data* dwar Orizzont Ewropa (2021-2027) tasal sat-13 ta' Mejju 2024.
(7) Id-*data* tal-2021-2027 dwar il-programm LIFE tasal sal-15 ta' Mejju 2024.
(8) L-ammont tal-garanzija tal-EU li ġiet iffirmata skont it-Tieqa ta' Infrastruttura u Innovazzjoni tal-FEIS inkiseb abbażi tal-ammont iffirmat tal-operazzjonijiet u tal-multiplikatur intern medju kif irrappurtat mill-BEI (data limitu, il-31 ta' Diċembru, 2023).
(9) L-ammont tal-garanzija tal-UE u tal-volum ta' operazzjonijiet iffirmati skont InvestEU jinkludi l-kompartiment tal-UE kif ukoll il-kompartimenti tal-Istat Membru (data limitu, il-31 ta' Diċembru 2023).
(10) SURE - Strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji tal-qgħad f'emerġenza.
Sors: il-Kummissjoni Ewropea


u toħloq ambjent favorevoli aħjar għall-investiment tal-UE u dak nazzjonali. It-TSI ffinanzja proġetti f'Malta biex jitfasslu u jiġu implimentati riformi li jsaħħu t-tkabbir mill-2017. Is-sostenn ipprovdut fl-2023 kien jinkludi għajnuna (i) għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għar-riorganizzazzjoni tan-negozju tal-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u l-uffiċċju tal-Avukat tal-Istat; (ii) għat-titjib tal-konformità mar-regoli tat-taxxa billi jiġi implimentat ir-rapportar f'ħin reali;u (iii) għat-titjib tal-kwalità tal-informazzjoni dwar it-taxxa skambjata bejn l-Istati Membri skont id-Direttiva dwar il-kooperazzjoni amministrattiva.

It-TSI jgħin ukoll lil Malta timplimenta riformi u investimenti speċifiċi inklużi fl-RRP tagħha, pereżempju dwar trasport urban nadif, intelliġenti u ġust; fuq il-mewġa ta' rinnovazzjoni u dwar il-protezzjoni kostali biex tgħin fl-adattament għat-tibdil fil-klima.

Malta tirċievi wkoll finanzjament minn diversi strumenti oħra tal-UE, inklużi dawk elenkati fit-Tabella A4.1.

Tabella A5.1: **Indiċijiet tar-reżiljenza fid-dimensjonijiet kollha għal Malta u l-EU-27**

Dimension		MT 2023 RDB	MT 2024 RDB	EU-27 2024 RDB
Overall resilience	Vulnerabilities			
	Capacities			
Social and economic	Vulnerabilities			
	Capacities			
Green	Vulnerabilities			
	Capacities			
Digital	Vulnerabilities			
	Capacities			
Geopolitical	Vulnerabilities			
	Capacities			



(1) L-indiċijiet sintetiċi jaggregaw is-sitwazzjoni relattiva tar-reżiljenza tal-pajjiżi fl-indikaturi kkunsidrati kollha. Għal kull indikatur, is-sitwazzjoni relattiva ta' kull pajjiż fl-aħħar sena disponibbli titqabbel mal-ġbir tal-valuri ta' dak l-indikatur għall-Istati Membri kollha u għas-snin kollha fil-perjodu referenzjarju.
Sors: Tabelli tar-Reżiljenza - verżjoni tar-rebbiegħa 2024, *data* sal-2022

Dan l-Anness juża d-dashboards tar-reżiljenza (RDB, resilience dashboards) ([28]) tal-Kummissjoni biex juri l-kapaċitajiet ta' reżiljenza u l-vulnerabbiltajiet relattivi ta' Malta ([29]) li jistgħu jkunu ta' rilevanza għat-trasformazzjonijiet soċjetali, ekonomiċi, diġitali u ekoloġiċi, u biex jiġu indirizzati xokkijiet u sfidi ġeopolitiċi futuri. ([30])

Skont is-sett ta' indikaturi tar-reżiljenza tal-RDB, il-vulnerabbiltajiet ġenerali ta' Malta baqgħu stabbli f'livell medju-baxx, filwaqt li l-pajjiż saħħaħ il-kapaċitajiet ta' reżiljenza ġenerali tiegħu, li issa jaqblu mal-medja tal-UE f'livell medju-għoli. Aktar minn 50 % tal-indikaturi tal-vulnerabbiltà ta' Malta huma baxxi u medji baxxi, u jpoġġuha f'pożizzjoni relattivament tajba. Madwar 50 % tal-indikaturi tal-kapaċità tagħha huma għoljin u medji, bil-proporzjon ta' kapaċitajiet ta' reżiljenza baxxi u medji-baxxi li għadu relattivament għoli, b'aktar minn 30 % tal-indikaturi kollha.

Fid-dimensjoni soċjali u ekonomika, **Malta baqgħet stabbli f'termini tal-vulnerabbiltajiet medji-baxxi tagħha u l-kapaċitajiet medji tagħha.** Tagħmel tajjeb kieku tkompli tnaqqas il-proporzjon diġà baxx tagħha ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs, neither in employment nor in education and training). Ir-raġunijiet ewlenin għall-kapaċitajiet baxxi tagħha huma s-saħħa u l-protezzjoni soċjali u l-punteġġi baxxi tagħha fil-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA, Programme for International Student Assessment). Fl-istess ħin, il-popolazzjoni ta' Malta tgawdi fl-UE minn wieħed mill-akbar numri ta' snin ta' ħajja b'saħħitha mill-mument tat-twelid, u għandha rata għolja ta' impjieg.

Fid-dimensjoni ekoloġika, **il-kapaċitajiet ta' Malta baqgħu medji-baxxi, bħal fl-2023, anqas mill-medja tal-UE iżda tejbet il-vulnerabbiltajiet tagħha biex tilħaq il-medja tal-UE.** Il-pajjiż, minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi semiaridi xotti tiegħu, għandu waħda mill-ogħla klassifikazzjoni tad-WEI+ fl-UE u jista' jkompli jnaqqas l-impronta tal-konsum tiegħu *per capita* u jżid ir-rata ta' riċiklaġġ tal-iskart elettroniku tiegħu. Fuq nota pożittiva, il-produttività tar-riżorsi tagħha żdiedet.

([28]) https://ec.europa.eu/info/strategy/strategic-planning/strategic-foresight/2020-strategic-foresight-report/resilience-dashboards_en. Ir-reżiljenza hi definita bħala l-abbiltà li wieħed mhux biss jirreżisti u jlaħħaq mal-isfidi, imma barra minn hekk iwettaq tranżizzjonijiet b'mod sostenibbli, ġust u demokratiku. Rapport ta' Prospettiva Strateġika 2020: *Inwittu t-triq lejn Ewropa iktar reżiljenti* (COM (2020) 493).

([29]) Il-vulnerabbiltajiet jiddeskrivu karatteristiċi li jistgħu jaggravaw l-impatt negattiv tal-kriżijiet u t-tranżizzjonijiet, jew l-ostakli li jistgħu jfixklu l-kisba ta' għanijiet strateġiċi fit-tul, filwaqt li l-kapaċitajiet jirreferu għal faċilitaturi jew kapaċitajiet biex jiġu indirizzati l-kriżijiet u l-bidliet strutturali u biex jiġu ġestiti t-tranżizzjonijiet.

([30]) Dan l-Anness huwa marbut mal-Anness 1 dwar l-SDGs, l-Anness 6 dwar il-Patt Ekoloġiku, l-Anness 8 dwar it-tranżizzjoni ġusta għan-newtralità klimatika, l-Anness 9 dwar il-produttività tar-riżorsi, l-effiċjenza u ċ-ċirkolarità, l-Anness 10 dwar it-tranżizzjoni diġitali u l-Anness 14 dwar il-pilastru Ewropew tad-drittijiet soċjali.

Fid-dimensjoni diġitali, **il-vulnerabbiltajiet u l-kapaċitajiet ta' Malta baqgħu stabbli.** Malta hija wieħed mill-pajjiżi tal-UE bl-ogħla kompetenzi diġitali avvanzati fost iż-żgħażagħ, u wieħed mill-aqwa pajjiżi tal-UE f'termini tat-tħejjija għat-tranżizzjoni diġitali tas-settur tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) tagħha, li għandu l-ogħla valur miżjud gross fl-UE, attività konsiderevoli ta' riċerka u żvilupp, u ħafna negozji li jfittxu speċjalisti tal-ICT.


Il-vulnerabbiltajiet ġeopolitiċi ta' Malta żdiedu għal medju-għoli, iżda l-kapaċitajiet tagħha għadhom ogħla mill-medja tal-UE. Ir-raġunijiet għal dan huma d-dipendenza qawwija ta' Malta fuq l-importazzjoni fil-materjali tal-enerġija, u konċentrazzjoni għolja ta' fornituri tal-enerġija u sħab fil-katina tal-valur. Il-kapaċitajiet ġeopolitiċi tagħha huma ogħla mill-medja tal-UE prinċipalment bis-saħħa tal-ftuħ kummerċjali tagħha kemm lejn l-UE kif ukoll lejn pajjiżi oħra, u l-attraenza tas-suq tax-xogħol tagħha, li għandu l-ogħla proporzjon ta' ċittadini mhux tal-UE fl-għadd totali tal-impjiegi u rata ta' migrazzjoni netta għolja u pożittiva.

Malta għamlet progress fit-tranżizzjoni ekoloġika, b'aktar azzjoni meħtieġa biex tavvanza l-politiki biex tilħaq il-mira tagħha għall-kondiviżjoni tal-isforzi għall-2030, tindirizza l-emissjonijiet mit-trasport bit-triq u mill-bini, tadatta ruħha għat-tibdil fil-klima – b'mod partikolari l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma u l-qafas istituzzjonali, l-ekonomija ċirkolari u oqsma oħra. Dan l-Anness jipprovdi stampa tal-aspetti klimatiċi, tal-enerġija u ambjentali tat-tranżizzjoni f'Malta ([31]).

L-abbozz tal-pjan nazzjonali aġġornat għall-enerġija u l-klima (NECP, national energy and climate plan) ta' Malta huwa nieqes minn informazzjoni kruċjali dwar is-sorsi ta' investiment u ta' finanzjament meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tagħha għall-klima u l-enerġija għall-2030. L-abbozz tal-pjan ma fihx informazzjoni dwar l-investiment meħtieġ biex jiġu implimentati l-politiki u l-miżuri. Dan jinkludi biss stima tal-investiment meħtieġ għall-2020-2050, abbażi tal-istrateġija fit-tul ta' Malta, iżda bl-għoti ta' ftit wisq dettall. Il-pjan ma jagħtix deskrizzjoni tas-sorsi ewlenin ta' finanzjament għall-biċċa l-kbira tal-politiki u l-miżuri ppjanati. Fejn effettivament isemmi s-sorsi, ma jispeċifikax is-sehem ta' kull sors ta' finanzjament (nazzjonali, tal-UE, u privat) ([32]).

Il-politiki u l-miżuri attwalment fis-seħħ mhumiex biżżejjed biex tintlaħaq il-mira tal-kondiviżjoni tal-isforzi ta' Malta għall-2030 ([33]), u l-pajjiż ma speċifikax x'azzjoni ulterjuri għandu ppjanata fl-abbozz tal-NECP aġġornat tiegħu. Fl-2022, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' Malta mis-setturi tal-kondiviżjoni tal-isforzi tagħha huma mistennija li jkunu 35,1 % ogħla mil-livelli tal-2005. Abbażi tal-projezzjonijiet attwali, il-politiki eżistenti huma pprojettati li sal-2030 irażżnu ż-żieda ta' dawn l-emissjonijiet għal 46,3 % ogħla mil-livelli tal-2005. Fl-abbozz tal-NECP aġġornat tagħha, Malta ma pprovdietx projezzjoni tal-emissjonijiet tal-kondiviżjoni tal-isforzi tal-2030 b'politiki addizzjonali. Abbażi tal-projezzjonijiet attwali, bil-politiki eżistenti, l-emissjonijiet bil-kondiviżjoni tal-isforzi ta' Malta se jaqbżu l-mira tagħha għall-2030 b'aktar minn 65 punti perċentwali, sitwazzjoni li turi kemm ikun importanti li tittieħed azzjoni klimatika aktar ambizzjuża ([34]). Skont l-abbozz aġġornat tal-NECP, Malta qed tippjana li tilħaq in-newtralità klimatika sal-2050, iżda ma tispeċifikax data konkreta meta din fil-fatt se tinkiseb.

Graff A6.1: **Emissjonijiet ta' gassijiet serra mis-setturi tal-kondiviżjoni tal-isforzi f'Mt CO_2eq, 2005-2022**



Sors: Aġenzija Ewropea għall-Ambjent

L-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport bit-triq u mill-bini huma ta' tħassib sinifikanti għal Malta. Fl-2022, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport bit-triq żdiedu bi 23,3 % meta mqabbel mal-livelli tal-2005, u s-

([31]) Dan l-Anness huwa kkomplementat mill-Anness 7 dwar it-tranżizzjoni tal-enerġija u l-kompetittività, l-Anness 8 dwar it-tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika, l-Anness 9 dwar l-effiċjenza fir-riżorsi, iċ-ċirkolarità u l-produttività, u suġġetti rilevanti f'annessi oħra ta' dan ir-rapport tal-pajjiż.

([32]) Ara l-valutazzjoni tal-Kummissjoni (2023) tal-abbozz tal-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima ta' Malta.

([33]) Il-mira nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra hija stabbilita fir-Regolament (UE) 2023/857 (ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi). L-għanijiet huma li l-azzjoni fis-setturi kkonċernati tiġi allinjata mal-objettiv li tintlaħaq il-mira għall-ekonomija kollha fil-livell tal-UE ta' tnaqqis tal-gassijiet serra ta' mill-inqas 55 % meta mqabbel mal-livelli tal-1990. Il-mira tapplika wkoll għas-setturi barra mill-Iskema attwali tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, b'mod partikolari fejn jidħlu l-bini (tisħin u tkessiħ), it-trasport bit-triq, l-agrikoltura, l-iskart, u l-industrija żgħira (magħrufa bħala s-setturi tal-kondiviżjoni tal-isforzi).

([34]) L-emissjonijiet tal-kondiviżjoni tal-isforzi għat-2022 huma bbażati fuq *data* approssimata tal-inventarju. Id-*data* finali se tiġi stabbilita fl-2027 wara rieżami komprensiv. L-abbozz tal-NECP aġġornat ta' Malta ma jipprovdix projezzjonijiet tal-emissjonijiet għas-setturi tal-kondiviżjoni tal-isforzi. L-informazzjoni dwar il-projezzjonijiet tal-emissjonijiet tal-kondiviżjoni tal-isforzi "b'miżuri eżistenti" (WEM, with existing measures) u "b'miżuri addizzjonali" (WAM, with additonal measures) hija bbażata fuq l-aħħar *data* li kellha tiġi rrapportata sal-15 ta' Marzu 2023 skont l-Artikolu 18 tar-Regolament 2018/1999 (ir-Regolament dwar il-Governanza).

sehem tagħhom fl-emissjonijiet tal-kondiviżjoni tal-isforzi baqa' stabbli fil-livell ta' 47,2 % fl-2022, kemm kemm 'l isfel mill-51,5 % tal-2005. Bejn l-2005 u l-2022, l-emissjonijiet tal-kondiviżjoni tal-isforzi ta' Malta mill-bini żdiedu bi 28,8 %. It-tfassil ta' politiki u miżuri biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra f'dawn is-setturi huwa kruċjali jekk Malta trid tnaqqas id-distakk mil-mira tagħha għall-kondiviżjoni tal-isforzi għall-2030. Malta għandu jkollha wkoll l-għan li tnaqqas il-gassijiet F mill-arja kundizzjonata billi tippromwovi l-adozzjoni ta' alternattivi ekoloġiċi u tiżgura prattiki xierqa ta' manutenzjoni u rimi. Qabel ma sseħħ is-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għat-trasport bit-triq u għall-bini, li għandha tiġi introdotta fl-2027, il-miżuri mmirati lejn il-konsumaturi vulnerabbli jidhru pertinenti.

Il-mira ta' Malta għall-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika fl-abbozz tal-NECP aġġornat tagħha għadha baxxa ([35]). L-abbozz tal-NECP aġġornat ta' Malta ma stabbiliex mira għall-kontribut tal-enerġija rinnovabbli sal-2030. B'sehem ta' 13,4 % fl-2022, hemm diskrepanza kbira fl-ambizzjoni lejn il-kontribut indikattiv tagħha li għandu jkun ta' 28 % fl-2030. Il-kontributi tagħha għall-effiċjenza enerġetika ta' 0,96 Mtoe fil-konsum tal-enerġija primarja u ta' 0,80 Mtoe fil-konsum finali tal-enerġija għall-2030 stabbiliti fl-abbozz tal-NECP aġġornat tagħha huma t-tnejn inqas ambizzjużi minn dawk meħtieġa skont id-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika.

L-azzjonijiet f'Malta biex titrażżan iż-żieda fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport bit-triq ma kinux suffiċjenti ([36]). L-adozzjoni ta' vetturi elettriċi bil-batterija minn Malta miexja bil-mod. Fl-2022, il-vetturi elettriċi kienu jikkostitwixxu 0,8 % biss tal-flotta tal-karozzi tal-passiġġieri. Fl-2023, il-pajjiż kellu punt tal-iċċarġjar wieħed aċċessibbli għall-pubbliku għal kull 33 vettura elettrika, ferm inqas mill-medja tal-UE ta' 1:10. Mas-86 % tad-distanzi vvjaġġati jsiru bil-karozzi tal-passiġġieri, u bil-karozzi tal-linja u bil-kowċis il-bqija. Il-merkanzija domestika kollha tiġi ttrasportata bit-triq. Malta għandha problema sinfikanti ta' konġestjoni tat-traffiku ([37]).

Is-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija (land use, land use change, forestry, LULUCF) ta' Malta jilħaq b'suċċess l-assorbimenti netti tal-karbonju. Biex tintlaħaq il-mira tal-LULUCF għall-2030, huma meħtieġa assorbimenti addizzjonali tal-karbonju ta' 2 kt Co2eq([38]). Skont l-aħħar projezzjonijiet, Malta tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq din il-mira.

Fejn jidħol l-adattament għat-tibdil fil-klima, id-dgħufijiet fil-qafas istituzzjonali ta' Malta huma ta' sfida ewlenija. Malta għadha vulnerabbli għal għargħar urban għal għarrieda, l-iskarsezza tal-ilma u l-mewġiet ta' sħana, b'diskrepanza baxxa iżda li tista' tittejjeb fil-protezzjoni tal-klima ([39]). L-att ta' Malta dwar l-azzjoni klimatika tal-2015 jistabbilixxi l-obbligu li tiġi adottata u aġġornata regolarment strateġija nazzjonali ta' adattament. Malta identifikat diversi setturi kritiċi li jeħtieġu adattament. Dawn jinkludu l-ġestjoni tal-ilma, l-infrastrutturi u t-trasport, l-użu tal-art u l-bini, l-agrikoltura, u s-sajd. Minkejja l-progress li sar dan l-aħħar, għad fadal xogħol sinifikanti xi jsir biex l-oqfsa ta' adattament, il-politiki, l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' Malta jinġiebu sal-livell meħtieġ ta' maturità ([40]). Malta bħalissa qed tfassal valutazzjoni tar-riskju tal-vulnerabbiltà, biex twitti t-triq għall-integrazzjoni tar-reżiljenza għall-klima fil-politiki settorjali.

Il-ġestjoni sostenibbli tal-ilma hija kwistjoni ta' tħassib għal Malta minħabba l-livell għoli tagħha ta' skarsezza tal-ilma minħabba l-

([35]) Il-mira tal-UE stabbilita fid-Direttiva riveduta dwar l-Enerġija Rinnovabbli hija li sal-2030 ikun hemm 42,5 % tal-konsum finali gross tal-enerġija li jkun ġej minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, bl-aspirazzjoni li jintlaħqu l-45 %. Il-formula fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2023/1791 tistabbilixxi l-kontribuzzjoni nazzjonali indikattiva għal Malta għal 829 ktoe fejn jidħol il-konsum tal-enerġija primarja u 687 ktoe fejn jidħol il-konsum finali tal-enerġija. Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-18.12.2023 lil Malta.

([36]) Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, id-*data* f'din it-taqsima tirreferi għal 2021. Ara, il-Kummissjoni Ewropea, 2023, EU transport in figures, transport.ec.europa.eu.

([37]) Fl-2020, is-sewwieqa tal-vetturi fit-toroq esperjenzaw dewmien fl-eqqel sigħat tat-traffiku ta' medja ta' 82 siegħa (medja tal-UE: 29 siegħa).

([38]) Miri nazzjonali tal-LULUCF tal-Istati Membri f'konformità mar-Regolament (UE) 2023/839.

([39]) Fejn tidħol id-diskrepanza fil-protezzjoni tal-klima, ara l-annotazzjonijiet tat-Tabella A6.1.


([40]) Ara l-valutazzjoni u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-2023 dwar il-progress ta' Malta fl-adattament għat-tibdil fil-klima.

kundizzjonijiet klimatiċi semiaridi prevalenti u d-domanda għolja għall-ilma mis-setturi urbani (densità għolja tal-popolazzjoni) u mil-agrikoltura. L-estrazzjoni eċċessiva tal-ilma ta' taħt l-art mis-sistema tal-akwifer fil-livell medju tal-baħar qed tikkawża s-salinizzazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art. Id-diskrepanza annwali fl-investiment biex tinkiseb ġestjoni sostenibbli tal-ilma hija mistennija li tilħaq EUR 33 miljun matul is-snin 2021-2027. L-indiċi aġġornat tal-konsum tal-ilma (WEI+, water exploration index) kien ta' 29,6 % fl-2019 bl-agħar valur staġjonali ta' 74,9 % fi Q1-2019. It-territorju kollu ta' Malta ffaċċja kundizzjonijiet ta' skarsezza tal-ilma matul l-2000-2020. Ġeneralment, l-uċuħ tar-raba' huma l-ekosistema l-aktar danneġġjata. Skont it-tieni pjan ta' ġestjoni tal-baċin tax-xmara, huma biss 37 % tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ ta' Malta li jinsabu fi stat ekoloġiku tajjeb u 53 % jinsabu fi stat kimiku tajjeb. L-ilma tal-baħar mhux kullimkien jinsab fi stat ambjentali tajjeb. Ma nkisibx status tajjeb għal speċijiet mhux indiġeni u ħut u speċijiet kummerċjali, kif traċċat mid-deskritturi użati fid-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD, Marine Strategy Framework Directive).

Il-kwalità tal-arja f'Malta hija ġeneralment tajba, b'eċċezzjonijiet. L-aħħar stimi annwali disponibbli (2021) mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent jindikaw li Malta ssofri madwar 426 sena ta' ħajja mitlufa għal kull 100 000 abitant minħabba l-esponiment għall-materja partikolata (PM2.5) u 21 sena minħabba l-NO_2. Barra minn hekk, l-indikatur għall-intensità tal-emissjonijiet tal-prekursuri tal-ismog għall-PDG naqas bi 83 % bejn l-2008 u l-2021, u laħaq 0,42 tunnellata/EUR' 10. It-tliet metriċi huma taħt il-medja tal-UE.

Malta għadha qed tiffaċċja sfidi fl-oqsma tal-bijodiversità u l-protezzjoni u r-restawr tan-natura. Fi tmiem l-2021, 29 % taż-żona tal-art ta' Malta u 5,5 % taż-żona tal-baħar tagħha kienu taħt protezzjoni. Skont ir-rapport dwar l-istatus ta' konservazzjoni tal-ħabitats u tal-ispeċijiet protetti koperti mill-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, fl-2013-2018, 28 % tal-ħabitats u 53 % tal-ispeċijiet kienu fi stat ta' konservazzjoni tajjeb. Il-ġestjoni effettiva tan-network Natura 2000 tista' tgħin fil-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni tal-effetti tat-tibdil fil-klima. Dan se jirrikjedi prattiki sostenibbli tal-agrikoltura, tal-forestrija u tas-sajd. L-introduzzjoni ta' miżuri aktar qawwija tgħin biex jiġi żgurat li l-attivitajiet ta' dawn is-setturi jkunu kompatibbli mal-konservazzjoni tal-ispeċijiet protetti. L-investiment f'teknoloġiji ekoloġiċi, it-tnaqqis tas-sussidji li jagħmlu ħsara ambjentali, it-trasferiment tat-tassazzjoni lejn l-ambjent, u ż-żieda fit-taxxi fuq il-pestiċidi u l-fertilizzanti, jistgħu jkunu parti mis-soluzzjoni.

Graff A6.2: **Bidliet fid-densità tal-bhejjem u fil-biedja organika**




Unità ta' bhejjem (livestock unit, LSU)/ettari ta' EAU (erja agrikola użata):dan ikejjel l-istokk tal-annimali (baqar, nagħaġ, mogħoż, ekwidi, ħnieżer, pollam u fniek) ikkonvertiti f'LSUs għal kull ettaru ta' EAU.
Sors: il-Eurostat

Malta għandha għax tibbenefika mill-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni lejn agrikoltura sostenibbli. Il-produzzjoni annwali tas-settur agrikolu ta' Malta naqset bejn l-2015 u l-2023, u laħqet EUR 114-il miljun. Is-sehem tal-agrikoltura organika għadu baxx u l-prattiki tradizzjonali mhux dejjem jiggarantixxu ambizzjoni għolja f'termini ta' protezzjoni tan-natura. It-teħid ta' miżuri urġenti jista' jgħin biex titnaqqas ir-rata attwali tal-użu tal-ilma, filwaqt li titħaffef ukoll it-tranżizzjoni lejn prodotti agroalimentari sostenibbli u jiġu protetti l-bijodiversità u l-ekosistemi. B'mod speċifiku, is-sostituzzjoni tal-għelejjel intensivi fl-użu tal-ilma b'dawk inqas intensivi fl-użu tal-ilma tista' ttaffi l-pressjoni fuq il-korpi tal-ilma. Il-Programm il-Ġdid tal-Ilma huwa mistenni li jipprovdi ilma reklamat għat-tisqija agrikola. Il-pajjiż huwa vulnerabbli għal avvenimenti relatati mat-tibdil fil-klima bħan-nirien fis-selvaġġ u n-nixfa. It-titjib tas-saħħa tal-ħamrija permezz ta' prattiki agrikoli sostenibbli jista' jgħin biex tiżdied l-umdità tal-ħamrija u jitnaqqsu l-effetti tan-nixfiet. Bejn l-2010 u l-2020, id-densità tal-bhejjem naqset fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. L-indiċi tad-densità tal-bhejjem ta' Malta naqas minn 3,52 % għal 3,27 %, u baqa' t-tieni l-ogħla fl-UE.

Il-produzzjoni ta' skart mill-ikel għadha relattivament għolja filwaqt li l-livelli tal-kompostjar u tad-diġestjoni jistgħu jittejbu. Il-pajjiż ipproduċa 154 kg ta' skart tal-ikel *per capita* fl-2020, ogħla mill-medja tal-UE ta' 131 kg *per capita*. Il-biċċa l-kbira tiegħu ġie ġġenerat matul l-attivitajiet domestiċi u fir-ristoranti u s-servizzi tal-ikel. Il-livelli ta' kompostjar u diġestjoni mhumiex biżżejjed biex jittrattaw volum daqshekk kbir ta' ħela tal-ikel.

Malta għandha għax tibbenefika minn aktar investiment fil-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis u l-ġestjoni tal-ilma. Matul il-perjodu 2014-2020, id-diskrepanza fl-investiment ambjentali ġiet stmata għal EUR 76,1 miljun fis-sena, jew 0,4 % tal-PDG. Huwa stmat li d-distakk qed jiżdied matul il-perjodu 2021-2027 għal EUR 98,9 miljun fis-sena. Għad hemm opportunità biex jiżdied il-finanzjament għall-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis (diskrepanza ta' EUR 34 miljun), u għall-ġestjoni sostenibbli tal-ilma (EUR 33 miljun).

Graff A6.3:**Diskrepanza fl-investiment ambjentali, medja annwali**



In-numri huma kkalkulati mill-Kummissjoni Ewropea abbażi tal-aħħar rapporti interni, il-Eurostat, il-BEI u s-sorsi ta' *data* nazzjonali.
Sors: il-Kummissjoni Ewropea

Tabella A6.1: **Indikaturi li jsegwu l-progress fil-Patt Ekoloġiku Ewropew minn perspettiva makroekonomika**

							Target	Distance	
		2005	2019	2020	2021	2022	2030	WEM	WAM
Progress to climate and energy policy targets									
Greenhouse gas emission reductions in effort sharing sectors [1]	Mt CO_{2eq}, %, pp	1,020.6	28%	17%	33.5%	35.1%	-19%	-65	-65
Net greenhouse gas removals from LULUCF [2]	Kt CO2eq	0	6	9	1	1	2	n/a	n/a
Share of energy from renewable sources (1) [3]	%	0%	8%	11%	13%	13%	28%	-	-
Energy efficiency: primary energy consumption [3]	Mtoe	0.9	0.9	0.7	0.8	0.9	0.8		
Energy efficiency: final energy consumption [3]	Mtoe	0.5	0.7	0.5	0.6	0.7	0.7		

							EU-27		Projected
		2018	2019	2020	2021	2022	2021	2022	2030
Green transition: mobility									
Greenhouse gas emissions: road transport	Mt CO2e	-	-	-	0.6	0.7	769.0	786.6	0.6
Share of zero-emission vehicles in new registrations [4]	%	2.2	3.7	1.2	1.5	1.9	9	12.1	n/a
Number of publicly accessible AC/DC charging points		-	-	98	96	95	299178	446956	n/a
Share of electrified railways	%	-	-	-	-	-	56.1%	-	n/a
Green transition: buildings									
Greenhouse gas emissions: buildings	Mt CO2e	-	-	-	0.2	0.2	537.0	486.7	0.2
Final energy consumption in buildings	2015=100	105.9%	111.6%	105.7%	110.4%	120.6%	104.0%	97.2%	
Climate adaptation									
Climate protection gap [5]	score 1-4	-	-	2.3	1.4	1.4	1.5	1.5	n/a

		2018	2019	2020	2021	2022	2020	2021	2022
State of the environment									
Water | Water exploitation index (WEI+) (1) [6]	% of renewable freshwater	26.1	29.6	-	-	-	3.6	-	-
Circular economy | Material footprint [7]	tonnes per person	9.5	12.3	13.5	13.0	10.7	14.2	14.8	14.9
Pollution | Years of life lost due to air pollution by PM2.5 [8]	per 100.000 inhabitants	466	499	335	426	-	545	584	-
Biodiversity | Habitats in good conservation status [9]	%	27.6					14.7		
Common farmland bird index [10]	2000=100	-	-	-	-	-	78	-	-
Green transition: agri-food sector									
Organic farming	% of total utilised agricultural area	0.41	0.47	0.62	0.61	-	9.1	-	-
Nitrates in groundwater	mg NO_3/litre	-	-	-	-	-	20.42	-	-
Food waste per capita	Kg per capita			154	-	-	130	131	-
Share of soil in poor health [11]	%					-			41
Soil organic matter in agricultural land [12]	Mt per ha	-	-	-	-	-	7,904	-	-

Sorsi: (1) Id-*data* dwar l-emissjonijiet tal-Istati Membri għall-2019 u l-2020 tinsab fil-valuri tal-potenzjal ta' tisħin globali (GWP, global warming potential) mir-Raba' Rapport ta' Valutazzjoni (AR4) tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC, Intergovernmental Panel on Climate Change). L-emissjonijiet tas-sena bażi tal-2005 tal-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) 2018/842, id-*data* tal-emissjonijiet għall-2021 u l-2022, u l-projezzjonijiet tal-2030 jinsabu f'valuri tal-GWP mill-Ħames Rapport ta' Valutazzjoni (AR5) tal-IPCC. Id-*data* tal-2021 hija bbażata fuq ir-rapporti finali tal-inventarju, id-*data* tal-2022 hija bbażata fuq rapporti approssimati tal-inventarju u l-kalkolu mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tal-emissjonijiet tal-kondiviżjoni tal-isforzi. Id-*data* finali għall-2021 u l-2022 se tiġi stabbilita wara rieżami komprensiv fl-2027. Il-mira tal-2030 hija f'bidla perċentwali mill-emissjonijiet tas-sena bażi 2005. Id-distanza biex tintlaħaq il-mira hija d-distakk bejn l-emissjonijiet fil-mira, u pprojettati, tal-kondiviżjoni tal-isforzi fl-2030 ma' miżuri eżistenti (WEM), u ma' miżuri addizzjoni (WAM), f'tibdil perċentwali mill-emissjonijiet tas-sena bażi 2005. Il-miżuri inklużi għall-projezzjonijiet tal-emissjonijiet tal-2030 jirriflettu s-sitwazzjoni kif irrappurtata fl-abbozzi aġġornati tal-pjanijiet nazzjonali tal-Istati Membri dwar l-enerġija u l-klima jew, jekk dawn ma jkunux disponibbli, kif irrappurtati sal-15 ta' Marzu 2023 skont ir-Regolament 2018/1999. (2) L-assorbimenti netti huma espressi f'ċifri negattivi, l-emissjonijiet netti f'ċifri pożittivi. Id-*data* rrappurtata hija mis-sottomissjoni tal-inventarju tal-gassijiet serra tal-2024. Il-valur għall-2030 tal-assorbimenti netti ta' gassijiet serra bħal fir-Regolament (UE) 2023/839 - l-Anness IIa. (3) L-objettivi nazzjonali tal-2030 għall-enerġija rinnovabbli u għall-effiċjenza enerġetika huma kontributi nazzjonali indikattivi, f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999 (ir-Regolament dwar il-Governanza), il-mira tal-enerġija rinnovabbli fil-livell tal-UE għall-2030 stabbilita fid-Direttiva UE/2018/2001 emendata bid-Direttiva UE/2023/2413 (id-Direttiva riveduta dwar l-Enerġija Rinnovabbli) - 42,5 % tal-konsum finali gross tal-enerġija bl-aspirazzjoni li jilħaq 45 % - u l-formula fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2023/1791 (id-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija). (4) Vetturi elettriċi bil-batterija (BEV, battery electric vehicles) u vetturi elettriċi b'ċellola tal-fjuwil (FCEV, fuel cell electric vehicles). (5) Id-distakk fil-protezzjoni tal-klima jirreferi għas-sehem ta' telf ekonomiku mhux assigurat ikkawżat minn diżastri relatati mal-klima, abbażi tal-immudellar tar-riskju minn għargħar, nirien fis-selvaġġ, maltempati tar-riħ, u r-rata ta' penetrazzjoni tal-assigurazzjoni. Skala: 0 (ebda distakk fil-protezzjoni) - 4 (distakk għoli ħafna) (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol, 2022). (6) Il-konsum totali tal-ilma fir-riżorsi tal-ilma ħelu rinnovabbli disponibbli għal territorju u perjodu. (7) Estrazzjonijiet materjali għall-konsum u l-investiment. (8) Snin ta' ħajja potenzjali mitlufa minħabba mewt prematura minħabba esponiment għal materja partikolata b'dijametru ta' inqas minn 2,5 mikrometri. (9) Sehem tal-ħabitats fi stat ta' konservazzjoni tajjeb skont ir-rekords ippreżentati skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats (id-Direttiva 92/43/KEE) għall-2013-2018. (10) Indiċi ta' diversi speċijiet li jkejjel il-bidliet fl-abbundanza tal-popolazzjoni ta' speċijiet ta' għasafar tar-raba'. (11) Sors: L-Anness 12 tal-proposta tal-Kummissjoni għal liġi dwar il-monitoraġġ tal-ħamrija, SWD (2023) 417 final. (12) Stimi tal-kontenut tal-karbonju organiku fir-raba' li jinħadem.

Dan l-Anness ([41]) jistabbilixxi l-progress u l-isfidi ta' Malta biex taċċellera t-tranżizzjoni lejn enerġija b'emissjonijiet żero netti filwaqt li ssaħħaħ il-kompetittività tal-UE fis-settur tal-enerġija nadifa ([42]). Huwa jqis il-miżuri u l-miri mressqa fl-abbozz tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (NECP) aġġornati għall-2030 ([43]).


Għall-kuntrarju tax-xejriet prevalenti li dehru madwar l-UE, il-prezzijiet tal-enerġija bl-imnut f'Malta baqgħu stabbli matul l-2023. Matul l-2023 Malta żammet il-politika tagħha dwar l-istabbiltà tal-prezzijiet tal-enerġija u tal-fjuwil, li kienet ġiet introdotta fl-2020 biex tipproteġi lill-unitajiet domestiċi u lin-negozji, u dan irriżulta fi prezzijiet ferm aktar baxxi mill-medja tal-UE.

It-tariffi tal-elettriku bl-imnut regolati taħt il-prezz tas-suq għall-unitajiet domestiċi u għan-negozji ż-żgħar inżammu matul l-2023 u komplew jipproteġu lill-konsumaturi minn xokkijiet fil-prezzijiet tal-enerġija. Madankollu, tali tariffi universali taħt il-prezz tas-suq ifixklu l-inċentivi biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija u biex isir investiment f'miżuri tal-effiċjenza enerġetika, u jħallu impatt qawwi fuq il-finanzi pubbliċi.

Malta hija ġżira ġeografikament iżolata b'dipendenza għolja fuq l-importazzjoni minħabba n-nuqqas ta' sorsi tal-enerġija konvenzjonali domestiċi u potenzjal relattivament limitat fejn jidħlu riżorsi tal-enerġija rinnovabbli fuq l-art. Il-gass naturali f'Malta jintuża biss għall-ġenerazzjoni tal-elettriku u bħalissa jikkostitwixxi l-akbar sehem tat-taħlita tal-ġenerazzjoni tal-elettriku ta' Malta fil-livell ta' madwar 70 %. ([44]) Malta mhijiex konnessa man-network trans-Ewropew tal-gass u mhijiex dipendenti fuq l-importazzjonijiet tal-gass mir-Russja. Malta ma topera l-ebda faċilità ta' ħżin ta' gass taħt l-art u hija eżentata mir-regolament dwar il-ħżin tal-gass. Malta rnexxielha tnaqqas id-domanda tagħha għall-gass bejn Awwissu 2022 u Diċembru 2023 b'10 % meta mqabbla mal-medja tal-ħames snin preċedenti.

Sabiex tkompli tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista tal-elettriku fil-pajjiż, ittieħdet deċiżjoni li jsir investiment, bl-appoġġ tal-fondi ta' Koeżjoni, fit-tieni konnessjoni tal-elettriku taħt il-baħar ta' 200 MW mal-Italja (Sqallija) sal-2026. Din it-tieni konnessjoni bil-kejbil mal-Italja tikkontribwixxi għas-sigurtà fit-tul tal-provvista kif ukoll tippermetti l-integrazzjoni ta' sehem ogħla ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

Graff A7.1: **Il-prezzijiet bl-imnut tal-enerġija ta' Malta għall-unitajiet domestiċi u għall-industrija u s-servizzi**



(1) Għall-industrija, il-faxex tal-konsum huma I3 għall-gass u IC għall-elettriku, li jirreferu għall-konsumaturi ta' daqs medju u jipprovdu għarfien dwar l-affordabbiltà
(2) Fil-każ tal-unitajiet domestiċi, il-faxex tal-konsum huma D2 għall-gass u DC għall-elettriku
(3) Il-prezzijiet tal-industrija jintwerew mingħajr il-VAT u taxxi/imposti/tariffi rekuperabbli oħra peress li l-konsumaturi mhux ta' unitajiet domestiċi normalment ikunu jistgħu jirkupraw il-VAT u xi taxxi oħra
Sors: il-Eurostat

Il-prezzijiet tal-enerġija ma affettwawx il-kompetittività internazzjonali. Barra minn hekk, bis-saħħa tas-sussidji, il-prezzijiet tal-elettriku għall-konsumaturi mhux domestiċi baqgħu taħt il-livelli fl-Istati Uniti, fil-Ġappun u fir-

([41]) Dan huwa kkomplementat mill-Anness 6 peress li l-Patt Ekoloġiku Ewropew jiffoka fuq it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u mill-Anness 8 fuq l-azzjoni meħuda biex jiġu protetti l-aktar gruppi vulnerabbli, filwaqt li jikkomplementa l-isforzi li għaddejjin skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew, ir-REPowerEU u l-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.


([42]) F'konformità mal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku u l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti

([43]) Malta ppreżentat l-abbozz tal-NECP aġġornat tagħha f'Ottubru 2023. Il-Kummissjoni ħarġet evalwazzjoni u rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fit-18 ta' Diċembru 2023. Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, Valutazzjoni (SWD) u Skeda Informattiva tal-abbozz aġġornat tal-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima ta' Malta - Kummissjoni Ewropea (europa.eu)

([44]) Eurostat.

Renju Unit. Dan jindika li l-kompetittività internazzjonali tal-industriji li jużaw ħafna enerġija f'Malta m'għandhiex tiġi affettwata ħażin.

Graff A7.2:**Xejriet fil-prezzijiet tal-elettriku għall-konsumaturi mhux domestiċi (UE u sħab barranin)**




(1) Għad-*data* tal-Eurostat (UE u MT), il-konsum tal-faxxa huwa ID li jirreferi għal konsumaturi ta' daqs kbir b'konsum annwali ta' bejn 2 000 MWh u 20 000 MWh, bħal fis-setturi tal-manifattura intensivi fl-elettriku, u jagħti ħarsa lejn il-kompetittività internazzjonali
(2) JP = il-Ġappun
Sors: il-Eurostat, AIE

Il-kapaċità ta' enerġija solari mill-fotovoltajċi installata żdiedet b'4 % fl-2023. Il-kapaċità totali tal-enerġija rinnovabbli f'Malta fl-2023 kienet ta' 234 MW, filwaqt li l-kapaċità eolika f'Malta hija żero MW. ([45]) Fir-rigward tal-aċċellerazzjoni tal-varar solari, l-akbar kontributur għall-elettriku rinnovabbli, ma ġiet identifikata l-ebda politika ġdida b'bażi ġuridika minbarra l-iskemi ta' għotjiet fotovoltajċi u l-iskemi tat-tariffi feed-in li għaddejjin bħalissa, iżda skont REPowerEU twettqet riforma biex tħaffef il-proċess tal-permessi u tirrikjedi l-installazzjoni ta' PVs fuq ċerti bjut. Malta tinsab fil-proċess li tiffinalizza politika dwar l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta li se tipprovdi qafas għall-użu tal-enerġija rinnovabbli fiż-żona ekonomika esklużiva tagħha, iżda s'issa ma ġiet identifikata l-ebda miżura konkreta. F'Settembru 2023, Malta wettqet konsultazzjoni pubblika dwar Politika Nazzjonali għall-Mobilizzazzjoni tal-Enerġija Rinnovabbli Offshore, bl-għan li tistabbilixxi żoni tal-baħar xierqa possibbli għall-iżvilupp tal-enerġija galleġġjanti lil hinn mill-kosta. L-uniċi miri indikattivi disponibbli għall-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta għal Malta (0,05 GW għall-2030 u 0,4 GW għall-2040 u l-2050), huma dawk inklużi fil-ftehim mhux vinkolanti definit mill-għanijiet mhux vinkolanti fil-ftehimiet tal-UE dwar il-Baċini tal-Baħar tal-2023.

Is-sehem relattivament għoli ta' Malta ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-tisħin u t-tkessiħ (38 % fl-2022) huwa fil-biċċa l-kbira attribwibbli għat-tkessiħ rinnovabbli, bil-pompi tas-sħana jikkontribwixxu 14-il punt perċentwali (pp) għal dan is-sehem. Fl-NECP tagħha, Malta tiddikjara li mhumiex mistennija li jingħataw sussidji tal-gvern għat-tisħin u t-tkessiħ permezz tal-pompi tas-sħana, peress li din it-teknoloġija hija l-forma predominanti ta' tkessiħ spazjali. Madankollu, il-pompi tas-sħana jistgħu jagħtu sehem lejn il-mira tat-tisħin u t-tkessiħ ta' Stat Membru biss sa ċertu massimu. Għalhekk, id-dipendenza fuq il-pompi tas-sħana biss mhux se tkun biżżejjed biex tintlaħaq il-mira tagħhom ta' tisħin u tkessiħ speċifika għas-settur.

Graff A7.3:**Il-kapaċità rinnovabbli installata ta' Malta (xellug) u t-taħlita tal-ġenerazzjoni tal-elettriku (lemin)**



(1) "Oħrajn" tinkludi l-bijogass
Sors: IRENA, Ember

Fl-2021, l-ammont ta' elettriku globali ġġenerat mill-bijogass mill-iskart f'Malta kien ta' 7,23 GWh, li jammonta għal kważi 0,27 % tal-elettriku globali ġġenerat. Skont l-abbozz tal-NECP, dawn iċ-ċifri se jiżdiedu wara l-ikkummissjonar tal-investiment tal-Fond ta' Koeżjoni f'impjant ġdid tal-ipproċessar organiku, li mistenni jitlesta sal-2027. L-impjant se jittratta massimu ta' 74 000 tunnellata fis-sena ta' skart organiku mid-djar u l-kumpaniji, u jikkonvertihom f'kompost u f'bijogass. Bi stima ta' 120 metru kubu normali għal kull tunnellata ta' input ta' skart, dan se jiġġenera 20,98 GWh/y fl-elettriku u 19,75 GWh/y fis-sħana, meta jkun qed jaħdem b'kapaċità sħiħa.

Minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tas-suq, il-konsumatur fis-suq tal-elettriku ma mexiex 'l quddiem lejn aktar awtonomija ta'

([45]) Ir-Rapport IRENA 2024

deċiżjoni. Is-suq tal-provvista tal-elettriku f'Malta għadu magħluq, fejn l-Enemalta hija l-fornitur esklużiv tal-elettriku fuq il-gżira. Fir-rigward tar-regoli u l-għodod għat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-konsumatur, 92 % tal-konsumaturi finali fl-unitajiet domestiċi kellhom arloġġi intelliġenti fl-2022 (medja fl-UE ta' 80 %), iżda n-nuqqas ta' suq likwidu bl-ingrossa impedixxa l-liberalizzazzjoni tas-suq tal-elettriku, kif ukoll l-iżvilupp ta' rispons fuq in-naħa tad-domanda jew miżuri ta' aggregazzjoni ulterjuri. Madankollu, it-tariffi skont il-ħin tal-użu huma disponibbli għall-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi u għall-konsumaturi kbar mhux residenzjali.

Ir-rata ta' żieda fl-effiċjenza enerġetika naqset f'Malta, għalkemm għad hemm potenzjal mhux sfruttat fejn tidħol l-effiċjenza enerġetika. Fl-2022, Malta kellha konsum tal-enerġija primarja ta' 0,9 Mtoe, żieda ta' 15,5 % fuq l-2021, u tnaqqis ta' 8,7 % matul l-2012. Kellha konsum finali tal-enerġija ta' 0,7 Mtoe, żieda ta' 19,3 % fuq l-2021 u żieda ta' 37,8 % fuq l-2012. Iż-żieda tista' tiġi spjegata parzjalment mill-irkupru wara l-COVID-19. Fl-2022, l-akbar żieda ġiet mis-settur tat-trasport, li żied il-konsum finali tal-enerġija tiegħu b'29,3 %.

Malta implimentat sensiela ta' miżuri għall-effiċjenza enerġetika b'appoġġ mill-fondi tal-UE. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-iskemi huma indirizzati lejn il-bini u l-ingranaġġ minn sorsi oħra ta' finanzjament huwa pjuttost limitat. Għalkemm Malta ma daħħlitx investiment fl-effiċjenza enerġetika fil-Kapitolu REPowerEU tagħha, hija investiet EUR 52,2 miljun fl-effiċjenza enerġetika fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) tagħha, u l-pjan għadu wieħed minn dawk l-aktar ekoloġiċi fost l-Istati Membri. Taħt il-politika ta' koeżjoni, qed ikunu allokati EUR 6 miljun biex isostnu, permezz ta' strumenti finanzjarji, investimenti fl-effiċjenza enerġetika fil-kumpaniji u fil-bini, b'enfasi speċifika fuq il-bini bl-agħar rendiment. Il-biċċa l-kbira tal-iskemi dwar l-effiċjenza enerġetika għadhom ibbażati fuq l-għotjiet u l-użu ta' strumenti finanzjarji għadu limitat ħafna. Fejn jidħlu skemi eżistenti ta' finanzjament li jindirizzaw il-mobilizzazzjoni tal-investimenti fl-effiċjenza enerġetika, Malta tiddependi prinċipalment fuq skemi ta' finanzjament ibbażati fuq l-għotjiet.

Malta qed tippjana interkonnettur tal-gass lest għall-idroġenu mal-Italja, li jkun lest biex jittrasferixxi 100 % idroġenu sa mid-data tal-ikkummissjonar tiegħu, li jibbenefika minn eżenzjoni skont l-Artikolu 24 tar-Regolament TEN-E u se jkompli jkun proġett ta' interess komuni fl-ewwel lista tal-Unjoni skont ir-Regolament rivedut.

Malta ma għandhiex kapaċità tal-manifattura għal teknoloġiji nodfa u baqgħet dipendenti fuq l-importazzjonijiet biex tuża l-enerġija rinnovabbli. Madankollu, l-Istrateġija Nazzjonali ta' Malta għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Enerġija u l-Ilma għall-2021-2030, kif ukoll l-ewwel NECP tagħha, jagħmlu ħilithom biex jappoġġaw inizjattivi tar-riċerka u l-iżvilupp ma' soluzzjonijiet għall-enerġija rinnovabbli għall-gżejjer, l-integrazzjoni tal-elettriku rinnovabbli, u soluzzjonijiet effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

Malta ftit li xejn tinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) biex tappoġġa l-prijoritajiet tal-Unjoni fejn tidħol Enerġija. Malta hija innovatur moderat, skont it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea tal-2023 ([46]), b'indiċi tal-prestazzjoni ġenerali ta' 85,8 % tal-medja tal-UE. Id-dgħufijiet relattivi ewlenin li jaffettwaw il-prestazzjoni kumplessiva jirreferu għan-nefqa baxxa fir-riċerka u żvilupp kemm fejn jidħol il-finanzjament pubbliku kif ukoll dak privat. Din l-istampa ġenerali tapplika wkoll għar-riċerka u l-iżvilupp li jsostnu l-prijoritajiet tal-UE fejn tidħol l-unjoni tal-enerġija. Għalhekk, l-investiment pubbliku ([47]) fir-riċerka u l-iżvilupp għadu baxx (EUR 0,8 miljun fl-2020 u EUR 0,9 miljun fl-2021), minkejja żieda relattiva meta mqabbel mas-snin preċedenti (medja ta' EUR 0,4 miljun bejn l-2017 u l-2019 inklużi). Il-livell attwali jirrappreżenta biss sehem ta' 0,006 % tal-PDG tal-pajjiż. Is-sostenn jindirizza l-aktar l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika. Fl-istess ħin, l-investiment privat fir-riċerka u l-iżvilupp kien ta' madwar EUR 11-il miljun fl-2020 (jiġifieri bejn wieħed u ieħor ordni ta' kobor wieħed ogħla). L-oqsma appoġġati koprew l-effiċjenza enerġetika fl-industrija, is-soluzzjonijiet intelliġenti għall-konsumaturi, is-sistemi tal-enerġija intelliġenti u integrati u l-elettromobbiltà u l-batteriji. L-għadd ta' familji ta' privattivi ppreżentati fl-2019 għal teknoloġiji nodfa kien ta' tnejn, li jirrappreżenta

([46]) Tabella ta' valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea

([47]) Sors: SETIS TAL-JRC (2023)

Tabella A7.1: **Indikaturi Ewlenin tal-Enerġija**

		Malta				EU			
		2019	2020	2021	2022	2019	2020	2021	2022
ENERGY DEPENDNCE	**Import Dependency [%]**	**97.3%**	**97.6%**	**97.1%**	**99.0%**	**60.5%**	**57.5%**	**55.5%**	**62.5%**
	of Solid fossil fuels	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	43.3%	35.8%	37.3%	45.8%
	of Oil and petroleum products	97.8%	99.3%	97.9%	100.7%	96.7%	96.8%	91.7%	97.7%
	of Natural Gas	103.6%	96.2%	103.5%	100.2%	89.7%	83.6%	83.6%	97.6%
	Dependency from Russian Fossil Fuels [%]								
	of Natural Gas	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	39.7%	41.3%	41.1%	21.0%
	of Crude Oil	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	28.8%	26.7%	26.4%	19.5%
	of Hard Coal	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	43.5%	49.1%	47.4%	21.5%

		2016	2017	2018	2019	2020	2021	2022
DIVERSIFICATION OF GAS SUPPLIES	**Gas Consumption (in bcm)**	**-**	**0.3**	**0.3**	**0.4**	**0.4**	**0.4**	**0.4**
	Gas Consumption year-on-year change [%]	-	-	20.5%	6.1%	3.5%	-0.2%	1.6%
	Gas Imports - by type (in bcm)	**-**	**0.3**	**0.4**	**0.4**	**0.4**	**0.4**	**0.4**
	Gas imports - pipeline	-	-	-	-	-	-	-
	Gas imports - LNG	0.0	0.3	0.4	0.4	0.4	0.4	0.4
	Gas Imports - by main source supplier (in bcm) (1)							
	Trinidad and Tobago	-	0.2	0.1	0.3	0.3	0.3	0.3
	United States	-	0.0	0.1	0.0	0.1	0.1	0.1

		2019	2020	2021	2022	2023
	LNG Terminals - storage capacity m3 LNG					
	Number of LNG Terminals	1	1	1	1	1
	LNG Storage capacity (m3 LNG)	125,000	125,000	125,000	125,000	125,000
	Underground Storage					
	Number of storage facilities	0	0	0	0	0
	Technical Capacity (bcm)	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0

		2016	2017	2018	2019	2020	2021	2022	2023
ELECTRICITY/ENERGY	**Gross Electricity Production (GWh) (2)**	**857**	**1,652**	**1,962**	**2,060**	**2,143**	**2,215**	**2,293**	-
	Combustible Fuels	729	1,489	1,772	1,864	1,906	1,959	2,004	-
	Nuclear	0	0	0	0	0	0	0	-
	Hydro	0	0	0	0	0	0	0	-
	Wind	0	0	0	0	0	0	0	-
	Solar	128	162	190	195	237	256	290	-
	Geothermal	0	0	0	0	0	0	0	-
	Other Sources	-0	-0	0	0	-0	-0	-0	-
	Gross Electricity Production [%]								
	Combustible Fuels	85.1%	90.2%	90.3%	90.5%	88.9%	88.4%	87.4%	-
	Nuclear	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	-
	Hydro	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	-
	Wind	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	-
	Solar	14.9%	9.8%	9.7%	9.5%	11.1%	11.5%	12.6%	-
	Geothermal	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	-
	Other Sources	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	-
	Net Imports of Electricity (GWh)	**1,527**	**861**	**621**	**636**	**416**	**511**	**639**	-
	As a % of electricity available for final consumption	72.1%	37.1%	26.0%	25.7%	17.5%	20.4%	23.7%	-
	Electricity Interconnection [%]	-	**24.2%**	**29.4%**	**29.0%**	**31.0%**	**44.5%**	**42.3%**	**40.9%**
	Share of renewable energy consumption - by sector [%]								
	Electricity	5.7%	6.8%	7.7%	7.5%	9.5%	9.6%	10.1%	-
	Heating/cooling	16.9%	19.3%	22.8%	23.6%	23.0%	32.8%	38.0%	-
	Transport	5.3%	6.8%	8.0%	8.9%	10.6%	10.5%	10.5%	-
	Overall	6.2%	7.2%	7.9%	8.2%	10.7%	12.7%	13.4%	-

		2019	2020	2021	2022	2023
CLEAN ENERGY	**VC investments in climate tech start-ups and scale-ups (EUR Mln)**	-	-	-	-	-
	as a % of total VC investment (3) in Malta start-ups and scale-ups	-	-	-	-	-
	Research & Innovation spending in Energy Union R&i priorites					
	Public R&I (EUR mln)	0.3	0.8	0.9	-	-
	Public R&I (% GDP)	0.002%	0.006%	0.006%	-	-
	Private R&I (EUR mln)	3.4	10.7	-	-	-
	Private R&I (% GDP)	0.024%	0.081%	-	-	-

(1) Il-klassifikazzjoni tal-forniturі ewlenin hija bbażata fuq l-aktar ċifri reċenti disponibbli (għall-2022)
(2) L-investiment ta' Kapital ta' Riskju jinkludi ftehimiet ta' Kapital ta' Riskju (l-istadji kollha), ftehimiet ta' fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet żgħar u ftehimiet ta' tkabbir tal-Ekwità Privata (għal kumpaniji li qabel kienu parti mill-portafoll ta' ditta tal-investiment tal-KR jew li rċevew finanzjament minn Angel jew Seed).
Sors: il-Eurostat, Gas Infrastructure Europe, elaborazzjoni tal-JRC ibbażata fuq *data* ta' PitchBook (03/2024), JRC SETIS (2024)

madwar 3,4 familji ta' privattivi għal kull miljun abitant, li jiġi sitt darbiet anqas mill-medja tal-UE.

Tabella A7.1: **Indikaturi Ewlenin tal-Enerġija**

		Malta				EU			
		2019	2020	2021	2022	2019	2020	2021	2022
ENERGY DEPENDNCE	**Import Dependency [%]**	**97.3%**	**97.6%**	**97.1%**	**99.0%**	**60.5%**	**57.5%**	**55.5%**	**62.5%**
	of Solid fossil fuels	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	43.3%	35.8%	37.3%	45.8%
	of Oil and petroleum products	97.8%	99.3%	97.9%	100.7%	96.7%	96.8%	91.7%	97.7%
	of Natural Gas	103.6%	96.2%	103.5%	100.2%	89.7%	83.6%	83.6%	97.6%
	Dependency from Russian Fossil Fuels [%]								
	of Natural Gas	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	39.7%	41.3%	41.1%	21.0%
	of Crude Oil	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	28.8%	26.7%	26.4%	19.5%
	of Hard Coal	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	43.5%	49.1%	47.4%	21.5%

		2016	2017	2018	2019	2020	2021	2022
DIVERSIFICATION OF GAS SUPPLIES	**Gas Consumption (in bcm)**	**-**	**0.3**	**0.3**	**0.4**	**0.4**	**0.4**	**0.4**
	Gas Consumption year-on-year change [%]	-	-	20.5%	6.1%	3.5%	-0.2%	1.6%
	Gas Imports - by type (in bcm)	**-**	**0.3**	**0.4**	**0.4**	**0.4**	**0.4**	**0.4**
	Gas imports - pipeline	-	-	-	-	-	-	-
	Gas imports - LNG	0.0	0.3	0.4	0.4	0.4	0.4	0.4
	Gas Imports - by main source supplier (in bcm) (1)							
	Trinidad and Tobago	-	0.2	0.1	0.3	0.3	0.3	0.3
	United States	-	0.0	0.1	0.0	0.1	0.1	0.1

		2019	2020	2021	2022	2023
	LNG Terminals - storage capacity m3 LNG					
	Number of LNG Terminals	1	1	1	1	1
	LNG Storage capacity (m3 LNG)	125,000	125,000	125,000	125,000	125,000
	Underground Storage					
	Number of storage facilities	0	0	0	0	0
	Technical Capacity (bcm)	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0

		2016	2017	2018	2019	2020	2021	2022	2023
ELECTRICITY/ENERGY	**Gross Electricity Production (GWh) (2)**	**857**	**1,652**	**1,962**	**2,060**	**2,143**	**2,215**	**2,293**	-
	Combustible Fuels	729	1,489	1,772	1,864	1,906	1,959	2,004	-
	Nuclear	0	0	0	0	0	0	0	-
	Hydro	0	0	0	0	0	0	0	-
	Wind	0	0	0	0	0	0	0	-
	Solar	128	162	190	195	237	256	290	-
	Geothermal	0	0	0	0	0	0	0	-
	Other Sources	-0	-0	0	0	-0	-0	-0	-
	Gross Electricity Production [%]								
	Combustible Fuels	85.1%	90.2%	90.3%	90.5%	88.9%	88.4%	87.4%	-
	Nuclear	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	-
	Hydro	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	-
	Wind	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	-
	Solar	14.9%	9.8%	9.7%	9.5%	11.1%	11.5%	12.6%	-
	Geothermal	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	-
	Other Sources	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	-
	Net Imports of Electricity (GWh)	**1,527**	**861**	**621**	**636**	**416**	**511**	**639**	-
	As a % of electricity available for final consumption	72.1%	37.1%	26.0%	25.7%	17.5%	20.4%	23.7%	-
	Electricity Interconnection [%]	-	**24.2%**	**29.4%**	**29.0%**	**31.0%**	**44.5%**	**42.3%**	**40.9%**
	Share of renewable energy consumption - by sector [%]								
	Electricity	5.7%	6.8%	7.7%	7.5%	9.5%	9.6%	10.1%	-
	Heating/cooling	16.9%	19.3%	22.8%	23.6%	23.0%	32.8%	38.0%	-
	Transport	5.3%	6.8%	8.0%	8.9%	10.6%	10.5%	10.5%	-
	Overall	6.2%	7.2%	7.9%	8.2%	10.7%	12.7%	13.4%	-

		2019	2020	2021	2022	2023
CLEAN ENERGY	**VC investments in climate tech start-ups and scale-ups (EUR Mln)**	-	-	-	-	-
	as a % of total VC investment (3) in Malta start-ups and scale-ups	-	-	-	-	-
	Research & Innovation spending in Energy Union R&i priorites					
	Public R&I (EUR mln)	0.3	0.8	0.9	-	-
	Public R&I (% GDP)	0.002%	0.006%	0.006%	-	-
	Private R&I (EUR mln)	3.4	10.7	-	-	-
	Private R&I (% GDP)	0.024%	0.081%	-	-	-

(1) Il-klassifikazzjoni tal-forniturі ewlenin hija bbażata fuq l-aktar ċifri reċenti disponibbli (għall-2022)


(2) L-investiment ta' Kapital ta' Riskju jinkludi ftehimiet ta' Kapital ta' Riskju (l-istadji kollha), ftehimiet ta' fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet żgħar u ftehimiet ta' tkabbir tal-Ekwità Privata (għal kumpaniji li qabel kienu parti mill-portafoll ta' ditta tal-investiment tal-KR jew li rċevew finanzjament minn Angel jew Seed).

Sors: il-Eurostat, Gas Infrastructure Europe, elaborazzjoni tal-JRC ibbażata fuq *data* ta' PitchBook (03/2024), JRC SETIS (2024)

Dan l-Anness jimmonitorja l-progress ta' Malta fl-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika u s-sostenibbiltà ambjentali, b'mod partikolari għall-ħaddiema u l-unitajiet domestiċi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. L-ekonomija ekoloġika ta' Malta qed tespandi. Bejn l-2015 u l-2021, l-impjiegi totali fis-settur tal-prodotti u s-servizzi ambjentali żdiedu b'19,1 % (għal madwar 4 000) (UE: 18,2 %), li jilħaq 1,5 % tal-impjiegi totali (UE: 2,7 %). Barra minn hekk, bejn l-2015 u l-2022, l-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-forza tax-xogħol ta' Malta (ara l-Graff A8.1 u t-Tabella A8.1) naqset minn 10,4 għal 7 tunnellati għal kull ħaddiem, ferm taħt il-medja tal-UE (14,3 tunnellati għal kull ħaddiem fl-2022) ([48]), li jindika xejra pożittiva fit-tranżizzjoni ekoloġika. F'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika ([49]), il-pjan nazzjonali tal-irkupru u r-reżiljenza (RRP) ta' Malta jfisser ir-riformi u l-investimenti fi, pereżempju: i) ir-rinnovazzjoni ta' bini pubbliku bħal sptarijiet u skejjel; ii) id-dekarbonizzazzjoni u ż-żieda tal-aċċess għat-trasport pubbliku; iii) l-għoti ta' appoġġ għax-xiri ta' vetturi elettriċi b'emissjonijiet żero fis-settur privat; u iv) l-iżvilupp ta' ħiliet ekoloġiċi fis-settur tal-kostruzzjoni. Dawn jgħinu fl-implimentazzjoni tal-pjan REPowerEU, u jikkomplementaw l-azzjonijiet appoġġati mill-fondi tal-politika ta' Koeżjoni, inkluż l-installazzjoni ta' provvista tal-enerġija fuq l-art fil-Port il-Kbir u f'Malta Freeport appoġġat mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, kif ukoll azzjonijiet appoġġati mill-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+).

It-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema huma strumentali biex jiġu indirizzati n-nuqqas ta' ħiliet relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika. Fl-2023, l-impjiegi fl-industriji intensivi fl-enerġija ta' Malta kienu jirrappreżentaw 1,1 % tal-impjiegi totali (UE: 3,5 %). Ir-rata ta' postijiet tax-xogħol battala fil-kostruzzjoni (ara l-Graff A8.2), settur ewlieni għat-tranżizzjoni ekoloġika, hija aktar baxxa mill-medja tal-UE (3 % vs 3,6 % fl-UE fl-2023). Fl-istess ħin, 82 % tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fis-settur qablu li n-nuqqas ta' ħiliet qed iżommhom lura fl-attivitajiet kummerċjali ġenerali u 51 % jaħsbu li l-ħiliet meħtieġa għall-ekoloġizzazzjoni tal-attivitajiet tan-negozju qed isiru aktar importanti (UE: 42 %) ([50]). Jekk Malta tqabbel il-kontribut projettat tagħha għall-mira tal-enerġija rinnovabbli tal-UE għall-2030, se jkunu meħtieġa 110 ħaddiem tas-sengħa aktar għall-użu tal-enerġija mir-riħ u mix-xemx, li jista' jirrikjedi investiment fil-ħiliet ta' EUR 0,4–0,5 miljun. ([51]) Miżuri skont il-Pjan għal Tranżizzjoni Ġusta jipprovdu opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid kif ukoll ta' titjib tal-ħiliet lil ħaddiema milquta mit-tranżizzjoni, flimkien ma' offerta ta' taħriġ usa' fil-livell nazzjonali u mekkaniżmi ta' flessibbiltà biex jitħeġġeġ it-taħriġ fil-post tax-xogħol. F'Malta, 43 % tal-finanzjament tal-FSE+ jikkontribwixxi biex isostni l-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità u inklużivi. Diversi programmi kofinanzjati mill-FSE+ jipprovdu opportunitajiet ta' tiġdid u titjib tal-ħiliet (edukazzjoni, taħriġ, gwida, tagħlim tul il-ħajja, eċċ.) għall-persuni qiegħda u għall-ħaddiema, b'enfasi fuq il-ħiliet u l-impjiegi ekoloġiċi u diġitali.

Graff A8.1: **Sfidi għat-tranżizzjoni ġusta f'Malta**



Sors: il-Eurostat, Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol tal-UE, proġetti EMPL-JRC GD-AMEDI/AMEDI+ u DISCO (H) (ara t-Tabella A8.1).

L-indikaturi tal-faqar enerġetiku tjiebu f'dawn l-aħħar snin. Is-sehem tal-popolazzjoni totali li ma tistax iżżomm darha sħuna b'mod

([48]) Il-kalkoli relatati mal-forza tax-xogħol huma bbażati fuq l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol tal-UE. Ta' min jinnota li fir-rapport tal-pajjiż tal-2023 għal Malta, dawn l-indikaturi ġew ikkalkulati abbażi tal-istatistika dwar l-impjiegi fil-kontijiet nazzjonali. Dan jista' jirriżulta f'komparabbiltà limitata fiż-żewġ rapporti.

([49]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika (2022/C 243/04) tkopri l-impjiegi, il-ħiliet, il-benefiċċji tat-taxxa u s-sistemi tal-protezzjoni soċjali, is-servizzi essenzjali u l-akkomodazzjoni.

([50]) Ewrobarometru dwar in-nuqqas ta' ħiliet, l-istrateġiji ta' reklutaġġ u ta' żamma fl-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (Q4_1 u Q1_3).

([51]) Il-proġett EMPL-JRC AMEDI+.

Tabella A8.1: **Indikaturi ewlenin għal tranżizzjoni ġusta f'Malta**

Indicator	Description	MT 2015	MT	EU
GHG per worker	Greenhouse gas emissions per worker – CO_2 equivalent tonnes	10.4	7.0 (2022)	14.3 (2022)
Employment EII	Employment share in energy-intensive industries, including mining and quarrying (NACE B), chemicals (C20), minerals (C23), metals (C24) and automotive (C29)	1.3%	1.1% (2023)	3.5% (2023)
Energy poverty	Share of the total population living in a household unable to keep its home adequately warm	14.1%	7.6% (2022)	9.3% (2022)
Transport poverty (proxy)	Estimated share of the AROP population that spends over 6% of expenditure on fuels for personal transport	38.4%	37.6% (2023)	37.1% (2023)
Carbon inequality	Ratio between the consumption footprint of the top 20% vs bottom 20% of the income distribution	1.4	1.4 (2021)	2.7 (2021)

Sors: Eurostat (env_ac_ainah_r2, lfsa_egan2d, ilc_mdes01), EU Labour Force Survey (break in time series in 2021), EMPL-JRC GD-AMEDI/AMEDI+ and DISCO(H) projects.

adegwat naqas minn 14,1 % fl-2015 għal 7,6 % fl-2022, taħt il-medja tal-UE (9,3 %) ([52]). L-indikatur naqas b' 0,2 punti perċentwali bejn l-2021 u l-2022, minkejja ż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija minħabba restrizzjonijiet fil-provvista kkawżati mill-

pandemija u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Jista' jkun li dan it-titjib sar bis-saħħa ta' miżuri ta' emerġenza fil-bidda l-kbira mhux immirati li qed ikunu implimentati f'Malta ([53]). B'mod partikolari, 14,1 % tal-popolazzjoni f'riskju ta' faqar (AROP) (UE: 20,1 %) u 10,3 % tal-unitajiet domestiċi b'introjtu medju inferjuri (fid-deċili 4 u 5) (UE: 11,6 %) ġew affettwati fl-2022, li jimmarka tnaqqis mill-2015 (minn 27,4 % u 15,8 %, rispettivament). Malta tindirizza l-faqar enerġetiku permezz ta' miżuri ta' appoġġ dirett fuq il-prezz tal-enerġija universali u fuq l-introjtu, iżda wkoll permezz ta' miżuri strutturali aktar immirati bħat-titjib fl-effiċjenza enerġetika, appoġġ għal apparat tal-enerġija solari fuq il-bjut kif ukoll servizzi ta' konsulenza għall-klijenti vulnerabbli. Min-naħa l-oħra, f'Jannar 2023, 37,6 % tal-popolazzjoni f'riskju ta' faqar nefqet proporzjon konsiderevoli tal-baġit tagħhom (aktar minn 6 %) fuq fjuwils privati għat-trasport (UE: 37,1 %) ([54]).

Minkejja li huma taħt il-medja tal-UE, l-inugwaljanzi ambjentali għadhom problema f'Malta. Fl-2021, l-impronta tal-karbonju medja fil-każ ta' 20 % tal-popolazzjoni bl-ogħla introjtu hija 1,4 darba ogħla mill-ifqar 20 % ([55]) (UE: 1,8). Fil-każ taż-żewġ gruppi, l-impronta tal-karbonju hija l-ogħla għall-ikel u l-mobbiltà. Il-livell medju tat-tniġġis tal-arja fl-2021 kien kemm kemm ogħla mill-medja tal-UE (11,6 vs 11,4 µg/m³ PM2.5), bil-bidda l-kbira tal-popolazzjoni tgħix f'reġjuni esposti għal livelli kritiċi ([56]). Dan kellu impatt sinifikanti fuq is-saħħa, b'mod partikolari, fost gruppi vulnerabbli, u kkawża madwar 200 mewt prematura kull sena ([57]). L-RRP ta' Malta jinkludi miżuri biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-mobbiltà permezz tad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport pubbliku u aktar aċċess għalih.

([52]) Il-faqar enerġetiku huwa kunċett multidimensjonali. L-indikatur użat jiffoka fuq eżitu tal-faqar enerġetiku. Aktar indikaturi jinsabu fiċ-Ċentru ta' Konsulenza dwar il-Faqar Enerġetiku.

([53]) Ara l-Kaxxa 1 fir-rapport tal-pajjiż tal-2023 għal Malta.


([54]) L-affordabbiltà tal-fjuwils privati għat-trasport hija waħda mid-dimensjonijiet ewlenin tal-faqar tat-trasport. L-indikatur ġie żviluppat fil-kuntest tal-proġetti EMPL-JRC, GD-AMEDI/AMEDI+. Il-metodoloġija spjegata fil-pubblikazzjoni "Economic and distributional effects of higher energy prices on households in the EU".

([55]) Żvilupp fil-kuntest tal-propett EMPL-JRC DISCO(H). Il-metodoloġija hija spjegata fiċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, 2024. Carbon and environmental footprint inequality of household consumption in the EU. JRC137520. Il-medja tal-UE tirreferi għall-EU27 mingħajr l-Italja (id-*data* dwar l-introjtu tal-unitajiet domestiċi mhijiex disponibbli għall-IT fl-HBS)

([56]) Darbtejn ogħla mir-rakkomandazzjonijiet fil-Linji Gwida tal-WHO dwar il-Kwalità tal-Arja (esponiment annwali ta' 5µg/m³).

([57]) EEA- Air Quality Health Risk Assessment

Graff A8.2:**Rata ta' postijiet tax-xogħol battala fis-setturi tat-trasformazzjoni u fil-minjieri u fil-barrieri**



B - Estrazzjoni mill-minjieri u qtugħ mill-barrieri
C - Manifattura
D - Provvista tal-elettriku, tal-gass, tal-fwar u tal-arja kundizzjonata
E - Provvista tal-ilma; attivitajiet ta' drenaġġ, immaniġġjar tal-iskart u attivitajiet ta' rimedjazzjoni
F - Kostruzzjoni
H - Trasport u ħżin
Sors: Eurostat jvs_a_rate_r2.

Malta qed tieħu passi għal tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika fil-kuntest tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Ġunju 2022. Malta implimentat proġetti speċifiċi li jiffukaw fuq l-iżvilupp tal-ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika. Il-fondi tal-politika ta' koeżjoni u l-RRP jintużaw għall-promozzjoni tal-intraprenditorija, fost l-oħrajn, fis-setturi ekoloġiċi. Il-Bank għall-Iżvilupp ta' Malta jgħin lin-negozjanti fl-investimenti li jappoġġjaw it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa. Hija meħtieġa azzjoni ulterjuri biex jiġu indirizzati b'mod speċifiku l-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjoni ekoloġika, bħal faċilitajiet speċifiċi mfassla apposta għat-tfittix ta' impjieg u strateġija komprensiva dwar l-iżvilupp tal-ħiliet ekoloġiċi ([58]).


([58]) Abbażi tar-rieżami ta' monitoraġġ tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika, li sar f'Ottubru 2023.

It-tranżizzjoni ekoloġika tal-industrija u tal-ambjent mibni, b'mod partikolari d-dekarbonizzazzjoni, l-effiċjenza fir-riżorsi u ċ-ċirkolarità, hija essenzjali biex tingħata spinta lill-kompetittività ta' Malta ([59]). Il-prijorità għal Malta hija l-ġestjoni tal-iskart.

Malta qed tagħmel progress fit-tranżizzjoni tagħha lejn l-ekonomija ċirkolari. Bejn l-2018 u l-2022, ir-rata tal-użu tal-materjal ċirkolari ta' Malta żdiedet minn 8,3 % għal 15,1 %, meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 11,5 %. Il-produttività tar-riżorsi kibret ukoll u kienet ta' 3,3 skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist għal kull kilogramm fl-2022, u qabżet il-medja tal-UE. It-titjib tal-produttività tar-riżorsi jista' jgħin biex jiġu minimizzati l-impatti negattivi fuq l-ambjent u titnaqqas id-dipendenza fuq swieq volatili tal-materja prima. Malta tiddependi fuq l-importazzjonijiet aktar minn pajjiżi oħra tal-UE, u dan jagħmel lill-pajjiż komparattivament aktar vulnerabbli għal interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista. Fl-2022, id-dipendenza materjali tagħha fuq l-importazzjoni kienet ta' 68,3 % (Medja tal-UE: 22,4 %). Barra minn hekk, is-settur tal-manifattura kien responsabbli għal 2,4 % tal-ilma estratt fl-2019.

L-immaniġġjar tal-iskart f'Malta għadu jiddependi ħafna fuq ir-rimi fil-miżbliet. Il-pajjiż naqas milli jilħaq il-mira tal-UE għar-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali tal-2020 u jinsab fuq perkors li se jwasslu biex la jilħaq il-miri tal-iskart muniċipali u tar-riċiklaġġ tal-iskart mill-imballaġġ tal-2025, u lanqas il-mira tal-2035 għat-tnaqqis tar-rimi tal-iskart muniċipali f'miżbliet. Ir-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali ammonta għal 13,6 % fl-2021, waħda mill-aktar rati baxxi fl-UE. Ir-rata tar-riċiklaġġ tal-imballaġġ tal-plastik hija taħt il-medja tal-UE, iżda qed tiżdied, u laħqet l-20,5 % fl-2021. Malta għadha dipendenti ħafna fuq l-attivitajiet ta' rimi f'miżbliet, u qed tirriskja li ma tilħaqx il-mira ta' massimu ta' 10 % tar-rimi tal-iskart muniċipali f'miżbliet sal-2035. Malta tinsab fil-proċess li tibni impjant tal-enerġija mill-iskart b'kapaċità ta' 192 000 tunnellata fis-sena. Ir-rata tar-riċiklaġġ tal-imballaġġ naqset b'mod drammatiku matul l-aħħar għaxar snin u kienet ta' 38,4 % fl-2021 (Medja tal-UE: 64 %). Malta ma rreġistrat l-ebda privattiv ġdid fejn jidħlu l-iskart u r-riċiklaġġ fl-2020. Il-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima ta' Malta ma jindirizzax b'mod estensiv ir-rwol taċ-ċirkolarità fid-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija. Il-pjan jindirizza l-emissjonijiet mill-iskart u l-ħtieġa li jittejbu l-ġbir, it-trattament u l-prevenzjoni tal-iskart.

Graff A9.1: **Emissjonijiet tal-ETS skont is-settur mill-2013**



Sors: il-Kummissjoni Ewropea

Mingħajr ma jitqies it-trasport bl-ajru, l-emissjonijiet kollha ta' gassijiet serra ta' Malta koperti mill-iskema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS, emissions trading system) ([60]) jiġu mill-ġenerazzjoni tal-enerġija. Is-settur tal-enerġija ta' Malta rreġistra tnaqqis sinifikanti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-2013-2018, bi 59 %, iżda l-emissjonijiet tiegħu kienu qed jiżdiedu xi ftit wara dak iż-żmien. Fl-2023, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' Malta mill-ġenerazzjoni tal-enerġija kienu 8 % ogħla mil-livelli tal-2018.

Għad hemm lok biex jiġu limitati l-impatti tal-industrija fuq l-ambjent. L-ammont ta' grammi ta' PM2.5 emessi għal kull output ekonomiku (EUR' 10) ([61]) naqsu minn 0,02 fl-2017 għal 0,01 fl-2020, meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 0,07 gramma/EUR' 10 fl-2020. Xejra simili ġiet irrapportata għall-PM10, b'0,03 gramma/EUR' 10 fl-2017 u 0,02 grammi/EUR' 10 fl-2020, meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 0,10 grammi/EUR' 10 fl-2020. Barra minn hekk, matul l-aħħar għaxar snin, Malta naqqset l-emissjonijiet industrijali tagħha fl-arja tas-sustanzi niġġiesa ewlenin ħlief għall-PM10, li fir-rigward tiegħu ma


([59]) Ara wkoll l-Annessi 6, 7 u 12.

([60]) Din l-analiżi teskludi l-ivvjaġġar bl-ajru. Għal aktar dettalji u s-sors tad-*data*, ara Weitzel, M; van der Vorst, C. (2024), Uneven progress in reducing emissions in the EU ETS, JRC Science for policy brief, JRC138215, Joint Research Centre.

([61]) Fi prezzijiet tal-2010.

tidhirx xejra ta' tnaqqis tul iż-żmien. Madankollu, l-emissjonijiet tan-nitroġenu u tal-fosforu fl-ilma żdiedu bejn l-2010 u l-2019. Il-pajjiż ipproduċa 81 kg ta' skart perikoluż *per capita* u ttratta biss 1,2 % minnu. Malta tbati minn nuqqas ta' ekonomiji ta' skala u disponibbiltà tal-art li jagħmilha impossibbli li tiġi żviluppata firxa sħiħa ta' soluzzjonijiet ta' trattament għall-iskart perikoluż kollu. Il-pajjiż huwa dipendenti fuq l-esportazzjoni ta' skart perikoluż. Tali esportazzjonijiet huma diretti l-aktar lejn Stati Membri oħra. Mal-74 % tal-iskart perikoluż esportat fl-2022 ġie esportat għall-irkupru. Skont il-valutazzjoni tad-*data* fit-12-il rapport ta' implimentazzjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi, fl-2020, Malta ppreżentat konformità sħiħa fil-livell tal-ġbir, iżda konformità baxxa ħafna fejn jidħol it-trattament, madwar 6 % għat-trattament sekondarju u 0 % għat-trattament terzjarju. Id-distakk mal-mira tal-UE kien ta' 94 % fl-2020.

Graff A9.2:**Trattament ta' skart muniċipali**



Sors: il-Eurostat

Is-sistema tal-ambjent mibni għadha kritika hekk kif il-kostruzzjoni qed tikber b'rata mgħaġġla. Dan qed jikkawża sfidi ambjentali kbar bħall-issiġillar tal-art, l-impatti ambjentali u ż-żieda fl-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni. Malta ħadet passi biex tilqa' għas-sitwazzjoni billi beda jopera r-regolatur tal-kostruzzjoni u billi ġiet adottata strateġija għall-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni. Il-proporzjon ta' radam mill-ġdid baqa' ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 9,9 % u kien ta' 56 % fl-2020. Hemm lok għal użu aktar effiċjenti tal-istokk tal-bini. L-ispazju tal-art reżidenzjali *per capita* kien anqas mill-medja tal-UE fl-2020, 28,8 m^2 apparagun ta' 36,5 m^2 *per capita*, u matul iż-żmien naqas. Tista' tiġi osservata xejra simili fejn jidħol l-ispazju tal-art mhux residenzjali.

Livelli għoljin ta' ssiġillar tal-ħamrija u għad limitat ta' żoni ekoloġiċi fl-ambjenti urbani jnaqqsu r-reżiljenza ta' Malta għall-mewġiet ta' sħana. Fl-2018, Malta kellha l-agħar rekord tal-issiġillar tal-ħamrija fl-UE b'total ta' 19,4 % tal-ispazju totali tal-pajjiż (2,23 % tal-medja tal-UE). Fil-perjodu 2012-2018, it-teħid nett tal-art żdied b'5 darbiet meta mqabbel mill-perjodu preċedenti 2006-2012, b'rata aktar mgħaġġla mit-tkabbir tal-popolazzjoni. L-objettiv tat-Tmien (8) Programm ta' Azzjoni Ambjentali li tiġi ġestita l-art b'mod sostenibbli u li tinkiseb sitwazzjoni fejn ma tittiħedx aktar art sal-2050 jenħtieġ li jiġi osservat kif xieraq. It-teħid tal-art iseħħ l-aktar fiż-żoni urbani u fiż-żoni mdawrin magħhom, fejn ir-raba' li jinħadem huwa l-aktar affettwat. Malta kellha t-tieni l-ogħla livelli ta' riċiklaġġ u densifikazzjoni tal-art fl-UE, 44 % (medja tal-UE: 13,5 %), fl-2006-2012. L-infrastruttura ekoloġika hija ċ-ċavetta biex jittaffew ġrajjiet klimatiċi

Tabella A9.1: **Indikaturi taċ-ċirkolarità**

	2018	2019	2020	2021	2022	2023	EU-27	Latest year
Industry								
Resource productivity (purchasing power standard (PPS) per kilogram)	2.4	2.7	2.3	2.7	3.3	-	2.5	2022
Circular material use rate (%)	8.3	12.8	16.5	12.8	15.1	-	11.5	2022
Eco-innovation index (2013=100)	93.5	79.8	79.2	78.8	79.8	-	121.5	2022
Recycling of plastic packaging (%)	11.1	15.4	10.2	20.5	-	-	40.7	2021
Cost of air emissions from industry (EUR bn)	0.0	0.1	-	-	-	-	352.7	2021
Built environment								
Recovery rate from construction and demolition waste (%)	100.0	-	100.0	98.4	-	-	89.0	2020
Soil sealing index (base year = 2006)	104.6	-	-	-	-	-	103.4	2018
Non-residential floor area (m^2 per capita)	8.6	8.4	8.2	-	-	-	18.0	2020
Waste backfilled (%)	77.7	-	62.1	-	42.0	-	9.9	2020

Sors: il-Eurostat, Aġenzija Ewropea għall-Ambjent

estremi, bħalma huma l-mewġiet tas-sħana. L-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Bijodiversità 2012-2020 jindirizzaw b'mod espliċitu l-infrastrutturi ekoloġiċi u l-konnettività, kif ukoll il-politika ambjentali nazzjonali. Fil-belt ewlenija ta' Malta, il-kopertura medja tas-siġar laħqet biss 6,6 % fl-2018 (il-medja tal-UE: 30,3 %).

It-trasformazzjoni diġitali hija kruċjali biex tiġi żgurata ekonomija reżiljenti u kompetittiva. F'konformità mal-Politika dwar id-Deċennju Diġitali, u b'mod partikolari mal-miri tiegħu għat-trasformazzjoni diġitali sal-2030, dan l-Anness jiddeskrivi l-prestazzjoni ta' Malta fejn jidħlu l-ħiliet diġitali, l-infrastruttura/il-konnettività diġitali u d-diġitalizzazzjoni tan-negozji u tas-servizzi pubbliċi. Fejn rilevanti, tagħmel referenza għall-progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP). Malta talloka 26 % tal-baġit totali tagħha għall-Irkupru u r-Reżiljenza għall-qasam diġitali (EUR 67,6 miljun) ([62]). Skont il-politika ta' koeżjoni, EUR 129 miljun addizzjonali (17 % tal-finanzjament totali tal-politika ta' koeżjoni tal-pajjiż) huma allokati għat-trasformazzjoni diġitali tal-pajjiż ([63]).

Il-programm ta' politika dwar id-Deċennju Diġitali jistabbilixxi perkors għat-trasformazzjoni diġitali ta' suċċess tal-UE sal-2030. Il-pjan direzzjonali nazzjonali ta' Malta jiddeskrivi l-azzjonijiet li biħsiebha tieħu biex tilħaq l-objettivi u l-miri fil-livell nazzjonali. L-ewwel rapport dwar l-istat tad-Deċennju Diġitali enfasizza l-ħtieġa li jiġu aċċellerati u approfonditi l-isforzi kollettivi biex jintlaħqu l-miri u l-objettivi għall-UE kollha ([64]). Permezz ta' dan, popolazzjoni b'ħiliet diġitali żżid l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali u twassal għal żidiet fil-produttività u mudelli ġodda ta' negozju. Twassal ukoll għal inklużjoni u parteċipazzjoni akbar f'ambjent iffurmat dejjem aktar mit-trasformazzjoni diġitali ([65]). It-teknoloġiji, l-infrastruttura u l-għodod diġitali kollha għandhom rwol fl-indirizzar tal-isfidi strutturali attwali, inkluża d-dipendenza strateġika f'diversi oqsma, iċ-ċibersigurtà u t-tibdil fil-klima.

Malta għandha prestazzjoni ogħla mill-medja tal-UE fil-ħiliet diġitali, iżda għad hemm nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol. Il-perċentwal ta' speċjalisti tal-ICT fil-forza tax-xogħol Maltija huwa 4.7 %, kemxejn anqas mill-medja tal-UE. Barra minn dan, 69 % tal-intrapriżi jirrappurtaw postijiet vakanti diffiċli biex jimtlew fil-każ ta' impjiegi li jeħtieġu ħiliet speċjalizzati fl-ICT, li huwa ogħla mill-medja tal-UE ta' 63 %. ([66]). Bħala parti mill-RRP tagħha, Malta nediet skema ta' boroż ta' studju fl-2021 biex tappoġġa lill-istudenti li qed jistudjaw l-intelliġenza artifiċjali, iċ-ċibersigurtà, ix-xjenza tad-*data* u l-istudji tal-informazzjoni, fost l-oħrajn. Hemm lok għal miżuri aktar immirati biex jiġi żgurat li t-talent tas-sengħa jkun jista' jappoġġa l-użu dejjem akbar ta' teknoloġiji avvanzati u jiffaċilita aktar riċerka u innovazzjoni mill-intrapriżi Maltin.

Il-progress dwar il-kopertura tal-5G u tal-fibra jsaħħaħ il-prestazzjoni ta' Malta fir-rigward tal-konnettività. Mill-2019 'l hawn, id-djar Maltin kollha qed jiġu milħuqa minn networks ta' kapaċità għolja ħafna (VHCNs, very high capacity networks) li joffru veloċitajiet ta' 1 Gbps u aktar. Il-kopertura tal-fibra sal-bini (FTTP, Fibre-to-the-premises) laħqet is-70 % u għaddiet il-medja tal-UE ta' 64 % fl-2023. Malta kisbet kopertura nazzjonali tal-5G fil-pajjiż kollu fl-2022, iżda hemm lok għal titjib fil-kopertura fejn jidħlu bands essenzjali biex ikunu jistgħu jsiru applikazzjonijiet avvanzati li jeħtieġu wisa' tal-banda tal-ispettru kbira. Il-kopertura tal-5G fuq il-banda tal-ispettru pijuniera ta' 3,4-3,8 GHz hija ta' 25 %, b'mod sinifikanti anqas mill-medja tal-UE ta' 41 %. Filwaqt li l-ispettru fuq it-tliet bands pijunieri tal-5G sar disponibbli fl-2021, sa issa Malta għadha ma assenjatx spettru fil-bands ta' 700 MHz u 26 GHz, minħabba nuqqas ta' interess mis-suq, turija tad-daqs żgħir tat-territorju u tas-suq tagħha.

L-intrapriżi Maltin, inklużi l-SMEs, għandhom livell għoli ta' diġitalizzazzjoni. L-użu ta' teknoloġiji diġitali avvanzati huwa ferm aktar mifrux fost l-intrapriżi f'Malta milli fl-UE b'mod

([62]) Is-sehem tal-allokazzjonijiet finanzjarji li jikkontribwixxu għall-objettivi diġitali ġie kkalkulat bl-użu tal-Anness VII tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

([63]) Dan l-ammont jinkludi l-investiment kollu mmirat speċifikament lejn it-trasformazzjoni diġitali jew li jikkontribwixxi sostanzjalment għaliha fil-perjodu ta' programmazzjoni tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027. Is-sorsi tal-fondi huma l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta.

([64]) Il-Kummissjoni Ewropea (2023): Report on the state of the Digital Decade 2023, 2023 Report on the state of the Digital Decade | Shaping Europe's digital future (europa.eu).

([65]) Ara per eżempju OECD (2019): OECD Economic Outlook, Digitalisation and productivity: A story of complementarities, OECD Economic Outlook, Volume 2019 Issue 1 | OECD iLibrary (oecd-ilibrary.org) u OECD (2019): Ħidma Diġitali: Shaping Policies, Improving Lives – Summary, https://www.oecd.org/digital/going-digital-synthesis-summary.pdf.

([66]) Eurostat: Speċjalisti tal-ICT - statistika dwar postijiet tax-xogħol battala diffiċli biex jimtlew fl-intrapriżi (bħala % tal-intrapriżi li rreklutaw / ippruvaw jirreklutaw speċjalisti tal-ICT), 2022.

ġenerali; b'mod speċifiku l-użu tal-analitika tal-big data, tal-cloud computing u tal-intelliġenza artifiċjali huwa ogħla mill-medja tal-UE. Jekk inqisu l-indikatur "IA jew cloud jew big data", li jkejjel il-perċentwal ta' intrapriżi Maltin li adottaw l-IA, cloud jew big data, waħda minnhom jew aktar, f'konformità mal-operazzjonijiet tan-negozju tagħhom, Malta hija ferm ogħla mill-medja tal-UE (68 % meta mqabbla ma' 55 %). Madankollu, għad hemm lok għall-SMEs biex ilaħħqu mal-pari akbar tagħhom. L-RRP Malti jappoġġa l-investimenti fid-diġitalizzazzjoni tan-negozji b'żewġ skemi ta' għotjiet imnedija fl-2022. Waħda minn dawn hija mfassla speċifikament biex tistimula l-użu tal-hardware u s-software tal-ICT mill-SMEs. Lil hinn mill-adozzjoni, hemm bosta opportunitajiet għal kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn is-settur pubbliku, in-negozji, u d-dinja akkademika biex jissaħħu r-riċerka u l-innovazzjoni fit-teknoloġiji diġitali emerġenti. L-RRP ta' Malta jindirizza parzjalment din l-isfida bl-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni Intelliġenti 2021-2027 adottata bħala parti minnu. L-istrateġija tidentifika t-teknoloġiji diġitali (pereż. l-intelliġenza artifiċjali, l-Internet tal-Oġġetti, il-computing ta' prestazzjoni għolja, it-teknoloġiji ta' reġistru distribwit) bħala wieħed mis-sitt oqsma ta' prijorità għall-investiment fl-infrastruttura tar-riċerka. Meta jitqiesu l-isfidi ambjentali ta' Malta, hemm opportunità biex isir investiment fl-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji diġitali innovattivi b'appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika (pereż. applikazzjonijiet li jappoġġaw l-effiċjenza enerġetika, il-ġestjoni tal-ilma, il-mobbiltà intelliġenti, eċċ.). Fl-2022, 3,3 % tal-intrapriżi f'Malta rrapportaw qtugħ fis-servizzi tal-ICT minħabba attakki ċibernetiċi (eż. attakki ta' ransomware, attakki ta' ċaħda tas-servizz). Matul l-istess sena, 26 % tal-intrapriżi żviluppaw jew irrivedew il-politika tas-sigurtà tal-ICT tagħhom fit-12-il xahar preċedenti.

Malta hija fuq quddiem fis-servizzi pubbliċi diġitali. Iċ-ċittadini u n-negozji jistgħu jaċċessaw kważi s-servizzi pubbliċi kollha online permezz tal-portal one-stop-shop tal-gvern servizz.gov. L-RRP ta' Malta jinkludi diversi investimenti biex ikomplu jitjiebu s-servizzi pubbliċi diġitali, bħal soluzzjonijiet ta' intelliġenza artifiċjali biex tittejjeb l-esperjenza tal-utent fuq servizz.gov u miżuri biex tissaħħaħ is-sigurtà ġenerali u l-kapaċità tal-infrastruttura tal-IT tal-gvern. L-iskema ta' identifikazzjoni elettronika (eID) tal-pajjiż, li ġiet innotifikata skont ir-Regolament eIDAS ([67]), tista' tintuża biex wieħed jidħol f'sa 91 % tas-servizzi pubbliċi online ([68]), inkluż biex wieħed ikun jista' jaċċessa r-rekords elettroniċi tas-saħħa. Fejn jidħol l-aċċess għar-rekords elettroniċi tas-saħħa, Malta għandha punteġġ ta' 88 minn 100. B'rabta mal-ħtieġa ta' Malta għal għodod diġitali biex jappoġġaw il-kura tas-saħħa, il-fondi tal-politika ta' koeżjoni qed jappoġġaw investimenti għad-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tas-saħħa li għandhom l-għan li jsaħħu s-sinerġiji bejn diversi servizzi biex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' informazzjoni tal-pazjenti simplifikata u faċilment aċċessibbli kemm għall-pazjenti kif ukoll għall-persunal mediku rilevanti fid-dipartimenti kollha, inklużi fid-dipartimenti outpatient.

([67]) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014.

([68]) Punt ta' riferiment tal-eGvern għall-2022.

Tabella A10.1: **Miri ewlenin tad-Deċennju Diġitali mmonitorjati mill-indikaturi tal-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali**

	Malta			EU	Digital Decade target by 2030 (EU)
	2022	2023	2024	2024	
Digital skills					
At least basic digital skills	**61%**	**61%**	**63%**	**56%**	**80%**
% individuals	2021	2021	2023	2023	2030
ICT specialists ([1])	**4.8%**	**5.0%**	**4.7%**	**4.8%**	**20 million**
% individuals in employment aged 15-74	2021	2022	2023	2023	2030
Digital infrastructure/connectivity					
Fixed very high capacity network (VHCN) coverage	**100%**	**100%**	**100%**	**79%**	**100%**
% households	2021	2022	2023	2023	2030
Fibre to the premises (FTTP) coverage ([2])	**48%**	**56%**	**70%**	**64%**	**-**
% households	2021	2022	2023	2023	
Overall 5G coverage	**20%**	**100%**	**100%**	**89%**	**100%**
% populated areas	2021	2022	2023	2023	2030
Digitalisation of businesses					
SMEs with at least a basic level of digital intensity	**73%**	**NA**	**77%**	**58%**	**90%**
% SMEs	2021		2023	2023	2030
Data analytics	**NA**	**NA**	**36%**	**33%**	**-**
% enterprises			2023	2023	
Cloud	**48%**	**48%**	**58%**	**39%**	**-**
% enterprises	2021	2021	2023	2023	
Artificial intelligence	**10%**	**10%**	**13%**	**8%**	**-**
% enterprises	2021	2021	2023	2023	
AI or cloud or data analytics ([3])	**NA**	**NA**	**68%**	**55%**	**75%**
% enterprises			2023	2023	2030
Digitalisation of public services					
Digital public services for citizens	**100**	**100**	**100**	**79**	**100**
Score (0 to 100)	2021	2022	2023	2023	2030
Digital public services for businesses	**97**	**97**	**100**	**85**	**100**
Score (0 to 100)	2021	2022	2023	2023	2030
Access to e-health records	**NA**	**78**	**88**	**79**	**100**
Score (0 to 100)		2022	2023	2023	2030

(1) Il-mira ta' 20 miljun tirrappreżenta madwar 10 % tal-impjiegi totali.
(2) L-indikatur ta' kopertura "fibra sal-bini" huwa inkluż separatament billi l-evalwazzjoni tiegħu se tiġi mmonitorjata wkoll separatament u se titqies meta tiġi interpretata d-*data* tal-kopertura tal-VHCN fid-Deċennju Diġitali.
(3) Mill-inqas 75 % tal-intrapriżi tal-Unjoni adottaw waħda jew aktar minn dawn li ġejjin, f'konformità mal-operazzjonijiet tan-negozju tagħhom: (i) servizzi ta' cloud computing; (ii) big data; (iii) l-intelliġenza artifiċjali.
Sors: L-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali


Dan l-Anness jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-prestazzjoni tas-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni ta' Malta, li hija essenzjali għat-twettiq tat-tranżizzjoni doppja kif ukoll biex tiġi ggarantita l-kompetittività għat-tul.

Malta hija "innovatur moderat", iżda d-distakk bejn il-prestazzjoni tagħha u l-medja tal-UE qed jonqos. Skont l-edizzjoni tal-2023 tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea ([69]), il-prestazzjoni tal-innovazzjoni tagħha żdiedet b'10,9 punti perċentwali mill-2016, b'rata ogħla minn dik tal-UE (8,5pp). Madankollu, il-prestazzjoni ġenerali tagħha għadha taħt il-medja tal-UE (85,8 % tal-prestazzjoni tal-UE).

L-intensità totali tar-riċerka u l-iżvilupp għadha batuta (0,69 % fl-2022 apparagun ta' medja fl-UE ta' 2,24 %) u hija aktar baxxa milli kienet 10 snin ilu ([70]), minħabba nefqa pubblika dgħajfa li tkompli ttellef il-potenzjal tal-pajjiz fejn tidħol ir-riċerka u l-iżvilupp. L-investiment pubbliku fir-riċerka u l-iżvilupp ilu staġnat mill-2010 (u għadu ferm taħt il-medja tal-UE: 0,23 % tal-PDG meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 0,73 % fl-2022), li ma jirriflettix it-tkabbir sinifikanti tal-PDG tal-pajjiż matul dawn l-aħħar ftit snin. Il-ħtieġa li jinbena qafas robust ta' abilitazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni, sostnut ukoll permezz ta' investimenti dejjem jikbru fis-settur pubbliku, hija rikonoxxuta fil-pjan strateġiku nazzjonali għar-riċerka u l-innovazzjoni 2023-2027 ta' Malta li ġie adottat f'Novembru 2023 u jibni fuq l-eżiti u r-rakkomandazzjonijiet tar-rieżami bejn il-pari tal-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politiki (PSF) li sar fl-2019 ([71]).

Il-kapaċità tal-innovazzjoni tal-kumpaniji Maltin għadha mhux sfruttata, b'investiment privat baxx ħafna fir-riċerka u l-iżvilupp u kumpaniji li qed jesperjenzaw diffikultajiet fl-aċċess għall-finanzi. In-nefqa privata fir-riċerka u l-iżvilupp hija taħt il-medja tal-UE b'mod sinifikanti (0,46 % tal-PDG meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 1,48 %). Il-livell ta' sostenn pubbliku għar-riċerka u l-iżvilupp tan-negozji huwa wieħed mill-aktar baxxi fl-UE u ilu jonqos matul is-snin, u naqas minn 0,04 % tal-PDG fl-2010 għal 0,01 % fl-2021.

Graff A11.1: **Nefqa pubblika fuq ir-riċerka u l-iżvilupp bħala % tal-PDG**



Sors: il-Eurostat

L-istess xejra tista' tiġi osservata fir-rigward tad-disponibbiltà tal-kapital ta' riskju (0,005 %[72] fl-2022, tnaqqis minn 0,010 % fl-2010, u ferm taħt il-medja tal-UE ta' 0,085 %). Skont il-Fond Ewropew tal-Investiment, Malta tinsab fil-qiegħ tal-klassifikazzjoni tal-UE fir-rigward tal-aċċess għall-kapital privat u l-finanzjament għall-SMEs ([73]). L-output teknoloġiku tal-pajjiż huwa modesta. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea turi prestazzjoni negattiva meta mqabbla mal-2022 għall-intraprizi żgħar u ta' daqs medju li jintroduċu innovazzjonijiet tal-prodotti jew tal-proċessi tan-negozju. Madankollu, huwa pożittiv li jiġi osservat li l-attività tal-privattivi ta' Malta (l-għadd ta' privattivi ppreżentati skont it-Trattat ta' Kooperazzjoni dwar il-Privattivi) ilha b'xejra li tiżdied matul dan l-aħħar deċennju, għalkemm għadha ferm taħt il-medja tal-UE. Biex jappoġġa l-attivitajiet ta' innovazzjoni tal-kumpaniji, kif previst fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP) tiegħu, il-pajjiż qed jipprova jirrazzjonalizza u jissimplifika x-xenarju tal-finanzjament, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' ġestjoni komuni tal-kontijiet fi ħdan Malta Enterprise u l-Kunsill Malti

([69]) It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea (European Innovation Scoreboard, EIS) 2023, profil tal-pajjiż: Malta https://ec.europa.eu/assets/rtd/eis/2023/ec_rtd_eis-country-profile-mt.pdf. L-EIS tipprovdi analiżi komparattiva tal-prestazzjoni tal-innovazzjoni fil-pajjiżi tal-UE, inklużi l-punti b'saħħithom u d-dgħufijiet relattivi tas-sistemi ta' innovazzjoni nazzjonali tagħhom (imqabbla wkoll mal-medja tal-UE).

([70]) L-intensità totali tar-riċerka u l-iżvilupp kienet ta' 0,80 % tal-PDG fl-2012.

([71]) Evalwazzjoni bejn il-pari tal-2019 tas-sistema Maltija tar-riċerka u l-innovazzjoni.

([72]) Kapital ta' riskju (statistika tas-suq) bħala % tal-PDG.

([73]) The 2022 EIF SME Access to finance Index.

Tabella A11.1: **Indikaturi tal-innovazzjoni ewlenin**

Malta	2010	2015	2020	2021	2022	EU average (1)
Key indicators						
R&D intensity (GERD as % of GDP)	0.59	0.72	0.65	0.65	0.69	2.24
Public expenditure on R&D as % of GDP	0.23	0.35	0.24	0.23	0.23	0.73
Business enterprise expenditure on R&D (BERD) as % of GDP	0.36	0.37	0.41	0.42	0.46	1.48
Quality of the R&I system						
Scientific publications of the country within the top 10% most cited publications worldwide as % of total publications of the country	7	9.1	8.7	:	:	9.6
Patent Cooperation Treaty (PCT) patent applications per billion GDP (in PPS)	0.7	1	1.89	:	:	3.4
Academia-business cooperation						
Public-private scientific co-publications as % of total publications	5.2	5.3	6.2	7.5	7.6	7.6
Public expenditure on R&D financed by business enterprise (national) as % of GDP	0.003	0.002	0.004	0.003	:	0.054
Human capital and skills availability						
New graduates in science & engineering per thousand pop. aged 25-34	8.1	9.7	5.4	5.2	:	16.9
Public support for business enterprise expenditure on R&D (BERD)						
Total public sector support for BERD as % of GDP	0.04	0.045	0.01	0.01	:	0.204
R&D tax incentives: foregone revenues as % of GDP	0.03	0.019	0	0	:	0.104
Green innovation						
Share of environment-related patents in total patent applications filed under PCT (%)	15.4	39.1	3.4	:	:	14.7
Finance for innovation and economic renewal						
Venture capital (market statistics) as % of GDP	0.01	0.01	0.006	0.006	0.005	0.085
Employment share of high growth enterprises measured in employment (%)	:	:	19.36	:	:	12.51

(1) Medja tal-UE għall-aħħar sena disponibbli jew għas-sena bl-akbar numru ta' *data* tal-pajjiż.
Sors: il-Eurostat, OECD, DG JRC, Science-Metrix (Bażi tad-*data* Scopus u Bażi tad-*data* Statistika dwar il-Pażjenti tal-EPO), Invest EU

għax-Xjenza u t-Teknoloġija (MCST, Malta Council for Science and Technology).

In-nuqqas ta' riżorsi umani ġie rikonoxxut b'mod wiesa' mis-setturi privati u pubbliċi bħala sfida ewlenija u l-attrazzjoni u ż-żamma tat-talent jibqgħu ħtieġa urġenti għal Malta. Skont stħarriġ ġdid tal-Ewrobarometru ([74]), kważi żewġ terzi tan-negozji f'Malta jgħidu li x-xogħol tagħhom qed jinżamm wieqaf minħabba n-nuqqas ta' ħiliet fis-suq tax-xogħol. Fost dawk li wieġbu, 87 % tal-impjegaturi jgħidu li jsibu problema biex jirreklutaw persunal għal mill-inqas rwol wieħed fil-kumpanija tagħhom u aktar minn nofshom jgħidu li n-nuqqas ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati qed iwaqqfuhom milli jinvestu fi prattiki tan-negozju ekoloġiċi; ftit inqas minn nofs jgħidu li qed isibuha diffiċli biex jadottaw teknoloġiji diġitali fin-negozji tagħhom. Id-disponibbiltà tar-riżorsi umani għar-riċerka u l-innovazzjoni hija ta' tħassib kbir. L-għadd ta' gradwati ġodda fix-xjenza u l-inġinerija għal kull popolazzjoni ta' elf ta' bejn il-25 u l-34 sena huwa baxx ħafna u qed ikompli jonqos, tant li waqa' għal 5,2 fl-2021, li huwa ferm taħt il-medja tal-UE ta' 16,9. Barra minn hekk, l-għadd ta' riċerkaturi impjegati kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat huwa baxx ħafna.


Huma meħtieġa aktar sforzi biex tiżdied il-kwalità tal-bażi tax-xjenza pubblika ta' Malta u biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn id-dinja akkademika u n-negozju. Il-livell tajjeb ta' internazzjonalizzazzjoni tas-sistema ta' riċerka ta' Malta huwa viżibbli fis-sehem ta' studenti barranin tad-dottorat, li żdied b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin, kif ukoll f'termini ta' kopubblikazzjonijiet internazzjonali (63,9 % fl-2022 bħala perċentwal tal-għadd totali ta' pubblikazzjonijiet, ogħla mill-medja tal-UE ta' 55,5 %). Madankollu, il-kwalità tal-output xjentifiku ta' Malta, kif imkejla mis-sehem tal-pubblikazzjonijiet tal-pajjiż fost l-aqwa 10 % l-aktar ikkwotati madwar id-dinja, għadha taħt il-medja. Barra minn hekk, l-indikaturi jissuġġerixxu li l-ekosistema tal-innovazzjoni ta' Malta hija frammentata u li l-kooperazzjoni bejn id-dinja akkademika u n-negozju, filwaqt li tjiebet maż-

([74]) Rapport tal-Ewrobarometru Flash 529.

żmien, għadha qed tiffaċċja sfidi sinifikanti. Il-kopubblikazzjonijiet xjentifiċi pubbliċi-privati żdiedu f'dawn l-aħħar snin iżda ġew stabbli għal 7,6 % tal-għadd totali ta' pubblikazzjonijiet. Barra minn hekk, in-nefqa pubblika fuq ir-riċerka u l-iżvilupp iffinanzjata min-negozji għadha notevolment baxxa, u staġnat f'dan l-aħħar deċennju (0,003 % fl-2021 meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 0,054 %). Hija meħtieġa kollaborazzjoni aktar b'saħħitha bejn ix-xjenza u n-negozju sabiex jinżamm it-talent u titrawwem il-valorizzazzjoni tar-riżultati tar-riċerka. Il-ħtieġa li jiġu stimulati sħubijiet pubbliċi-privati hija rikonoxxuta wkoll fil-pjan strateġiku nazzjonali għar-riċerka u l-innovazzjoni 2023–2027 u diġà ġiet identifikata bħala prijorità fl-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti 2021–2027. Diversi miżuri maħsuba għat-tisħiħ tal-kollaborazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien madwar id-dinja akkademika u l-industrija huma appoġġati bis-saħħa tal-fondi ta' koeżjoni, inkluż l-appoġġ għat-twaqqif ta' ċentru ta' inkubazzjoni tan-negozju.

Il-produttività tax-xogħol qed tkompli tikber b'pass simili għall-medja tal-UE, għalkemm id-differenzi settorjali huma konsiderevoli. Il-produttività tax-xogħol (f'termini ta' PDG għal kull persuna impjegata) kienet prinċipalment xprunata minn setturi ta' produttività għolja bħal manifattura u s-servizzi bħal proprjetà immobbli, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, il-gaming kif ukoll servizzi professjonali, xjentifiċi u tekniċi. It-tkabbir tal-produttività tax-xogħol fl-industrija laħaq it-3,8 %fl-2023 (ara t-Tabella A12.1) ([75]).

Graff A12.1:**Produttività reali tax-xogħol (PDG għal kull siegħa maħduma), skont is-settur, 2015=100**



Sors: il-Kummissjoni Ewropea

Minħabba d-daqs u l-pożizzjoni ġeografika tagħhom, in-negozji Maltin jiltaqgħu ma' sfidi speċifiċi f'termini ta' żviluppi fil-prezzijiet u fil-katina tal-provvista. Il-kapaċità tal-produzzjoni industrijali ta' Malta tiddependi ħafna fuq l-importazzjonijiet tal-makkinarju, tal-enerġija u tal-prodotti kimiċi mill-Istati Membri tal-UE u mill-Asja. Għaldaqstant, il-bidliet fil-prezzijiet fis-suq dinji jaffettwaw direttament lin-negozji Maltin. Il-prezz tal-enerġija bħalissa huwa ffissat fil-livelli tal-2020, u l-gvern jipprovdi sussidji lis-settur tal-enerġija. Dawn is-sussidji mhux immirati għenu biex sa ċertu punt, irażżnu l-inflazzjoni, iżda dawn ipoġġu piż kbir fuq il-baġit tal-gvern, inaqqsu l-inċentiv għall-investiment f'miżuri tal-effiċjenza enerġetika, u għandhom it-tendenza li jkunu ta' benefiċċju għall-konsumaturi b'introjtu ogħla ([76]). Dwar it-tfixkil fil-kummerċ internazzjonali, id-ditti Maltin iqisu "Tfixkil tal-loġistika u tat-trasport" u "Aċċess għal komoditajiet jew materja prima" bħala ostakli ewlenin (80 % u 74 % rispettivament, vs il-medji tal-UE ta' 65 % u 62 %) ([77]). Għalkemm fl-2023 naqsu t-tensjonijiet ta' nuqqas tal-materjali, id-ditti tal-manifattura jirrapportaw nuqqasijiet fil-materja prima u fil-komponenti (24 % fl-2023 vs 17 % fl-UE) bħala r-restrizzjoni ewlenija tal-produzzjoni tagħhom (ara t-Tabella A12.2). Barra minn hekk, 50 % tal-kumpaniji internazzjonali ta' Malta intervistati minn Ernst and Young semmew it-tħassib dwar il-katina tal-provvista bħala piż fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom ([78]). Dawn id-dipendenzi esterni jistgħu jispjegaw il-livell kontinwament għoli ta' Malta għall-indikatur tal-inċertezza ekonomika (EUI, economic uncertainty indicator) ([79]) fl-2023.

Malta tkompli tiffaċċja nuqqasijiet konsiderevoli ta' ħaddiema b'livell għoli ta' ħiliet u spariġġ fil-ħiliet bejn is-setturi. Id-disponibbiltà ta' persunal ikkwalifikat hija l-aktar ostaklu fit-tul għall-investiment imsemmi skont l-Istħarriġ tal-BEI dwar l-Investiment (93 % tal-kumpaniji Maltin vs il-medja tal-UE ta' 81 %). Għalkemm il-problema teżisti fis-setturi kollha, is-setturi tas-servizzi b'valur miżjud għoli bħas-servizzi finanzjarji, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni u l-gaming huma partikolarment affettwati. Skont l-Ernst & Young Attractiveness Survey, l-investituri barranin isostnu li l-ħiliet tekniċi tal-forza tax-xogħol huma waħda mill-aktar prijoritajiet importanti meta jagħżlu pajjiż ta' investiment. L-oqsma rrapportati ta' investimenti teknoloġiċi futuri huma l-intelliġenza artifiċjali, l-awtomatizzazzjoni intelliġenti u l-cloud distribwit. Filwaqt li l-investituri barranin qed jirnexxilhom iżommu u jħarrġu l-forza tax-xogħol tagħhom, qed isibuha dejjem aktar diffiċli biex jimpjegaw

([75]) Malta The National Productivity Board (2022). Annual Report 2022.

([76]) IMF (2023). Malta, selected issues, IMF Country Report No. 23/79.

([77]) EIB Investment Survey (2023).

([78]) EY Futur tal-manifattura 2022.


([79]) L-EUI huwa indikatur kompost li juri kemm huwa diffiċli għall-maniġers/għall-konsumaturi li jbassru s-sitwazzjoni futura tan-negozju/finanzjarja. Dan jiġi ppubblikat regolarment mill-Kummissjoni Ewropea bħala parti mill-istħarriġ tagħha dwar in-negozji u l-konsumaturi (https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-forecast-and-surveys/business-and-consumer-surveys_en).

persunal lokali ([80]). Barra minn hekk, skont is-Survey on access to finance of enterprises (SAFE), 25 % tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs, small and medium-sized enterprises) jindikaw "id-disponibbiltà ta' persunal ikkwalifikat jew maniġers ta' esperjenza" bħala waħda mill-aktar preokkupazzjonijiet urġenti tagħhom ([81]). Is-sitwazzjoni stretta tas-suq tax-xogħol Malti hija aggravata mill-pożizzjoni ġeografika u d-daqs tiegħu. L-impjieg ta' aktar ħaddiema barranin taffa s-sitwazzjoni b'mod parzjali biss.

L-SMEs Maltin jibbenefikaw minn aċċess aktar faċli għall-finanzi, speċjalment għal finanzjament alternattiv u l-użu tal-ekwità. L-SMEs jiffurmaw s-sinsla tal-ekonomija Maltija u huma l-kontributuri ewlenin għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi. Fl-2023, il-valur miżjud tagħhom kiber bi 12,8 % (13,1 % fl-2022) ([82]). Skont l-Istħarriġ tal-BEI dwar l-Investiment, in-negozji Maltin jiddependu fil-biċċa l-kbira fuq il-finanzjament intern (74 %). Dan jista' jkun dovut għal kostijiet tal-finanzjament relattivament għoljin iżda huwa relatat ukoll ma' diffikultajiet fl-aċċess għas-self bankarju minħabba ċ-ċokon tas-suq. Barra minn hekk, is-sehem ta' ditti finanzjarjament ristretti fl-2023, ta' 11,2 %, baqa' ogħla mill-medja tal-UE ta' 6,1 %. Sadanittant, id-ditti domestiċi ma għamlu l-ebda użu minn titoli ta' ekwità jew ta' dejn ([83]). Kanali oħra ta' finanzjament bħal business angels u crowdfunding għadhom mhux sfruttati. Minkejja l-fatt li saru xi inizjattivi mill-gvern. L-investiment ta' kapital ta' riskju ta' Malta bħala sehem tal-PDG huwa fost l-inqas fl-UE (ara t-Tabella A12.2).

Malta hija integrata sew fis-suq uniku għas-servizzi, filwaqt li għad hemm ċerti restrizzjonijiet. L-integrazzjoni tal-kummerċ tas-servizzi ta' Malta tirrappreżenta 60 % tal-PDG ([84]), it-tieni l-ogħla fost l-Istati Membri kollha u ferm ogħla mill-medja tal-UE (14,9 %). L-esportazzjonijiet tas-servizzi huma prinċipalment iddominati minn "servizzi kummerċjali oħra", servizzi finanzjarji u tariffi tal-proprjetà intellettwali (ara l-Graff A12.2). Madankollu, id-dgħufija tad-domanda esterna mis-sħab kummerċjali tal-UE, bħall-Ġermanja u l-Italja, tista' tirrestrinġi l-prestazzjoni kummerċjali tas-servizzi ([85]). B'kuntrast mal-integrazzjoni kummerċjali tas-servizzi, l-integrazzjoni kummerċjali ta' Malta fis-suq uniku għall-oġġetti (15 %) għadha taħt il-medja tal-UE (28 %) skont il-Eurostat.

Graff A12.2: **Is-sehem ta' kull servizz esportat**



(1) Kummerċ fis-servizzi – sehem mill-esportazzjonijiet globali totali (%)
Sors: il-Kummissjoni Ewropea

F'dawn l-aħħar snin, Malta tjiebet b'mod konsiderevoli f'xi indikaturi ewlenin ([86]) dwar l-akkwist pubbliku. Ir-rata rrappurtata ta' offerti uniċi (offerta waħda biss sottomessa), ta' 15 %, għadha ferm taħt il-medja tal-UE ta' 29 %. Ir-rata ta' proċeduri nnegozjati mingħajr pubblikazzjoni, ta' 1 %, hija wkoll l-aktar baxxa fl-UE u ferm taħt il-medja tal-UE ta' 5 %. Malta tikklassifika fost l-aħjar fl-UE għar-rata ta' kuntratti mogħtija lill-SMEs (91 %; medja tal-UE ta' 62 %) u r-rata ta' offerti mill-SMEs (92 %; medja tal-UE ta' 73 %).

Madankollu, is-sistema Maltija tal-akkwist pubbliku għadha qed tiffaċċja diversi sfidi. L-għadd ta' għotjiet diretti huwa fost l-ogħla f'Malta (13 % vs il-medja tal-UE ta' 8 %), u l-awtoritajiet

([80]) Malta Attractiveness Survey 2023 – EY Malta. https://www.ey.com/en_mt/articles/19th-malta-attractiveness-survey

([81]) Il-Kummissjoni Ewropea (2023). Survey on access to finance of enterprises (SAFE), Analytical Report 2023.

([82]) Skeda Informattiva dwar l-SMEs ta' Malta (2023).

([83]) EIB Investment Survey (2023).

([84]) Imkejjel bħala l-valur medju tal-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet bħala sehem tal-PDG (https://single-market-scoreboard.ec.europa.eu/competitiveness/integration_en)

([85]) Il-Kummissjoni Ewropea (2024).It-Tbassir Ekonomiku Ewropew tar-Rebbiegħa 2024.

([86]) Id-*data* disponibbli bħalissa hija preliminari. Minħabba t-tħejjija teknika ta' pjattaforma ġdida tal-akkwist pubbliku, tqieset biss id-*data* regolari disponibbli fit-Tenders Electronic Daily (TED).

pubbliċi jieħdu żmien relattivament twil (163 jum) biex jilħqu deċiżjoni dwar sejħa għall-offerti (medja tal-UE ta' 91 jum) ([87]). Ir-rata ta' kuntratti mogħtija abbażi tal-orħos prezz hija ta' 87 %, ferm ogħla mir-rata medja tal-UE ta' 66 %. Din tindika li huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġi promoss l-akkwist strateġiku/relatat mal-kwalità. Tabilħaqq, Malta ħadet xi passi biex tippromwovi l-akkwist ekoloġiku iżda għadha fl-ippjanar bikri tagħha, filwaqt li l-akkwist soċjalment responsabbli u tal-innovazzjoni għadu fi stadju bikri. Fl-aħħar nett, huma meħtieġa aktar sforzi biex tiġi miġġielda l-korruzzjoni fis-swieq tal-akkwist pubbliku. Rapport reċenti tal-Ewrobarometru Flash wera li 31 % tal-kumpaniji f'Malta jaħsbu li l-korruzzjoni żammithom milli jirbħu offerta pubblika jew kuntratt ta' akkwist pubbliku fl-aħħar 3 snin. Dan huwa 5 punti perċentwali ogħla mill-medja tal-UE (26 %) ([88]). L-assoċjazzjonijiet tan-negozju ilhom jiġbru aktar minn 40 rakkomandazzjoni għat-titjib tal-proċess attwali u qed jitolbu riforma tal-akkwist pubbliku biex jiġi razzjonalizzat l-infiq pubbliku (valur għall-flus), jiżdiedu t-trasparenza, il-kapaċità tal-ippjanar u r-responsabbiltà, u jiġi żgurat aċċess aħjar għad-ditti ([89]). Barra minn hekk, l-OECD ippubblikat għadd ta' rakkomandazzjonijiet biex tindirizza l-akkwist pubbliku fuq terminu qasir, medju u twil ([90]).

L-indikaturi fit-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku jindikaw prestazzjoni sodisfaċenti b'mod ġenerali, b'xi lok għal titjib fid-dewmien fit-traspożizzjoni. Skont it-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku, Malta tibqa' fost l-Istati Membri bl-aħjar prestazzjoni fit-traspożizzjoni tad-direttivi (0,6 % vs il-0,7 % tal-UE) u fil-korrettezza tat-traspożizzjonijiet tagħha (defiċit ta' konformità), li hija 0,4 % vs 1,2 % fl-UE ([91]). Madankollu, għad hemm dewmien fit-traspożizzjoni (25,6 xahar vs 18,3 xahar fl-UE), li jxekkel l-użu tar-regoli tas-suq uniku għan-negozji Maltin. Malta solviet 90 % tal-każijiet SOLVIT (29) li ttrattat bħala ċentru ewlieni, ogħla mill-medja tal-UE ta' 88,3 % ([92]).

L-indirizzar ta' ostakli fit-tul bħal-piż amministrattiv, l-infrastruttura tat-trasport u d-dewmien fil-pagamenti jtejjeb aktar l-ambjent tan-negozju Malti. Ir-regolamentazzjoni u l-infrastruttura tan-negozju huma fost l-ostakli ewlenin fit-tul għall-investiment imsemmija min-negozji meta mqabbla mal-medja tal-UE (76 % u 72 % rispettivament, vs 61 % u 46 % fl-UE). Id-ditti jiltaqgħu ma' diversi kwistjonijiet u dewmien meta jiffaċċjaw s-servizzi tal-gvern, bħall-kisba ta' ċertifikati u liċenzji, it-twaqqif/l-għeluq ta' negozji jew l-użu tal-interfaċċa tas-servizzi tal-gvern. Kwistjonijiet ta' mobbiltà u konnettività kif ukoll il-ġestjoni insuffiċjenti tat-traffiku jaffettwaw lin-negozji u jnaqqsu wkoll l-attraenza tal-ekonomija għall-investituri barranin ([93]). In-network tat-toroq ta' Malta ffaċċja tkabbir nett ta' kuljum ta' 58 vettura fit-tieni trimestru tal-2023, u jidher li hija meħtieġa riforma strutturali ([94]). Fl-2023, il-pagamenti tardivi ġew identifikati bħala problema urġenti minn 76 % tal-SMEs ([95]) (żieda mill-61 % fl-2022), meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 49 % ([96]). L-investiment skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jiffoka fuq it-titjib tad-diġitalizzazzjoni fl-amministrazzjoni pubblika, is-servizzi pubbliċi, il-kumpaniji u s-sistema ġudizzjarja. Dan jista' jgħin biex jiġu indirizzati diversi kwistjonijiet, speċjalment jekk jiġi applikat approċċ integrat.

Malta lestiet l-istadji tekniċi differenti billi ffinalizzat l-konfigurazzjoni tas-sistema teknika "ta' darba biss" (OOTS, "once-only" technical system) ([97]). Bħala parti mir-Regolament dwar il-Gateway Diġitali Unika ([98]), is-

([87]) Il-Kummissjoni Ewropea, Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku, se toħroġ dalwaqt. *Data* tal-pajjiż: Malta | Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku (europa.eu)

([88]) Eurobarometer 524 on Businesses' attitudes towards corruption in the EU (2023).

([89]) Il-Kamra tal-Kummerċ ta' Malta (2022). Rakkomandazzjonijiet għall-Baġit Nazzjonali tal-2023.

([90]) OECD (2023). Public Procurement in Malta: Building Capacity and Managing Risks.

([91]) Il-Kummissjoni Ewropea, Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku, se toħroġ dalwaqt. *Data* tal-pajjiż: Malta | Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku (europa.eu)

([92]) Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku – SOLVIT

([93]) Fl-EY Attractiveness Survey 2023, l-investituri jsemmu dawn bħala t-tieni prijorità għall-pajjiż biex jibqa' kompetittiv globalment.

([94]) Ara wkoll l-Anness 17, Prestazzjoni Ekonomika u Soċjali fil-livell Reġjonali.

([95]) Dan huwa l-ogħla sehem fost il-pajjiżi kollha tal-UE.

([96]) Survey on access to finance of enterprises (SAFE), 2023.

([97]) Ir-Regolament (UE) 2018/1724.

([98]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1463.

sistema se tippermetti l-iskambju transfruntier awtomatizzat ta' evidenza bejn l-awtoritajiet kompetenti, filwaqt li ttejjeb l-aċċess online għall-informazzjoni, il-proċeduri amministrattivi u l-assistenza fl-UE. L-onboarding tal-awtoritajiet kompetenti Franċiżi huwa kruċjali biex is-sistema tiffunzjona bla xkiel u tnaqqas il-piż amministrattiv.

Tabella A12.1: **L-Industrija u s-Suq Uniku**

Malta							
POLICY AREA	**INDICATOR NAME**	**2019**	**2020**	**2021**	**2022**	**2023**	**EU27 average***
HEADLINE INDICATORS							
Economic Structure	Net Private investment, level of private capital stock, net of depreciation, % GDP[1]	5,6	4,5	5,2	10,3	3,6	**3,8**
	Net Public investment, level of public capital stock, net of depreciation, % GDP[1]	1,4	1,5	2	1,1	1,5	**1,2**
	Real labour productivity per person in industry (% yoy)[2]	6	0,8	5,2	6,1	3,8	**-1,24**
Cost competitiveness	Nominal unit labour cost in industry (% yoy)[2]	-1,4	-2,7	1,7	-1,4	-0,7	**9,83**
SINGLE MARKET							
Single Market integration	EU Trade integration, % (Average intra-EU imports + average intra EU exports)/GDP[2]	0,0	53,3	70,0	75,7	75,0	**42,9**
Compliance	Transposition deficit, % of all directives not transposed[3]	0,3	0,7	1,1	0,4	0,6	**0,7**
	Conformity deficit, % of all directives transposed incorrectly[3]	0,6	0,8	1	0,6	0,4	**1,1**
	SOLVIT, % resolution rate per country[3]	100,0	91,7	93,8	86,7	90,0	**88,3**
	Number of pending infringement proceedings[3]	16	20	24	19	13	**25,9**
Restrictions	EEA Services Trade Restrictiveness Index[4]	-	-	-	-	-	**0,05**
Public procurement	Single bids, % of total contractors[3]	13	15	9	15	15	**28,6**
	Direct Awards, %[3]	1	1	1	9	13	**8,1**
ECONOMIC STRUCTURE							
Shortages	Material Shortage (industry), firms facing constraints, %[5]	3,1	9,0	47,3	41,5	24,0	**17,2**
	Labour Shortage using survey data (industry), firms facing constraints, %[5]	46,1	16,2	27,1	33,1	44,3	**23,3**
	Vacancy rate, % of vacant posts to all available ones (vacant + occupied)[2]	2,8	1,7	2,4	3,0	3,2	**2,5**
Strategic dependencies	Concentration in selected raw materials, Import concentration index based on a basket of critical raw materials[6]	0,17	0,15	0,16	0,19	0,19	**0,22**
	Installed renewables electricity capacity, % of total electricity produced[2]	0,0	0,0	0,0	0,0		**50**
BUSINESS ENVIRONMENT - SMEs							
Investment obstacles	Impact of regulation on long-term investment, % of firms reporting business regulation as major obstacle[7]	10,1	16,2	15,7	14,0	15,0	**22,2**
Business demography	Bankruptcies, Index (2015=100)[2]	150,0	100,0	133,3	100,0	133,3	**105,6**
	Business registrations, Index (2015=100)[2]	101,8	97,1	105,2	91,8	88,4	**120,2**
Late payments	Payment gap - corporates B2B, difference in days between offered and actual payment[8]	-	-	-	-	-	**15**
	Payment gap - public sector, difference in days between offered and actual payment[8]	-	-	-	-	-	**16**
	Share of SMEs experiencing late payments in past 6 months, %[9]	71,5	73,8	64,4	60,9	76,0	**48,7**
Access to finance	EIF Access to finance index - Loan, Composite: SME external financing over last 6 months, index values between 0 and 1[10]	0,74	0,55	0,45	0,77	-	**0,49**
	EIF Access to finance index - Equity, Composite: VC/GDP, IPO/GDP, SMEs using equity, index values between 0 and 1[10]	0,17	0,05	0,05	0,07	-	**0,17**

Sors: (1) AMECO, (2) Eurostat, (3) Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku, (4) OECD, (5) ECFIN BCS, (6) COMEXT u kalkoli tal-Kummissjoni, (7) Stħarriġ tal-BEI dwar l-Investiment, (8) Rapport ta' Intrum dwar il-Pagament, (9) stħarriġ SAFE, (10) Indiċi tal-FEI dwar l-Aċċess tal-SMEs għal Finanzjament.

* Kalkoli tal-Kummissjoni stess għall-medja tal-EU27

L-amministrazzjoni pubblika ta' Malta hija essenzjali biex jiġu pprovduti s-servizzi u jitwettqu r-riformi. L-effettività perċepita tal-amministrazzjoni pubblika ta' Malta għadha taħt il-medja tal-UE (il-Graff A13.1a). Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP) ta' Malta għandu l-għan li jagħti spinta lit-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika. Dan jikkomplementa l-istrateġija diġitali 2021–2027, li għandha l-għan li tnaqqas id-distakk diġitali. L-RRP aġġornat jinkludi riformi sinifikanti biex tissaħħaħ l-indipendenza ġudizzjarja u l-qafas istituzzjonali biex jgħin fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus.

Is-servizzi pubbliċi diġitali ta' Malta għandhom livell għoli ta' maturità. Madankollu, kien hemm biss xi titjib biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għad-*data* miftuħa u biex isir użu minnha: il-pajjiż għandu l-aktar punteġġ baxx fl-UE (il-Graff A13.1b). Malta adottat strateġija tad-*data* għall-amministrazzjoni pubblika fl-2023, biex is-servizzi pubbliċi jsiru aktar aċċessibbli u allinjati mal-Att tal-UE dwar il-Governanza tad-*Data*. Is-sehem tal-utenti tas-siti web u l-applikazzjonijiet tal-gvern f'Malta huwa ogħla mill-medja tal-UE u qed jiżdied malajr. Skont l-RRP tagħha, Malta qed taħdem b'mod attiv fuq, pereżempju, it-titjib tar-reġistri amministrattivi u l-implimentazzjoni ta' pjattaforma ġdida għall-kondiviżjoni tad-*data*. Malta qed tfittex ukoll li ttejjeb l-ambjent tal-IT tal-amministrazzjoni pubblika għax-xogħol mill-bogħod. Il-fondi ta' koeżjoni għandhom l-għan li jappoġġaw l-iżvilupp ta' Ċentru ta' Trasformazzjoni Diġitali, li huwa wkoll qasam ta' ttestjar għal inizjattivi pilota dwar il-proċessi diġitali għas-servizz pubbliku.

Is-sehem ta' impjegati taċ-ċivil b'edukazzjoni għolja f'Malta huwa taħt il-medja tal-UE (Ċart A13.1c). Madankollu, il-parteċipazzjoni fl-apprendiment u l-edukazzjoni għall-adulti hija relattivament għolja (it-Tabella A13.1). Fl-2023, Malta nediet politika ġdida ta' internship biex timmodernizza u tistandardizza l-użu tal-interns fis-servizz pubbliku kollu. Il-maniġers, is-superviżuri u l-uffiċjali pubbliċi jingħataw gwida dwar kif għandhom jaħdmu mal-interns. Il-parità bejn il-ġeneri f'pożizzjonijiet għolja fis-servizz ċivili qed tiżdied (it-Tabella A13.1).

Għad hemm dgħufijiet fit-tfassil tal-politika Maltija. Ma hemm l-ebda proċess formali għall-involviment tal-partijiet ikkonċernati ([99]), speċjalment fl-istadji bikrija tal-proċess. L-impatti mistennija u l-eżiti tal-politika ma humiex evalwati b'mod sistematiku. Biex jiżdied l-użu tal-evidenza, xi ministeri waqqfu unitajiet ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.

Il-ġestjoni tal-investiment pubbliku tista' tittejjeb fiċ-ċiklu sħiħ tal-investiment ([100]). Bħalissa, il-viżjonijiet integrati li jiddeskrivu l-objettivi fit-tul tal-pajjiżi jkopru biss setturi jew oqsma ta' politika magħżula, bħall-ambjent u d-dekarbonizzazzjoni. Ma hemm l-ebda proċess ta' monitoraġġ ċar biex jiġi żgurat li dawn l-objettivi fit-tul u l-pjanijiet ta' azzjoni sussegwenti (pereż. il-pjan ta' azzjoni nazzjonali għall-akkwist pubbliku ekoloġiku għall-2022–2027) jew l-istrateġiji settorjali jkunu allinjati u li dawn l-objettivi jintlaħqu. Pjanijiet ta' investiment ta' minn 5 sa 10 snin b'kopertura settorjali kbira, li jiddeskrivu kif l-investiment pubbliku se jikkontribwixxi għall-kisba tal-istrateġiji nazzjonali u settorjali, jistgħu jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-istrateġiji u l-effettività ta' kif huma ppjanati. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda użu mifrux ta' metodoloġiji ta' valutazzjoni standardizzati għall-proġetti.

Hemm tħassib serju dwar l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja. Pereżempju, għalkemm inqas mill-2021, iż-żmien stmat meħtieġ biex jiġu riżolti kawżi amministrattivi fil-prim'istanza huwa ta' 1 081 jum, li huwa l-itwal fl-UE (għalkemm tjieb meta mqabbel mal-2021, meta ammonta għal 1 356 jum). Id-durata tal-kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi fil-prim'istanza fl-2022 għadha twila ħafna (491 jum għalkemm naqset minn 529 jum fl-2021). Ir-rata tal-għeluq tal-kawżi ċivili, kummerċjali u amministrattivi, li turi kif il-qrati jittrattaw il-volum ta' każijiet, kompliet tiddeterjora fl-2022, u baqgħet taħt il-100 % għal madwar 87 % meta mqabbla ma' 89 % fl-2021. Il-kwalità tas-sistema ġudizzjarja hija ġeneralment tajba. Madankollu, ir-riżorsi għall-ġudikatura għadhom ta' tħassib, b'mod partikolari l-għadd baxx ta' mħallfin għal kull abitant (it-tielet l-aktar baxx fl-UE, minkejja l-progress li sar), in-nuqqas ta' persunal klerikali, kif ukoll l-ispazju limitat disponibbli f'termini ta' uffiċċji u awli tal-qorti. Id-

([99]) Ir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2023. Il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta

([100]) Belu Manescu, C. (2022), "New evidence on the quality of public investment Management in the EU", European Economy Discussion Paper No 177, European Commission.

Tabella A13.1: **L-indikaturi tal-amministrazzjoni pubblika**

MT	Indicator ([1])	2019	2020	2021	2022	2023	EU-27([2])
E-government and open government data							
1	Share of internet users within the last year that used a public authority website or app	n/a	n/a	n/a	83.0	88.0	75.0
2	E-government benchmark overall score ([3])	n/a	96.3	95.5	95.7	96.9	75.8
3	Open data and portal maturity index	0.4	0.5	0.5	0.4	0.5	0.8
Educational attainment level, adult learning, gender parity and ageing							
4	Share of public administration employees with higher education (levels 5-8, %)	33.0	33.1	29.0 (b)	31.1	35.6	52.9
5	Participation rate of public administration employees in adult learning (%)	23.6	15.1	22.1 (b)	22.5	20.9	17.9
6	Gender parity in senior civil service positions ([4])	16.4	13.8	10.8	10.0	9.4	9.2
7	Ratio of 25-49 to 50-64 year olds in NACE sector O	2.7	2.9	3.0 (b)	2.9	2.5	1.5
Public financial management							
8	Medium-term budgetary framework index	0.7	0.7	0.7	0.7	n/a	0.7
9	Strength of fiscal rules index	1.3	1.3	1.3	1.3	n/a	1.4
Evidence-based policy making							
10	Regulatory governance	n/a	n/a	1.44	n/a	n/a	1.7


(1) Valuri għoljin jindikaw prestazzjoni tajba, ħlief għall-indikatur # 6. (2) valur tal-2023. Jekk ma jkunx disponibbli, jintwera l-aħħar valur disponibbli. (3) Ikejjel iċ-ċentralità tal-utenti (inkluż għas-servizzi transfruntieri) u t-trasparenza tas-servizzi pubbliċi diġitali kif ukoll l-eżistenza ta' faċilitaturi ewlenin għall-forniment ta' dawk is-servizzi. (4) Definit bħala l-valur assolut tad-differenza bejn il-proporzjon tal-irġiel u n-nisa f'pożizzjonijiet għolja fis-servizz ċivili.
Twissijiet: (b) interruzzjoni fis-serje kronoloġika; (d) id-definizzjoni tvarja; (u) affidabbiltà baxxa.
Sors: l-attivitajiet ta' gvern elettroniku ta' individwi permezz ta' siti web, il-Eurostat (# 1); ir-Rapport ta' referenza tal-gvern elettroniku (# 2); ir-Rapport dwar il-maturità tad-*data* miftuħa (# 3); l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol, Eurostat (# 4, 5, 7); l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (# 6); il-Bażi tad-*Data* dwar il-Governanza Fiskali (# 8, 9); OECD Indicators of Regulatory Policy and Governance (# 10).

diġitalizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja teħtieġ titjib. F'dan ir-rigward, ġiet adottata strateġija nazzjonali ġdida għall-ġustizzja diġitali għall-2022–2027, parzjalment iffinanzjata mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Għandha l-għan li żżid l-użu tal-għodod diġitali mill-qrati u tindirizza lakuni oħra fid-diġitalizzazzjoni. Dwar l-indipendenza ġudizzjarja, ma ġie rrappurtat l-ebda nuqqas sistemiku ([101]).

([101]) Għal aktar dettalji ara t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2024 u r-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt tal-2024 (se joħroġ dalwaqt).

Jistgħu jsiru sforzi biex tissaħħaħ l-istituzzjoni fiskali indipendenti. Il-Kunsill Konsultattiv Fiskali ta' Malta huwa istituzzjoni ta' daqs medju b'mandat relattivament ristrett, li b'mod partikolari ma jkoprix il-kostijiet tal-politika u l-analiżi tas-sostenibbiltà. Mill-2015, il-baġit tiegħu ġie ffriżat f'termini reali bil-liġi.

Graff A13.1. a) L-effettività tal-gvern, id-data miftuħa tal-gvern u c) is-sehem ta' impjegati skont il-livell edukattiv milħuq



(1) Tabella a) Valur medju matul l-2018–2022 u bidla matul l-2018–2022. Il-PDG *per capita* juri l-valur medju tal-indikatur tal-effettività tal-gvern għall-grupp ta' pajjiżi tal-UE li jappartjenu għall-istess cluster tal-PDG *per capita* bħal Malta (il-pajjiżi tal-UE huma kklassifikati f'termini tal-PDG *per capita* tagħhom u miġbura fi tliet clusters ta' daqs ugwali).
Ċart b) Punteġġi tal-2023 (f'% tal-punteġġ massimu totali); Ċart tan-naħa tal-lemin: valuri baxxi jindikaw prestazzjoni tajba.
Ċart c) *data* tal-2023, grupp tal-età ta' bejn is-26–64 sena; Għolja: livelli ta' edukazzjoni 5–8; medji (3–4): baxxi (1–2).
Sors a) Worldwide Governance Indicators; b) Maturità tad-*Data* Miftuħa | data.europa.eu; Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol (Eurostat).

ANNESS 14: L-IMPJIEGI, ĦILIET U SFIDI TAL-POLITIKA SOĊJALI FID-DAWL TAL-PILASTRU EWROPEW TAD-DRITTIJIET SOĊJALI

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jipprovdi d-direzzjoni ’l fuq tal-konverġenza lejn kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien aħjar fl-UE. Dan l-Anness jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-progress ta’ Malta fl-implimentazzjoni tal-20 prinċipju tal-Pilastru u l-miri ewlenin tal-UE u dawk nazzjonali għall-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar.

Tabella A14.1: **It-Tabella ta’ Valutazzjoni Soċjali ta’ Malta**

Policy area	Headline indicator	
Equal opportunities and access to the labour market	Adult participation in learning (during the last 12 months, excl. guided on the job training, % of the population aged 25-64, 2022)	39.9
	Early leavers from education and training (% of the population aged 18-24, 2023)	10
	Share of individuals who have basic or above basic overall digital skills (% of the population aged 16-74, 2023)	63.0
	Young people not in employment, education or training (% of the population aged 15-29, 2023)	7.5
	Gender employment gap (percentage points, population aged 20-64, 2023)	14.2
	Income quintile ratio (S80/S20, 2022)	4.8
Dynamic labour markets and fair working conditions	Employment rate (% of the population aged 20-64, 2023)	81.7
	Unemployment rate (% of the active population aged 15-74, 2023)	3.1
	Long term unemployment (% of the active population aged 15-74, 2023)	0.7
	Gross disposable household income (GDHI) per capita growth (index, 2008=100, 2022)	133.4
Social protection and inclusion	At risk of poverty or social exclusion (AROPE) rate (% of the total population, 2022)	20.1
	At risk of poverty or social exclusion (AROPE) rate for children (% of the population aged 0-17, 2022)	23.1
	Impact of social transfers (other than pensions) on poverty reduction (% reduction of AROP, 2022)	26.43
	Disability employment gap (percentage points, population aged 20-64, 2022)	30.1
	Housing cost overburden (% of the total population, 2022)	2.9
	Children aged less than 3 years in formal childcare (% of the under 3-years-old population, 2022)	43.1
	Self-reported unmet need for medical care (% of the population aged 16+, 2022)	0.3

Critical situation | To watch | Weak but improving | Good but to monitor | On average | Better than average | Best performers

Aġġornament tat-23 ta’ April 2023. L-Istati Membri huma kkategorizzati abbażi tat-Tabella ta’ Valutazzjoni Soċjali skont metodoloġija miftehma mal-Kumitati EMCO u SPC. Jekk jogħġbok ikkonsulta l-Anness tal-Joint Employment Report 2024 għad-dettalji dwar il-metodoloġija.
Sors: il-Eurostat

Is-suq tax-xogħol Malti qed ikollu prestazzjoni tajba, iżda għad hemm sfidi għan-nisa u l-gruppi żvantaġġati. Bl-appoġġ ta’ tkabbir ekonomiku robust, il-pajjiż żamm livell għoli ta’ impjiegi, 81,7 % fl-2023 (vs 75,3 % fl-UE), b’għadd baxx ħafna ta’ persuni qiegħda u persuni barra mill-edukazzjoni, l-impjieg jew it-taħriġ (NEETs, not in education, employment or training). Madankollu, xi gruppi jiffaċċjaw sfidi f’termini ta’ aċċess, parteċipazzjoni, żamma tal-impjieg u kundizzjonijiet tax-xogħol. Minkejja tnaqqis sinifikanti (-3.3 punti perċentwali), id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi għadha waħda mill-usa’ fl-UE (14,2 punti perċentwali vs 10,2 punti perċentwali fl-UE, fl-2023), anki jekk id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri hija aktar baxxa (10,2 % vs 12,7 % fl-UE fl-2022). Fl-2023, ir-rata ta’ impjieg tan-nisa ta’ bejn il-55–64 sena kienet partikolarment baxxa (44,1 % vs 58,1 % fl-UE fl-2023), li tikkontribwixxi għal differenza wiesgħa bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet (45 punti perċentwali vs 26,1 punti perċentwali fl-UE fl-2022). Id-differenza dejjem tikber fl-impjiegi għall-persuni b’diżabilità hija 8,7 punti perċentwali ogħla mill-medja tal-UE u huma biss nofs il-persuni b’diżabilità fl-età tax-xogħol li huma attivi fis-suq tax-xogħol. Hemm livelli għoljin ta’ nuqqas ta’ ħaddiema u sparigġ fil-ħiliet, bir-rata tal-postijiet tax-xogħol vakanti fil-livell ta’ 2,8 % 2023 (vs 2,7 % fl-UE), minkejja l-parteċipazzjoni għolja ta’ ċittadini mhux Maltin fis-suq tax-xogħol. Filwaqt li Malta qed issibha diffiċli biex iżżomm iċ-ċittadini tal-UE, il-ħaddiema minn pajjiżi mhux tal-UE spiss jiffaċċjaw kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena. L-istatus ta’ residenza tagħhom huwa strettament marbut mal-kuntratt tal-impjieg tagħhom, li jagħmilhom dipendenti ħafna fuq l-impjegaturi, u għandhom ukoll diffikultajiet biex jaċċessaw akkomodazzjoni deċenti ([102]). Il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) jippromwovi miżuri ta’ impjieg u attivazzjoni, speċjalment għaż-żgħażagħ, in-nisa, in-nazzjonali ta’ pajjiż terz, il-ħaddiema akbar fl-età u l-persuni b’diżabilità. Ir-riformi skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP) huma mmirati lejn il-ħaddiema akbar fl-età, b’mod partikolari n-nisa, u l-adulti b’livell baxx ta’ ħiliet. Filwaqt li huma meħtieġa aktar sforzi, dawn il-miżuri se jgħinu biex tintlaħaq il-mira nazzjonali għall-impjiegi għall-2030 li jkunu impjegati mill-inqas 84,6 % tal-adulti.


In-nuqqas ta’ ħaddiema u l-isparigġ fil-ħiliet f’ħafna setturi, ir-riżultati edukattivi ħżiena, u l-parteċipazzjoni baxxa fit-tagħlim minn adulti b’livell baxx ta’ ħiliet joħolqu diversi sfidi interkonnessi. Filwaqt li r-rata tat-tluq bikri mill-iskola naqset b’mod kostanti (-0,9 punti perċentwali mill-2021 għal 10,0 % fl-2023), din

([102])Ara: Debono, M. (2021). Migrants and the challenge of decent work in Malta. e-Revista Internacional de la Protección Social (e-RIPS), Vol. VI, Nº 2; Housing Authority (2023), The private rental market in Malta. A holistic assessment based on registered contracts; Employment Agencies Regulations (2023).

għadha kemxejn ogħla mill-medja tal-UE (9,5 %) u tforni grupp kbir ta' adulti b'livell baxx ta' ħiliet (grupp ta' età ta' bejn il-15 u l-64 sena) (33,1 % vs 24,9 % fl-UE, fl-2022). Aktar minn 30 % ta' dawk li għandhom 15-il sena m'għandhomx ħiliet bażiċi (ara l-Anness 15). Barra minn hekk, minkejja l-investimenti kontinwi fit-taħriġ mill-ġdid u fit-titjib tal-ħiliet tal-popolazzjoni adulta, hemm nuqqas mifrux ta' ħiliet f'oqsma ewlenin, bħas-setturi ekoloġiċi, diġitali, tal-kostruzzjoni u tal-manifattura (ara l-Anness 8). Mat-62 % tan-negozji f'Malta jqisu li t-tkabbir tagħhom kien qed jinżamm lura min-nuqqas ta' ħiliet (Ewrobarometru dwar is-Sena Ewropea tal-Ħiliet, 2023). Filwaqt li fl-2022, 63 % tal-adulti kellhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi f'Malta (vs 55,5 % fl-UE), id-differenzi fil-livelli ta' ħiliet huma sinifikanti. Barra minn hekk, il-pajjiż jippreżenta kemm spariġġi vertikali (livell ta' edukazzjoni) kif ukoll orizzontali (qasam tal-edukazzjoni), u s-settijiet tal-ħiliet għandhom it-tendenza li jirriflettu r-rwoli tradizzjonali tal-ġeneri. Is-sehem ta' adulti (ta' bejn il-25 u l-64 sena) li pparteċipaw fl-edukazzjoni u t-taħriġ fit-12-il xahar preċedenti huwa konformi mal-medja tal-UE (39,9 % fl-2022). Madankollu, kienu biss 16,3 % tal-adulti b'livell baxx ta' ħiliet (vs 18,4 % fl-UE) li pparteċipaw f'attivitajiet ta' apprendiment, meta mqabbla mas-37,6 % ta' dawk b'ħiliet medji u 65,9 % ta' dawk b'edukazzjoni terzjarja. Barra minn hekk, is-sehem ta' studenti rreġistrati fl-edukazzjoni tat-tieni livell u t-taħriġ vokazzjonali (VET, vocational education and training) huwa persistentement baxx (27,0 % vs 48,7 % fl-UE fl-2021). L-FSE+ jalloka 43 % tal-baġit tiegħu għal edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità u inklużivi, filwaqt li jappoġġa inizjattivi li jipprevjenu t-tluq bikri mill-iskola u jipprovdu borża ta' studju tal-edukazzjoni għolja f'setturi ewlenin. L-RRP għandu l-għan li jtejjeb il-ħiliet bażiċi u l-litteriżmu, isegwi lil dawk il-persuni li jitilqu kmieni mill-iskola, itejjeb it-taħriġ online, u jadatta l-infrastruttura edukattiva għall-istudenti b'diżabilità. Madankollu, huma meħtieġa sforzi konsiderevoli biex tintlaħaq il-mira nazzjonali tal-ħiliet għall-2030 li ta' mill-inqas 57,6 % tal-adulti jipparteċipaw fl-apprendiment kull sena.

Ir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għadu għoli għal gruppi vulnerabbli speċifiċi, u dan juri l-preżenza ta' kwistjonijiet soċjali urġenti. Fl-2022, is-sehem tal-persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE people at risk of poverty or social exclusion,) ta' 20,1 % baqa' stabbli, 1,5 punt perċentwal taħt il-medja tal-UE (21,6 %). Madankollu, ir-rati huma ħafna ogħla għal xi gruppi vulnerabbli: nazzjonali ta' pajjiż terz (30,6 %), adulti b'livell baxx ta' ħiliet (30,9 %), ta' aktar minn 65 sena (33,3 %, żieda ta' 3 punti perċentwali mill-2021) u, speċjalment, persuni b'diżabilità (36 %). L-introjtu tal-aktar 20 % għonja fost il-popolazzjoni kien 4,79 darbiet ogħla minn dak tal-ifqar 20 % (kważi f'konformità mal-medja tal-UE). Madankollu, fl-2022, it-trasferimenti soċjali naqqsu l-faqar, kif imkejjel mir-rata ta' riskju ta' faqar, b'26,4 % biss (vs 35.0 % fl-UE), minkejja t-titjib reċenti ([103]). Ir-rata ġenerali tal-AROPE għat-tfal hija ta' 23,1 %, taħt il-medja tal-UE ta' 24,7 % fl-2022. Madankollu, xi tfal jinsabu f'riskju akbar ta' faqar inklużi dawk b'ġenituri b'livell baxx ta' ħiliet (50,2 %). Il-kura tat-tfal b'xejn hija disponibbli għal tfal b'ġenituri f'impjieg jew edukazzjoni: is-sehem ta' tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal żdied b'mod sinifikanti minn 24 % fl-2021 għal 43,1 % fl-2022 (vs 35,9 % fl-UE). L-implimentazzjoni tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal għadha għaddejja, minkejja li xi miżuri ma għandhomx valuri fil-mira.

Tabella A14.2: **Is-sitwazzjoni ta' Malta fir-rigward tal-miri tal-2030 dwar l-impjiegi, l-apprendiment għall-adulti u t-tnaqqis tal-faqar**

Indicators	Latest data	Trend (2016-2022)	2030 target	EU target
Employment (%)	81.7 (2023)		84.6	78
Adult learning[1] (%)	39.9 (2022)		57.6	60
Poverty reduction[2, 3] (thousands)	-0.6 pps (2022)		-3.1 pps	-15,000

(1) L-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti, l-adulti fit-tagħlim f'dawn l-aħħar 12-il xahar, l-estrazzjoni speċjali minbarra taħriġ iggwidat fuq il-post tax-xogħol

(2) il-mira ewlenija tal-UE stabbilita bħala tnaqqis fl-għadd ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE), is-sena ta' referenza 2019.

(3) Malta tesprimi l-mira nazzjonali tagħha bħala tnaqqis tas-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) ta' 3.1 punti perċentwali, is-sena ta' referenza 2019.

Sors: il-Eurostat, DĠ EMPL.

Il-kwistjoni tal-aċċess għall-protezzjoni soċjali, speċjalment għal persuni f'forom mhux standard ta' xogħol. Filwaqt li l-persuni kollha impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom huma formalment koperti mill-protezzjoni soċjali f'Malta, xi wħud minnhom isibuha diffiċli biex jiksbu l-benefiċċji li huma intitolati għalihom. Id-

([103])Ir-riżultati taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, ibbażati fuq il-mudell tal-EUROMOD.


durata massima tal-benefiċċju tal-qgħad hija fost l-iqsar fl-UE u s-sehem ta' persuni qiegħda li jirċevuh huwa baxx. Barra minn hekk, ir-rata ta' riċevituri għal dawk f'forom mhux standard ta' xogħol hija baxxa u r-rata ta' faqar fost l-unitajiet domestiċi kważi mingħajr impjieg (b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna) hija għolja bi 72,7 % (vs 59,9 % fl-UE fl-2022). In-nies f'Malta jiddikjaraw huma stess livelli baxxi ta' ħtieġa mhux issodisfata għall-kura medika (0,3 % vs 2,2 % fl-UE) iżda s-sehem ta' persuni li huma obeżi (26,1 % vs 14,8 % fl-UE) jew ta' piż żejjed (62,5 % vs 51,3 % fl-UE) huwa għoli b'mod inkwetanti. L-FSE+ u l-RRF jippromwovu miżuri biex jagħtu spinta lis-sistemi tal-protezzjoni soċjali u jappoġġaw gruppi vulnerabbli, filwaqt li jippjanaw ukoll riformi u investimenti fil-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul. Huma meħtieġa sforzi addizzjonali sinifikanti biex tintlaħaq il-mira tal-2030 għat-tnaqqis tal-faqar li tnaqqas is-sehem tal-persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali bi 3,1 punti perċentwali meta mqabbel mal-valur tal-2019.

Dan l-Anness jiddeskrivi l-isfidi ewlenin tas-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ ta' Malta bbażata fuq il-Monitor tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ tal-2023 u r-riżultati tal-Programm tal-OECD għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA) tal-2022.

In-nuqqas ta' ħiliet bażiċi fost iż-żgħażagħ jirrappreżenta riskju għall-iżvilupp tal-ħiliet, il-produttività tax-xogħol u l-kompetittività. L-aħħar riżultati ta' PISA 2022 juru li aktar minn 30 % ta' dawk li għandhom 15-il sena jonqsu milli jiksbu livell minimu ta' proficjenza ta' ħiliet bażiċi, li huma l-pedament għall-apprendiment tul il-ħajja u l-impjegabbiltà futura. Fit-tliet oqsma kollha ttestjati, il-proporzjon ta' studenti bi prestazzjoni insuffiċjenti huwa ogħla mill-medja tal-UE (it-Tabella A15.1) u 'l bogħod mill-mira fil-livell tal-UE stabbilita għall-2030 (<15 %). Ir-rata ma nbidlitx fil-matematika u fil-qari mill-2015 ([104]). Ix-xjenza turi xejra ta' tnaqqis: is-sehem naqas b'2,2 punti perċentwali minn dak iż-żmien, iżda għadu 6,1 punti perċentwali ogħla mill-medja tal-UE (30,3 % vs 24,2 %). Dawn huma konformi mar-riżultati negattivi rreġistrati mill-Istudju tal-2021 dwar il-Progress fil-Litteriżmu fil-Qari Internazzjonali (PIRLS, Progress in International Reading Literacy Study). Il-qafas tal-kurrikulu nazzjonali bħalissa qed jiġi rivedut. Qed titħejja strateġija nazzjonali ġdida tal-edukazzjoni (2024–2030) li tinkludi wkoll proposta għal strateġija ta' litteriżmu matematiku.

Il-progress insuffiċjenti huwa mifrux fid-distribuzzjoni soċjoekonomika kollha u d-distakk soċjoekonomiku ma tjiebx mill-2015. Fl-2022, madwar 47,7 % tal-istudenti mill-kwartil soċjoekonomiku tal-qiegħ kellhom nuqqas ta' ħiliet bażiċi fil-matematika (47,5 % fl-UE) u r-rata għall-kwartil ta' fuq kienet għolja wkoll (17,2 % vs 11 % fil-livell tal-UE). Dan juri li l-progress insuffiċjenti ma jikkonċernax biss lill-istudenti żvantaġġati; dan jissuġġerixxi li s-sistema skolastika Maltija ma tappoġġax b'mod adegwat l-iżvilupp tal-kompetenzi tal-istudenti kollha. Madankollu, ir-riżultati huma ferm aħjar għall-istudenti li jattendu skejjel Indipendenti: ir-rata ta' progress insuffiċjenti fil-matematika hija ta' 16,7 %, 23,9 punt perċentwali u 15,1 punt perċentwali inqas minn dik tal-istudenti li jattendu skejjel pubbliċi u tal-Knisja ([105]), rispettivament. F'dan l-aħħar deċennju, Malta ffukat prinċipalment l-attenzjoni tagħha fuq it-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola billi saħħet l-edukazzjoni vokazzjonali. In-nuqqas ta' ħiliet bażiċi jirrappreżenta riskju fil-kuntest tal-isfidi marbuta man-nuqqas ta' ħiliet (ara l-Anness 14).

Graff A15.1: **Progress insuffiċjenti fil-matematika f'Malta skont il-pajjiż tat-twelid, PISA 2022**



Sors: OECD (2023).

Ishma baxxi ta' studenti bl-aqwa prestazzjoni jistgħu jfixklu l-kapaċità tal-innovazzjoni. Fl-2022, is-sehem ta' dawk bl-aqwa prestazzjoni fil-matematika kien ta' 7,2 % (7,9 % fl-UE) iżda naqas b'4,6 punti perċentwali mill-2015. Bi tnaqqis ta' 3,1 punti perċentwali fl-istess perjodu, ir-rata fix-xjenza kienet ta' 4,6 % fl-2022 meta mqabbla ma' 6,9 % fil-livell tal-UE. Fl-2022, 4,5 % tal-istudenti biss kellhom ħiliet avvanzati fil-qari (6,5 % fl-UE).

L-istudenti mwielda barra mill-pajjiż huma inqas probabbli li jiksbu progress insuffiċjenti. Il-proporzjon ta' studenti bi prestazzjoni baxxa huwa ogħla fost l-istudenti nattivi mingħajr sfond ta' migrazzjoni (31,2 %) milli fost l-istudenti mwielda barra l-pajjiż (25,7 %) li jirrappreżentaw 8,9 % tal-popolazzjoni tal-istudenti skont il-PISA. Dan is-sehem żdied b'5,4 punti perċentwali mill-2015. Ir-riżultati huma agħar fost l-istudenti nattivi b'ġenituri mwielda barra l-pajjiż (37,6 %).

In-nuqqas ta' għalliema ġie indirizzat billi ġew impjegati għalliema rtirati, għalliema b'sigħat imnaqqsa, u għalliema supplenti. Tipikament, l-għalliema supplenti għandhom livell ta' kwalifika differenti jew aktar baxx minn dak meħtieġ għall-għalliema kompletament ikkwalifikati; dan jista' jkollu impatt potenzjali fuq il-kwalità tat-tagħlim. Huma jistgħu jiksbu l-warrant ta' għalliema permanenti biss jekk itejbu

([104]) Malta ma pparteċipatx fil-PISA 2012.

([105]) *Data* pprovduta mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ u r-Riċerka.

Tabella A15.1: **Il-miri fil-livell tal-UE u l-indikaturi kuntestwali oħra skont il-qafas strateġiku taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni**

				2012		2018		2023	
Indicator			Target	Malta	EU-27	Malta	EU-27	Malta	EU-27
[1]Participation in early childhood education (age 3+)			96%	99.4% 2013	91.8% 2013	93.8%	92.2%	86.2% 2021	92.5% 2021,d
[2]Low-achieving 15-year-olds in:		Reading	< 15%	35.6% 2015	18.0%	35.9%	22.5%	36.3% 2022	26.2% 2022
		Mathematics	< 15%	29.1% 2015	22.1%	30.2%	22.9%	32.6% 2022	29.5% 2022
		Science	< 15%	32.5% 2015	16.8%	33.5%	22.3%	30.3% 2022	24.2% 2022
Early leavers from education and training (age 18-24)	[3]Total		< 9 %	18.1%	12.6%	14.0%	10.5%	10.0%	9.5%
	[3] By gender	Men		22.6%	14.5%	14.1%	12.1%	12.1% u	11.3%
		Women		13.4%	10.6%	13.8%	8.7%	7.6% u	7.7%
	[4] By degree of urbanisation	Cities		20.3% b	11.2%	17.7%	9.4%	9.6% u	8.6%
		Rural areas		19.0% bu	14.0%	: u	11.0%	: u	9.9%
	[5] By country of birth	Native		18.0%	11.3%	13.6%	9.2%	5.4% u	8.2%
		EU-born		: u	26.2%	: u	22.4%	: u	21.0%
		Non EU-born		: u	30.1%	26.1% u	23.0%	23.7% u	21.6%
[6]Socio-economic gap (percentage points)				:	:	31.9	29.5	30.6 2022	37.2 2022
[7]Exposure of VET graduates to work-based learning			≥ 60% (2025)	:	:	:	:	55.4%	64.5%
Tertiary educational attainment (age 25-34)	[8]Total		45%	28.3%	34.1%	40.2%	38.7%	46.3%	43.1%
	[8] By gender	Men		24.7%	29.1%	36.0%	33.3%	40.6%	37.6%
		Women		32.1%	39.2%	44.8%	44.2%	53.7%	48.8%
	[9] By degree of urbanisation	Cities		26.8% b	43.5%	41.0%	49.0%	45.3%	53.3%
		Rural areas		32.0% b	24.8%	54.3%	27.7%	: u	31.7%
	[10] By country of birth	Native		27.2%	35.4%	37.5%	39.7%	47.2%	44.2%
		EU-born		: u	29.3%	43.9%	36.7%	49.9%	40.2%
		Non EU-born		45.0%	24.2%	49.5%	31.0%	43.8%	37.1%
[11]Participation in adult learning (age 25-64)			≥ 47% (2025)	:	:	32.8% 2016	37.4% 2016	39.9% 2022	39.5% 2022
[12]Share of school teachers (ISCED 1-3) who are 55 years or over				8.8% 2013	22.7% 2013	7.7%	23.8%	9.0% 2021	24.5% 2021

Noti: b = interruzzjoni fis-serje kronoloġika; d = id-definizzjoni tvarja; e = stima; p = proviżorju; u = affidabbiltà baxxa; : = *data* mhix disponibbli.
Sors: 1,3,4,5,7,8,9,10,12= il-Eurostat; 11= il-Eurostat, Stħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti; 2,6=OECD, PISA.

l-kwalifiki tagħhom. Fl-2022, huma rrappreżentaw 12 % tat-total tal-persunal tat-tagħlim fil-livell primarju u sekondarju ([106]).

Il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u fil-kura bikrija tat-tfal li għandhom aktar minn 3 snin qed tkompli tonqos. Ir-rata kienet ta' 86,2 % fl-2021, meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 92,5 %. Ir-rata kompliet tonqos bi 2,9 punti perċentwali mill-2020. Min-naħa l-oħra, il-parteċipazzjoni tat-tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal reġgħet lura għal-livelli tagħha ta' qabel il-pandemija (ara l-Anness 14).

Għalkemm għadha kemxejn ogħla mill-medja tal-UE, ir-rata ta' tluq bikri mill-edukazzjoni u mit-taħriġ (ELET, early leaving from education and training) qed tonqos. Din kienet ta' 10,0 % (9,5 % tal-UE) fl-2023 u naqset bi 8,1 punti perċentwali mill-2012. Din tista' tkun dovuta għal sensiela ta' miżuri meħuda f'dawn l-aħħar snin. Issoktaw l-isforzi biex titrażżan ir-rata: fl-2023, ġiet ippubblikata strateġija ġdida dwar l-ELET li ffukat fuq il-prevenzjoni, l-intervent u l-mekkaniżmi ta' kumpens. Il-proġett ta' maħżen virtwali tad-*data* previst fil-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza jista' jgħin ukoll fit-tfassil ta' azzjonijiet immirati aħjar li jipprovdu *data* dwar l-istudenti fl-iskejjel pubbliċi. Dan jirrappreżenta pass lejn tfassil ta' politika aktar ibbażat fuq l-evidenza.

Il-kisba fl-edukazzjoni terzjarja żdiedet fl-2023. Ir-rata tal-kisba tal-edukazzjoni terzjarja tal-persuni ta' bejn il-25 u l-34 sena kienet ta' 46,3 % fl-2023 (43,1 % fl-UE), 3,8 punti perċentwali ogħla milli fl-2022. Din żdiedet bi 18-il punt perċentwal mill-2012, prinċipalment xprunata mill-proporzjon dejjem akbar (20 punt perċentwal) ta' persuni nattivi li kisbu kwalifika terzjarja f'dan l-aħħar deċennju. Id-differenza maċ-ċittadini tal-UE (49,9 %) kienet ta' 2,7 punti perċentwali fl-2023, filwaqt li r-rata għall-individwi nattivi


([106])*Data* pprovduta mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ u r-Riċerka.

(47,2 %) kienet ta' 2.5 punti perċentwali ogħla minn dik ta' individwi mhux imwielda fl-UE. Għal dawn tal-aħħar, ir-rata naqset bejn l-2021 u l-2022 (minn 45,5 % għal 36,2 %), imbagħad reġgħet żdiedet għal 43,8 % fl-2023. Huwa mistenni li aktar persuni nattivi se jiksbu edukazzjoni terzjarja fis-snin li ġejjin. L-għadd ta' reġistrazzjonijiet fl-edukazzjoni terzjarja kompla jiżdied bejn l-2020 u l-2021 (+ 7,5 punti perċentwali). Madankollu, ir-riżultati fil-livell tal-iskola jitolbu għal miżuri biex jiġi żgurat li dawk il-parteċipanti ġodda fl-edukazzjoni terzjarja jkollhom kompetenzi ogħla u li l-gradwati terzjarji jkunu jistgħu jirrispondu b'mod effettiv għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol (l-Anness 14).

Popolazzjoni b'saħħitha u sistema tas-saħħa effettiva, aċċessibbli u reżiljenti huma prerekwiżiti għal ekonomija u soċjetà sostenibbli. Dan l-Anness jipprovdi stampa tas-saħħa medika tal-popolazzjoni u tas-sistema tas-saħħa f'Malta.

L-istennija tal-għomor f'Malta kienet ogħla mill-medja tal-UE kemm qabel kif ukoll matul il-pandemija tal-COVID-19. L-istennija tal-għomor naqset bi ftit fl-2022, probabbilment minħabba żieda fl-għadd irrapportat ta' mwiet tal-COVID-19 bejn l-2021 u l-2022 ([107]). Ir-rata ta' mortalità ta' Malta evitabbli permezz tal-kura tas-saħħa kienet aktar baxxa mill-medja tal-UE fl-2021. Fl-istess ħin, il-mortalità fi gruppi ta' età ekonomikament attivi, bħala sehem mill-mortalità totali u meta mqabbla mad-daqs tal-forza tax-xogħol, hija fost l-aktar baxxi fl-UE. Fl-2021, il-mard kardjovaskulari u l-kanċer kienu l-kawżi ewlenin tal-mortalità. Malta għandha rati ta' mortalità komparattivament għoljin mid-dijabete u l-mard tal-qalb iskemiku li jikkorrispondu mal-prevalenza għolja ta' piż żejjed u obeżità. Malta għandha l-ogħla rati ta' obeżità fl-UE, kemm fost l-adulti kif ukoll fost it-tfal; dan is-suġġett jinsab fuq quddiem fl-aġenda tas-saħħa pubblika.


Graff A16.1:**L-istennija tal-għomor mat-twelid, snin**



Sors: il-Eurostat

L-infiq fuq is-saħħa apparagun tal-PDG żdied b'mod sinifikanti mill-2019 sal-2021 u issa jinsab qrib il-medja tal-UE. L-infiq pubbliku fuq is-saħħa bħala proporzjon tal-infiq totali fuq is-saħħa huwa storikament baxx iżda żdied fl-2020 u fl-2021 biex laħaq 67,4 %, xorta taħt il-medja tal-UE ta' 81,1 %. Il-ħlasijiet mill-but tal-unitajiet domestiċi huma fost l-ogħla fl-UE, b'sehem ta' 29,7 % tan-nefqa totali fuq is-saħħa fl-2021 (speċjalment għall-kura privata primarja u l-kura outpatient u għall-mediċini). Madankollu, Malta tiddikjara wieħed mill-aktar livelli baxxi ta' ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika fl-UE, ta' 0,3 % tal-popolazzjoni fl-2022 (ara l-Anness 14). L-akbar sehem tan-nefqa kurrenti totali fuq is-saħħa jmur fuq il-kura outpatient, segwit mill-farmaċewtiċi u l-kura għal pazjenti fl-isptar. It-tisħiħ tal-kura primarja b'mod ġenerali u ċ-ċaqliq tat-trattament tal-mard kroniku mill-kura kostintensiva fl-isptarijiet għall-kura primarja u l-kura fil-komunità huma sfidi kontinwi. Xi whud mill-programmi tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ta' Malta jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi. Malta qed tiffaċċja l-ogħla żieda fl-infiq pubbliku fuq is-saħħa fl-UE minħabba t-tixjiħ tal-popolazzjoni. Din hija pproġettata li tiżdied bi 2,1 punti perċentwali tal-PDG sal-2070 (meta mqabbla mal-punt perċentwal ta' 0,6 ġenerali tal-UE), u b'hekk tqajjem tħassib dwar is-sostenibbiltà fiskali fit-tul (ara l-Graff 16.2 u l-Anness 21).

Graff A16.2:**Iż-żieda pproġettata fin-nefqa pubblika fuq il-kura tas-saħħa matul l-2024–2070**



Xenarju bażi
Sors: il-Kummissjoni Ewropea / EPC (2024)

L-infiq fuq il-prevenzjoni f'Malta għadu fost l-aktar baxxi fl-UE. Bejn l-2019 u l-2021, l-infiq fuq il-prevenzjoni f'Malta, bħala sehem min-nefqa totali fuq is-saħħa naqas minn 1,5 % għal 1,2 %, għall-kuntrarju tax-xejra madwar l-UE. Malta kienet fost il-ftit pajjiżi tal-UE fejn inqas minn 3 % tal-infiq totali fuq il-kura tas-saħħa marret għall-prevenzjoni fl-2021, meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 6,0 %. Proporzjonalment, l-ishma tal-baġit għall-prevenzjoni madwar l-UE żdiedu l-aktar għall-programmi ta' rispons għall-emerġenzi, ta' detezzjoni tal-mard u ta' immunizzazzjoni. Il-livelli baxxi ta' nfiq għall-prevenzjoni f'Malta jqajmu mistoqsijiet dwar it-tħejjija tas-sistema tas-saħħa

([107])Abbażi tad-*data* pprovduta direttament mill-Istati Membri liċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, taħt is-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza.

Tabella A16.1: **Indikaturi tas-saħħa ewlenin**

	2018	2019	2020	2021	2022	EU average (latest year)
Treatable mortality per 100 000 population (mortality avoidable through optimal quality healthcare)	91.8	85.0	89.3	81.8	NA	93.3 (2021)
Cancer mortality per 100 000 population	237.3	203.5	212.5	198.3	NA	235.4 (2021)
Current expenditure on health, % GDP	8.5	9.1	10.6	10.4	NA	10.9 (2021)
Public share of health expenditure, % of current health expenditure	63.5	62.5	66.7	67.4	NA	81.1 (2021)
Spending on prevention, % of current health expenditure	1.3	1.5	1.5	1.2	NA	6.0 (2021)
Available hospital beds per 100 000 population	431	410	438	414	NA	525 (2021)
Doctors per 1 000 population	4.0	4.0	4.2	4.3	NA	4.1 (2021)*
Nurses per 1 000 population	7.8	7.7	8.0	8.0	NA	7.9 (2021)
Total consumption of antibacterials for systemic use, daily defined dose per 1 000 inhabitants per day ***	20.2	20.7	16.6	15.8	24.0	19.4 (2022)

Il-medja tal-UE hija ponderata għall-indikaturi kollha, ħlief għat-tobba u l-infermiera għal kull popolazzjoni ta' 1 000 ruħ, fejn għalihom tintuża l-medja sempliċi tal-UE. Id-*data* dwar id-densità tat-tobba tirreferi għat-tobba prattikanti fil-pajjiżi kollha ħlief il-Greċja. Il-Portugall (liċenzjati biex jipprattikaw) u s-Slovakkja (professjonalment attivi). Id-*data* dwar id-densità tal-infermiera tirreferi għal infermiera li jippratikaw fil-pajjiżi kollha ħlief l-Irlanda, Franza, il-Portugall, is-Slovakkja (attivi professjonalment) u l-Greċja (jaħdmu biss fl-isptar).

Sors: il-Bażi tad-*Data* tal-Eurostat; minbarra: * OECD, ** Joint Questionnaire on non-monetary healthcare statistics, *** ECDC, **** Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-azzjonijiet tal-UE fil-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi f'approċċ "Saħħa Waħda".

għal kriżijiet possibbli tas-saħħa pubblika fil-futur. Miżura oħra biex tiġi ssalvagwardjata s-saħħa pubblika hija r-razzjonalizzazzjoni li għaddejja bħalissa tal-użu tal-antimikrobiċi, bħala parti minn sforzi usa' biex jitrawwem l-użu razzjonali tal-mediċini. Is-sitwazzjoni f'Malta tjiebet b'mod sinifikanti, bil-konsum ta' kuljum fl-2021 li niżel għal 76 % tal-livell tal-2019 (20,7 doża definita kuljum (DDDs, daily defined doses) għal kull popolazzjoni ta' 1 000). Madankollu, fl-2022 il-konsum ta' kuljum laħaq l-ogħla livell li qatt kien (24,0 DDDs). Skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-azzjonijiet tal-UE għall-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi f'approċċ "Saħħa Waħda", suppost li sal-2030, Malta għandha tnaqqas il-konsum totali tal-antibijotiċi f'ambjenti komunitarji u tal-isptarijiet flimkien bi 18 % mil-livell tal-2019.

Malta implimentat diversi riformi biex tindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema tas-saħħa. L-għadd ta' tobba u infermiera għal kull popolazzjoni ta' 1 000 ruħ huwa qrib il-medja tal-UE u ilu jiżdied tul dawn l-aħħar ftit snin. Madankollu, Malta tiddependi fuq infermiera barranin, speċjalment fl-isptarijiet. Fil-passat, in-nuqqasijiet kienu aggravati minn għadd dejjem jikber ta' infermiera li jitilqu minn Malta biex jaħdmu f'pajjiżi oħra (li jitkellmu bl-Ingliż) li kienu offrew kundizzjonijiet tax-xogħol aktar attraenti ([108]). Barra minn hekk, it-tibdil demografiku huwa stmat li huwa aktar sever f'Malta milli fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi l-oħra tal-UE ([109]). Għalhekk, li jkun hemm għadd xieraq ta' ħaddiema tas-saħħa huwa saħansitra aktar importanti biex jiġi żgurat li s-sistema tas-saħħa tkun aċċessibbli u reżiljenti fit-tul.

Il-fondi tal-UE jappoġġaw investimenti sostanzjali fil-kura tas-saħħa f'Malta. Permezz tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP), Malta tippjana li tinvesti EUR 48,9 miljun fil-kura tas-saħħa. L-investimenti bl-RRP jiffokaw prinċipalment fuq l-istabbiliment ta' Ċentru tad-Demm, tat-Tessuti u taċ-Ċelloli, id-diġitalizzazzjoni u teknoloġiji ġodda. Iżda hemm ukoll miżuri biex jiġu indirizzati wħud mill-isfidi msemmija hawn fuq, bħal kwistjonijiet relatati mal-forza tax-xogħol (inkluża għodda mfassla apposta għall-ippjanar tal-forza tax-xogħol u integrazzjoni aħjar tal-ħaddiema tas-saħħa barranin) u l-prevalenza tal-obeżità fost it-tfal. L-investimenti komplementari fil-kura tas-saħħa huma ppjanati skont il-fondi tal-politika ta' koeżjoni fl-2021–2027. Malta se tinvesti EUR 139 miljun mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali f'tagħmir tas-saħħa, l-infrastruttura tas-saħħa, u s-servizzi u l-applikazzjonijiet tas-saħħa elettronika. Malta se tuża wkoll EUR 16-il miljun mill-Fond Soċjali Ewropew Plus biex ittejjeb l-aċċessibbiltà, l-effettività u r-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa ([110]).

([108]) Malta is facing exodus of nurses to the UK (timesofmalta.com)

([109]) Sors: https://economy-finance.ec.europa.eu/system/files/2021-10/ip148_en.pdf.


([110]) Id-*data* tal-politika ta' koeżjoni tal-UE tirrifletti l-istatus mit-13 ta' Mejju 2024.

L-Anness 17 juri d-dinamiċi territorjali ekonomiċi u soċjali f'Malta. Dan jipprovdi analiżi tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali f'Malta u jivvaluta l-investiment emerġenti u l-ħtiġijiet ta' riforma biex jitrawmu t-tkabbir ekonomiku, l-iżvilupp soċjali u l-kompetittività fil-pajjiż.

Ħarsa ġenerali lejn l-prestazzjoni ekonomika u soċjali fil-livell reġjonali

Il-PDG f'Malta jkompli fit-triq tiegħu ta' tkabbir robust, b'disparitajiet territorjali li jonqsu xi ftit. Bejn l-2013 u l-2022, it-tkabbir medju tal-PDG ta' Malta tela' għal 6,3 % (1,6 % fl-UE), meta mqabbel ma' 5,0 % fl-2011–2020 (0,8 % fl-UE). Differenzi sinifikanti bejn il-ġżira ewlenija ta' Malta u Għawdex u Kemmuna baqgħu f'termini ta' PDG *per capita* (f'punti perċentwali) li kienu rispettivament 108 % u 57 % tal-medja tal-UE fl-2022.

Graff A17.1: **Malta, NUTS3: PDG *per capita*, Tkabbir medju annwali tal-PDG *per capita*, Tkabbir Medju Annwali tal-Produttività**



Sors: il-Eurostat

Il-produttività tax-xogħol f'Malta għadha lura meta mqabbla mal-bqija tal-UE, b'lakuni sinifikanti li jirriflettu d-disparitajiet eżistenti f'Malta. Fl-2022, il-produttività tax-xogħol imkejla fil-valur miżjud gross (f'punti perċentwali) għal kull persuna impjegata kienet ta' 95,5 % tal-medja tal-UE, li tvarja b'mod estensiv bejn Malta u Għawdex u Kemmuna, u tkejjel 97 % u 68,4 % rispettivament tal-medja tal-UE.

Is-sistemi ta' riċerka u innovazzjoni f'Malta għadhom ibatu minn nuqqas ta' investiment. Fl-2021, in-nefqa fir-riċerka u l-iżvilupp kienet tammonta għal 0,65 % tal-PDG u 0,42 % biss fis-settur tan-negozju, mingħajr ebda varjazzjoni meta mqabbla mal-livelli tal-2020. Din għadu ferm taħt il-medja tal-UE ta' 2,24 % u 1,48 % rispettivament. Bl-istess mod, l-applikazzjonijiet għall-privattivi lill-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi fl-2018–2019 kienu ta' 93,4 għal kull miljun abitant, li kien ferm taħt il-medja tal-UE ta' 125,6, inkluż sehem għoli ta' applikazzjoni għal privattivi relatati mal-ambjent.

Ħtiġijiet futuri tal-investiment u r-riforma sottonazzjonali

Iż-żieda fl-investimenti fl-enerġija rinnovabbli tibqa' prijorità għolja. Malta għandha waħda mill-aktar ishma baxxi ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija fl-UE. Huma meħtieġa aktar investimenti biex titħaffef it-tnedija tal-enerġija rinnovabbli sabiex jiġu ssodisfati l-impenji tan-newtralità klimatika u fid-dawl taż-żieda mistennija fid-domanda elettrika marbuta ma' diversi fatturi, inklużi ż-żieda fl-attività ekonomika, it-tkabbir tal-popolazzjoni, it-tranżizzjoni gradwali lejn il-mobbiltà elettrika u l-provvista mix-xatt għall-vapur. Flimkien mal-appoġġ ippjanat mill-FEŻR għall-iżvilupp tat-tieni interkonnettur tal-elettriku li jgħaqqad l-Italja u l-Malta u l-użu ta' soluzzjonijiet għall-ħżin tal-enerġija, dawk l-investimenti se jkomplu jikkontribwixxu għall-iżgurar tal-provvista tal-elettriku u għat-titjib tat-taħlita enerġetika ta' Malta. Barra minn hekk, Malta turi potenzjal sinifikanti tal-enerġija mir-riħ bi 3 219-il siegħa b'tagħbija sħiħa fis-sena meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 1 153 fl-2000–2005, u jkunu ġġustifikati aktar investimenti fl-enerġija mir-riħ, inkluż fi proġetti tat-teknoloġija eolika lil hinn mill-kosta li żżomm f'wiċċ l-ilma.

F'Malta jissoktaw l-konġestjoni tat-traffiku u l-emissjonijiet għoljin mit-trasport bit-triq. Iż-żieda fis-soluzzjonijiet multimodali sostenibbli u t-trasport attiv hija għalhekk kruċjali. Hemm bżonn li tingħata spinta lill-investimenti f'infrastruttura tal-mobbiltà mhux motorizzata sikura u interkonnessa, bħal korsiji għaċ-ċikliżmu, mogħdijiet pedonali, kwalità mtejba tas-servizz fit-trasport pubbliku u korsiji riżervati għall-karozzi tal-linja. L-investimenti f'soluzzjonijiet tat-trasport marittimu li jużaw enerġija nadifa huma kruċjali wkoll. Dawn joħolqu l-kundizzjonijiet biex nimxu lejn modi alternattivi ekoloġiċi tat-trasport filwaqt li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mis-settur tat-trasport. Dan jgħin lil Malta fi triqitha lejn ambjent ta' għajxien aħjar bi kwalità tal-arja mtejba u tnaqqis fit-tniġġis akustiku.

Tabella A17.1: **Indikaturi magħżula fil-livell reġjonali f'Malta**

NUTS region name	GDP per head (PPS)	Productivity (GVA (PPS) per person employed)	GDP growth	GDP per head growth	Employment rate, ages 20-64	Unemployment rate	R&D expenditure	R&D expenditure in the business enterprise sector (BERD)	Patent applications to the EPO	Wind energy potential
	Index, EU27 = 100 (2022)	Index, EU27 = 100 (2022)	Average % change on the preceding year (2013-2022)	Average % change on the preceding year (2013-2022)	% of population aged 20-64 (2022)	% of labour force (2022)	% of GDP (2021)	% of GDP (2021)	per million inhabitants (2018-2019)	full load hours per year (2000-2005)
European Union (27 MS)	100.0	100.0	1.6	1.4	74.6	6.2	2.3	1.5	125.6	1153.0
Malta	104.0	95.5	6.3	3.8	81.1	2.9	0.7	0.4	93.4	3219.0
Malta	108.0	97.0	6.3	3.8					100.2	3291.0
Gozo and Comino/Għawdex u Kemmuna	57.0	68.4	5.6	3.8					0.0	2998.0

Sors: il-Eurostat, il-bażi tad-*data* tal-EDGAR

B'mod aktar ġenerali, huwa essenzjali li Malta tagħmel progress fit-tranżizzjoni ekoloġika tagħha. Iż-żieda fl-investimenti fil-miżuri tal-effiċjenza enerġetika, it-titjib tal-protezzjoni tal-bijodiversità u t-tisħiħ tar-riċiklaġġ tal-iskart u t-tħejjija tal-iskart għall-użu mill-ġdid filwaqt li jitnaqqsu r-rati tal-miżbliet, huma ta' importanza kbira biex jiġu indirizzati wħud mill-isfidi attwali. Malta tista' tibbenefika wkoll mill-opportunitajiet tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP) biex tappoġġa t-trasformazzjoni tal-industrija.

Għal tranżizzjoni ekoloġika aktar effettiva u bidla qawwija lejn modi alternattivi ekoloġiċi tat-trasport, għandha tiġi prevista riforma għal ippjanar tat-trasport komprensiv u mtejjeb li tqis il-fraġilità ambjentali u l-limitazzjonijiet ta' spazju f'Malta. Kemm il-programmi tal-politika ta' koeżjoni kif ukoll l-RRP jinkludu investimenti li jikkontribwixxu għal mobbiltà nadifa. Ir-riforma jeħtieġ li tħaddan miżuri mmirati biex jiġi diżinċentivat l-użu tal-karozzi u jinħolqu spazju għall-infrastruttura ta' modi alternattivi ta' trasport, filwaqt li l-użu ta' soluzzjonijiet alternattivi sostenibbli ta' trasport jsir aktar attraenti u effiċjenti.

Malta għandha settur finanzjarju fil-bieċa l-kbira bbażat fuq il-banek, b'rata ta' konċentrazzjoni għolja. Waħda mill-ispeċifiċitajiet ta' Malta hija r-rwol tagħha bħala ċentru bankarju internazzjonali, peress li sehem kbir tas-settur bankarju tagħha huwa magħmul minn istituzzjonijiet barranin mingħajr skopertura għall-ekonomija domestika. Madankollu, is-sehem tal-istituzzjonijiet ta' kreditu domestiċi ilu jiżdied matul dan l-aħħar deċennju u dawn l-istituzzjonijiet ammontaw għal madwar 64,3 % tal-assi totali tas-settur bankarju fit-tielet trimestru tal-2023, meta mqabbla mat-33,5 % fl-2015. Il-konċentrazzjoni tas-settur bankarju hija sinifikanti billi fi tmiem l-2022 l-akbar ħames banek kellhom 75,7 % tal-assi totali tas-settur. Erba' banek Maltin huma identifikati bħala sistemikament importanti (O-SII). L-assi totali tas-settur bankarju espressi bħala perċentwal tal-PDG tal-pajjiż komplew jonqsu u kienu ta' 228,4 % fit-tielet trimestru tal-2023, ferm taħt il-medja tal-UE.

Il-prestazzjoni tal-banek kompliet titjieb fl-ewwel nofs tal-2023, appoġġata minn klima ekonomika favorevoli, jiġifieri żieda qawwija fil-PDG u fl-impjiegi. Il-banek domestiċi ewlenin tejbu l-profittabbiltà tagħhom b'mod sinifikanti, appoġġati minn tkabbir ta' 28,9 % sena wara sena fl-introjtu mill-imgħax nett sa Ġunju 2023. Barra minn hekk, l-effett bażi tal-kostijiet ta' litigazzjoni ta' darba mġarrba fl-ewwel nofs tal-2022 kellu rwol importanti. B'riżultat ta' dan, ir-redditu fuq l-ekwità tas-settur totali żdied b'aktar mid-doppju biex laħaq 11,2 % fit-tielet trimestru tal-2023, aħjar mill-medja tal-UE ta' 9,9 %. Dan jimmarka bidla sinifikanti, peress li r-redditu fuq l-ekwità tal-banek Maltin kien għadu lura b'mod sinifikanti meta mqabbla mal-pari tal-UE tagħhom matul il-5 snin preċedenti.

Il-banek Maltin żammew il-livelli kapitali tagħhom ferm ogħla mir-rekwiżiti regolatorji. Il-pożizzjoni tal-likwidità tal-banek domestiċi ewlenin kienet ta' 394,8 % f'Ġunju 2023, żieda ta' kważi 15-il punt perċentwali f'6 xhur. Il-proporzjon tal-adegwatezza kapitali kien ta' 23,8 % fit-tielet trimestru tal-2023 (medja tal-UE: 19,6 %), 0,1 punt perċentwali inqas minn Diċembru 2022. Il-kwalità tal-assi tjiebet ukoll, hekk kif il-proporzjon ta' self li ma jrendix (NPLs, non-performing loans) naqas għal 2,2 % fit-tielet trimestru tal-2023, kemxejn ogħla mill-medja tal-UE ta' 1,8 %. Il-proporzjon tas-self li ma jrendix għall-banek domestiċi ewlenin kien ta' 2,6 % f'Ġunju 2023, kemxejn ogħla minn dak tas-settur bankarju totali. L-ogħla livell ta' self li ma jrendix (madwar 6,5 %) ġie rreġistrat f'self lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji domestiċi, li huwa l-uniku segment fejn il-proporzjonijiet tas-self li ma jrendix marru għall-agħar minn Diċembru 2022. Il-livell ġenerali tas-self tal-Istadju 2 għall-banek domestiċi ewlenin naqas b'mod sinifikanti f'sena waħda b'1,2 punt perċentwali għal 7,8 % tas-self totali f'Ġunju 2023.

It-tkabbir fl-attività tas-self kien aktar baxx milli fis-snin preċedenti, u kien prinċipalment xprunat minn ipoteki. Għall-banek ċentrali domestiċi, l-ipoteki lir-residenti żdiedu bi 3,4 % fis-6 xhur sa Ġunju 2023 u l-kreditu tal-konsumatur żdied bi 2,0 %. Is-self lill-korporazzjonijiet żdied bi 3,3 %, tnaqqis fir-ritmu meta mqabbel mal-ewwel 6 xhur tal-2022. L-attività ipotekarja kienet il-mutur ewlieni tal-attività ta' self f'dawn l-aħħar snin, u l-ipoteki jammontaw għal ftit aktar minn 55 % tas-self totali lir-residenti, li jimplika xi riskju tal-konċentrazzjoni. Il-prezzijiet tad-djar komplew jogħlew fl-2023, iżda bdew juru xi sinjali ta' tnaqqis temporanju fir-ritmu. It-tkabbir annwali fil-prezzijiet tad-djar baqa' qrib l-4,5 % fit-tieni trimestru tal-2023, b'moderazzjoni żgħira fir-rata ta' tkabbir li bdiet fi tmiem l-2022. It-triq futura tat-tkabbir tal-kreditu tiddependi ħafna fuq it-tkabbir ekonomiku f'Malta u l-livell tar-rati tal-imgħax, li jistgħu jaffettwaw id-domanda għall-kreditu. Sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-banek għal xokk possibbli fis-settur tal-akkomodazzjoni, l-awtoritajiet introduċew buffer tar-riskju sistemiku settorjali mmirat lejn skoperturi ta' ipoteki residenzjali. Għall-ewwel, dan il-buffer ġie stabbilit għal 1 % mill-aħħar ta' Settembru 2023, u se jiżdied għal 1,5 % mill-aħħar ta' Marzu 2024.


Tabella A18.1: **L-indikaturi tas-suq finanzjarju**

	2017	2018	2019	2020	2021	2022	2023	EU	Median
Total assets of the banking sector (% of GDP)	402.5	340.5	289.9	302.3	278.5	243.8	230.8	257.9	185.8
Share (total assets) of the five largest banks (%)	80.9	77.5	75.1	74.8	75.6	75.7	-	-	69.6
Share (total assets) of domestic credit institutions (%)[1]	42.1	47.8	53.5	58.7	61.7	64.5	64.3	-	62.9
NFC credit growth (year-on-year % change)	14.8	3.5	2.0	2.7	-6.4	6.1	6.5	-	5.4
HH credit growth (year-on-year % change)	6.5	7.5	8.7	5.8	9.7	9.6	9.1	-	2.5
Financial soundness indicators:[1]									
- non-performing loans (% of total loans)	3.1	3.1	3.2	3.6	3.0	2.3	2.1	1.8	1.7
- capital adequacy ratio (%)	21.1	22.3	23.4	25.1	24.5	23.9	24.3	19.6	20.5
- return on equity (%)[2]	7.2	5.2	6.0	0.3	3.5	4.3	10.2	10.2	13.3
Cost-to-income ratio (%)[1]	40.6	40.5	50.3	49.3	63.8	57.2	46.0	53.2	45.8
Loan-to-deposit ratio (%)[1]	61.4	75.2	57.4	59.6	56.1	58.5	56.7	93.0	79.9
Central bank liquidity as % of liabilities	0.5	0.2	0.1	0.6	2.3	0.7	0.7	-	1.1
Private sector debt (% of GDP)	124.3	120.6	129.3	142.7	132.7	121.8	-	133.0	118.4
Long-term interest rate spread versus Bund (basis points)	96.3	98.9	92.5	99.2	87.3	126.6	128.3	107.9	104.4
Market funding ratio (%)	32.8	32.9	35.7	34.4	37.7	35.4	-	51.8	39.8
Green bonds outstanding to all bonds (%)[3]	-	-	-	-	-	-	-	3.7	2.5

1-3 **4-10** **11-17** **18-24** **24-27** Colours indicate performance ranking among 27 EU Member States.

(1) L-aħħar *data*: it-tielet trimestru tal-2023.
(2) id-*data* hija annwalizzata.
(3) id-*data* disponibbli għall-pajjiżi taż-żona tal-euro biss, il-medja tal-UE tirreferi għaż-żona tal-euro.
Sors: il-BĊE, il-Eurostat.

Graff A18.1: **Evoluzzjoni tal-attività ta' kreditu skont is-settur**



Sors: il-BĊE.

B'mod ġenerali, is-settur finanzjarju Malti jidher li huwa reżiljenti. Fir-rapport tiegħu tal-2021, il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) identifika l-vulnerabbiltajiet ewlenin ta' Malta bħala r-rati għoljin ta' tkabbir fil-kreditu tal-akkomodazzjoni u dejn għoli tal-unitajiet domestiċi. Ir-rapport aġġornat tal-BERS ta' Frar 2024, ikkonferma li l-miżuri attwali (il-limiti fuq il-proporzjonijiet bejn is-self u l-valur, il-proporzjonijiet dejn-introjtu, u l-maturitajiet tas-self flimkien mal-miżuri permessi mill-Artikolu 124 tar-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital) huma xierqa u suffiċjenti.

Fir-rigward tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, Malta implimentat riformi ewlenin fil-qasam tal-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja u l-unitajiet tal-intelligence finanzjarja. Dawn ir-riformi huma wkoll parti mill-impenji ta' Malta skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha. Barra minn hekk, Malta aġġornat u ppubblikat il-valutazzjoni tar-riskju nazzjonali tagħha f'Diċembru 2023. Dan id-dokument ta' 212 paġna jinkludi valutazzjonijiet tar-riskju settorjali għal: (i) is-settur tas-servizzi finanzjarji; (ii) negozji u professjonijiet mhux finanzjarji dežinjati; u (iii) forniturі ta' servizzi ta' assi finanzjarji virtwali.

Il-finanzjament sostenibbli għadu ma ġiex żviluppat f'Malta iżda issa saru l-ewwel passi biex jiġi żviluppat. L-ewwel bond ekoloġiku ta' Malta, maħruġ f'Awwissu 2023 mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, ġie elenkat fil-Borża ta' Malta f'Ottubru 2023. Malta għadha ma ħarġet l-ebda bond ekoloġiku sovran.

Għaxar assiguraturi domestikament rilevanti jkomplu joperaw fuq livelli ta' kapital u likwidità sodi. Il-Bank Ċentrali ta' Malta ppubblika fir-Rapport Interim dwar l-Istabbiltà Finanzjarja tal-2023 il-metodoloġija aġġornata għall-identifikazzjoni ta' kumpaniji tal-assigurazzjoni rilevanti domestikament. B'dawn ir-riżultati aġġornati, 10 kumpaniji tal-assigurazzjoni mit-68 kumpanija liċenzjata f'Ġunju 2023 ġew ikklassifikati bħala rilevanti domestikament: erbgħa fis-settur tal-ħajja u sitta fis-settur mhux tal-ħajja (kumpanija aktar meta mqabbla mal-metodoloġija preċedenti). Fl-ewwel nofs tal-2023, l-assi ta' dawn l-10 assiguraturi żdiedu bi 2,8 % sena

wara sena għal EUR 3,7 biljun, ekwivalenti għal 20,5 % tal-PDG. L-assi totali miżmuma mill-assiguraturi kollha f'Malta ammontaw għal 74,2 % tal-PDG fit-tieni trimestru tal-2023, ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 54,3 %. L-assiguraturi fis-segment tal-ħajja żiedu b'mod qawwi l-kapital ta' lqugħ tagħhom. Proporzjon ta-kopertura tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza (RKS) ta' 226,1 %, irkupru ta' 46 punti perċentwali minn Diċembru 2022. Il-proporzjon tal-kopertura tal-RKS fis-segment mhux tal-ħajja jibqa' solidu fil-livell ta' 230,9 %. Il-primjums gross miktuba għall-assiguraturi tal-ħajja naqsu b'21,8 % sena wara sena f'Diċembru 2023, x'aktarx minħabba kompetizzjoni minn prodotti finanzjarji oħra b'rendimenti ogħla.


L-assi miżmuma minn 37 fond ta' investiment ikklassifikati bħala rilevanti domestikament żdiedu b'nofs wieħed fil-mija fl-ewwel nofs tal-2023, wara tnaqqis ta' 18-il xahar. Dawn l-assi kienu ta' EUR 1,5 biljun, jew 8,4 % tal-PDG f'Ġunju 2023. Il-fondi ta' ekwità rreġistraw l-ogħla rata ta' żieda sena wara sena (10,2 %), filwaqt li l-fondi tal-bonds naqsu bi 2,2 % fl-istess perjodu, prinċipalment minħabba tifdijiet. Il-livell ta' flus kontanti u depożiti f'Ġunju 2023 (4 % tal-assi) miżmuma minn fondi ta' investiment rilevanti domestikament laħaq l-aktar livell baxx tiegħu mill-2016 u kien 4 punti perċentwali taħt il-medja ta' 5 snin, li jista' joħloq xi riskju fil-każ ta' żieda f'daqqa fit-tifdijiet. Il-bonds ikomplu jammontaw għal kważi żewġ terzi tal-assi totali tal-fondi u l-maturità medja tagħhom naqset.

Dan l-anness jagħti ħarsa ġenerali bbażata fuq l-indikaturi tas-sistema tat-taxxa ta' Malta. Dan jinkludi informazzjoni dwar l-istruttura tat-taxxa, (tipi ta' taxxa li Malta l-aktar li tikseb dħul minnhom), il-piż tat-taxxa għall-ħaddiema, u l-progressività u l-effett ridistributtiv tas-sistema tat-taxxa. Dan jipprovdi wkoll informazzjoni dwar il-ġbir u l-konformità tat-taxxa.

Is-sistema tat-tassazzjoni f'Malta hija pjuttost distinta mill-medja tal-UE kemm f'termini tal-livell ta' tassazzjoni kif ukoll tal-kompożizzjoni tagħha. B'mod partikolari, id-dħul mit-taxxa bħala sehem mill-PDG ta' Malta, b'mod partikolari fir-rigward tat-tassazzjoni fuq ix-xogħol, huwa baxx meta mqabbel mal-medja tal-UE. Id-dħul totali mit-taxxa kien jikkostitwixxi 29 % tal-PDG ta' Malta fl-2022, tnaqqis żgħir mill-2021 u ferm inqas mill-aggregat tal-UE ta' 40,2 % (ara t-TabellaA19.1). Id-dħul mit-taxxa fuq ix-xogħol bħala sehem tal-PDG żdied gradwalment għal 12,2 % fl-2022, iżda baqa' sostanzjalment taħt il-medja tal-UE ta' 20,3 %. B'kuntrast ma' dan, id-dipendenza ta' Malta fuq it-tassazzjoni korporattiva kienet konsistentement ogħla mill-medja tal-UE, li tirrifletti l-importanza kbira tas-settur korporattiv (imkejla bħala s-sehem tas-surplus operatorju gross fuq il-valur miżjud gross) għall-ekonomija Maltija. Kemm id-dħul mit-taxxa fuq il-konsum kif ukoll it-taxxi ambjentali bħala perċentwal tal-PDG baqgħu kemxejn taħt l-aggregat tal-UE. It-taxxi fuq it-tniġġis u r-riżorsi bħala sehem mit-taxxi ambjentali huma ogħla mill-medja tal-UE. Madankollu, jista' jkun hemm potenzjal li tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas. Malta implimentat tlieta mis-sitt tipi ewlenin ta' taxxi fuq ir-riżorsi u t-tniġġis (jiġifieri taxxi fuq ir-rimi tal-iskart fil-miżbliet, it-tniġġis tal-ilma mormi u l-prodotti tal-plastik). Għad hemm lok biex jiġu estiżi t-taxxi fuq ir-rimi tal-iskart (inkluża l-inċinerazzjoni) u jiġu implimentati t-tliet tipi l-oħra, (jiġifieri t-taxxi fuq l-emissjonijiet tal-NOx, il-fertilizzanti u l-pestiċidi).

Il-porzjon ta' taxxa fuq ix-xogħol f'Malta huwa baxx meta mqabbel mal-medja tal-UE fil-livelli kollha tal-introjtu. L-effett ridistributtiv tas-sistema tal-benefiċċji tat-taxxa huwa limitat. Il-GraffA19.1 turi li l-porzjon ta' taxxa fuq ix-xogħol għal Malta fl-2023 kien ħafna aktar baxx mill-medja tal-UE għal persuni waħedhom f'diversi livelli ta' introjtu. It-tieni sors ta' dħul ta' 67 % tal-paga medja, li l-konjuġi tagħhom jaqilgħu l-paga medja, jaffaċċjaw ukoll porzjon ta' taxxa li huwa aktar baxx mill-medja tal-UE. It-tassazzjoni fuq l-introjtu mix-xogħol hija inqas progressiva f'Malta milli fil-medja tal-UE. Fil-fatt, b'167 % tal-introjtu medju, il-porzjon ta' taxxa huwa aktar baxx minn ta' dawk li jaqilgħu paga medja, li saħansitra jissuġġerixxi tassazzjoni rigressiva. Il-progressività limitata tas-sistema tat-taxxa fuq ix-xogħol hija riflessa wkoll fil-fatt li s-sistema tat-taxxa u tal-benefiċċji jnaqqsu l-inugwaljanza fl-introjtu (kif espress mill-koeffiċjent Gini) għal inqas mill-medja tal-UE fl-2022 (it-Tabella A19.1).

Graff A19.1: **Porzjon ta' taxxa għal dawk li jaqilgħu paga waħda u t-tieni sors ta' dħul bħala % tal-kostijiet lavorattivi totali, 2023**




Il-porzjon ta' taxxa tat-tieni sors ta' dħul jassumi li l-ewwel ħaddiem jaqla' 100 % tal-paga medja u ma għandu l-ebda wild. Għall-metodoloġija tal-porzjon ta' taxxa għat-tieni sors ta' dħul, ara l-OECD, 2016, *Taxing Wages 2014-2015*.
Sors: il-Kummissjoni Ewropea

F'termini ta' ġbir tat-taxxa, tispikka d-diskrepanza kbira tal-VAT. Minkejja li timponi waħda mill-aktar rati standard baxxi tal-VAT fl-UE, Malta kellha t-tieni l-ogħla diskrepanza tal-VAT (id-diskrepanza bejn id-dħul attwalment miġbur u l-obbligazzjoni teoretika tat-taxxa) fl-UE fl-2021 ta' 25,7 % — din hija aktar minn ħames darbiet aktar mill-medja tal-UE u hija mbassra li tonqos biss bi ftit fl-2022. Huwa notevoli wkoll li Malta ma esperjenzatx it-tnaqqis kostanti fid-diskrepanza tal-VAT li f'dawn l-aħħar ftit snin, kienet karatteristika distintiva fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Skont studju riċenti, il-kost tal-konformità mar-regoli tat-taxxa f'Malta huwa l-aktar wieħed baxx fl-UE ([111]).

([111])Ara l-Illustrazzjoni 18 fi *Tax compliance costs for SMEs: An update and a complement*, p. 31, disponibbli fuq Tax compliance costs for SMEs - Publications Office of the EU (europa.eu).

Is-sistema tat-taxxa Maltija ġiet aġġornata reċentement biex tissodisfa l-impenji li saru skont il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP). L-RRP Malti fih għadd ta' miżuri relatati mat-taxxa, li huma mmirati b'mod speċjali biex jindirizzaw il-prattiki ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Ir-riformi reċenti adottati fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-RRP jinkludu d-dħul fis-seħħ ta': (i) regoli speċifiċi dwar l-ipprezzar tat-trasferimenti; (ii) skambju spontanju ta' informazzjoni, fejn l-awtoritajiet tat-taxxa ta' Malta jiskambjaw informazzjoni mal-ġurisdizzjonijiet oriġinali tar-residenza tat-taxxa tal-applikanti li ġew aċċettati fl-iskema taċ-ċittadinanza; u (iii) dikjarazzjoni tat-taxxa korporattiva riveduta biex tinġabar informazzjoni dwar dividendi derivati minn korpi ta' persuni residenti f'ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx. Barra minn hekk, studju apposta dwar miżuri relatati ma' pagamenti deħlin u ħerġin, li janalizza s-sitwazzjoni attwali u jipprovdi rakkomandazzjonijiet, huwa mistenni li jiġi segwit minn leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni fl-2024.

Graff A19.2: **Dividendi totali li joħorġu mill-Istati Membri f'% tal-PDG, 2022**



Sors: il-Kummissjoni Ewropea

Minkejja l-progress reċenti, l-indirizzar tal-ippjanar aggressiv tat-taxxa jibqa' prijorità. Il-Graff A19.2 turi li l-flussi tad-dividendi li joħorġu bħala sehem tal-PDG huma fost l-ogħla fl-UE. Il-flussi tal-IDB bħala proporzjon tal-PDG kif ukoll l-istokk tagħhom miżmum permezz ta' SPEs huma wkoll ferm ogħla mill-medja tal-UE, li jissuġġerixxi li l-istruttura tat-taxxa ta' Malta tista' tintuża għal skopijiet ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa. Ir-riformi reċenti marbuta mal-implimentazzjoni tal-RRP jikkostitwixxu progress importanti fil-limitazzjoni tal-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Madankollu, sakemm tittieħed azzjoni ulterjuri, ir-regoli tal-kumpaniji mhux domiċiljati u n-nuqqas ta' taxxi f'ras il-għajn (jew miżura difensiva ekwivalenti) ikomplu joħolqu riskji ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa. L-iskema taċ-ċittadinanza u tar-residenza tqajjem ukoll tħassib serju rigward is-sigurtà, il-ħasil tal-flus, l-evażjoni tat-taxxa, u l-korruzzjoni.

Tabella A19.1: **Indikaturi tat-tassazzjoni**

		Malta					EU-27				
		2010	2020	2021	2022	2023	2010	2020	2021	2022	2023
Tax structure	Total taxes (including compulsory actual social contributions) (% of GDP)	30.9	29.0	29.4	29.0		37.9	40.0	40.4	40.2	
	Labour taxes (as % of GDP)	9.9	12.0	12.0	12.2		20.0	21.3	20.7	20.3	
	Consumption taxes (as % of GDP)	11.9	10.1	9.8	9.9		10.8	10.7	11.2	11.0	
	Capital taxes (as % of GDP)	9.1	6.9	7.5	6.6		7.1	8.0	8.6	8.9	
	Of which, on income of corporations (as % of GDP)	5.6	4.6	5.1	4.3		2.4	2.5	3.0	3.4	
	Total property taxes (as % of GDP)	1.0	0.7	0.8	0.8		1.9	2.3	2.2	2.1	
	Recurrent taxes on immovable property (as % of GDP)	0.0	0.0	0.0	0.0		1.1	1.2	1.1	1.0	
	Environmental taxes as % of GDP	2.8	2.2	1.8	1.6		2.4	2.2	2.3	2.0	
Progressivity & fairness	Tax wedge at 50% of average wage (Single person) (*)	18.9	22.4	21.7	22.6	22.9	33.9	31.7	32.1	31.8	31.7
	Tax wedge at 100% of average wage (Single person) (*)	26.4	31.0	30.8	31.5	31.8	41.0	40.1	39.9	40.0	40.2
	Corporate income tax - effective average tax rates (1) (*)		28.8	28.8	28.8			19.5	19.0	19.0	
	Difference in Gini coefficient before and after taxes and cash social transfers (pensions excluded from social transfers) (2) (*)	7.2	6.3	6.2	6.3		8.6	8.1	8.2	7.9	
Tax administration & compliance	Outstanding tax arrears: total year-end tax debt (including debt considered not collectable) / total revenue (in %) (*)		174.9	140.0				40.9	35.5		
	VAT Gap (% of VAT total tax liability, VTTL)(**)	30.9	27.5	25.7	24.6			9.7	5.4		

(1) (1) Rata tat-taxxa effettiva progressiva (OECD).
(2) Valur ogħla jindika impatt ridistributtiv aktar b'saħħtu tat-tassazzjoni.
(*) Medja sempliċi tal-EU-27.
(**) Il-valur previst għall-2022, jekk disponibbli. Għal aktar dettalji dwar id-diskrepanza tal-VAT, ara l-pubblikazzjoni tad-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali tal-Kummissjoni Ewropea, 2023, VAT gap in the EU, https://data.europa.eu/doi/10.2778/911698.
Għal aktar *data* dwar id-dħul mit-taxxa kif ukoll il-metodoloġija applikata, ara l-paġna web tad-*Data* dwar it-Tassazzjoni: https://ec.europa.eu/taxation_customs/taxation-1/economic-analysis-taxation/data-taxation_en.
Sors: il-Kummissjoni Ewropea u l-OECD

Minn Jannar 2022, Malta ppermettiet l-iskambju spontanju ta' informazzjoni dwar applikanti li ġew aċċettati fl-iskema taċ-ċittadinanza mal-awtoritajiet tal-ġuriżdizzjoni oriġinali rigward ir-residenza tat-taxxa tal-applikanti, f'konformità mal-impenn tal-RRP tagħha, iżda dan huwa limitat għal applikanti ġodda.

Tabella A20.1: **Indikaturi ekonomiċi u finanzjarji ewlenin**

							forecast	
	2004-07	2008-12	2013-20	2021	2022	2023	2024	2025
Real GDP (y-o-y)	2.7	2.5	5.2	12.5	8.1	5.6	4.6	4.3
Potential growth (y-o-y)	.	3.2	6.6	3.9	6.7	5.1	4.9	4.9
Private consumption (y-o-y)	2.8	1.3	2.2	8.2	10.9	7.7	4.3	4.0
Public consumption (y-o-y)	1.0	3.3	6.5	6.8	1.9	3.3	3.0	2.7
Gross fixed capital formation (y-o-y)	6.2	-1.3	8.9	14.2	31.4	-22.2	4.5	4.5
Exports of goods and services (y-o-y)	7.7	7.4	7.4	7.6	8.6	8.7	4.3	3.8
Imports of goods and services (y-o-y)	7.7	6.3	7.4	5.1	11.7	4.6	4.0	3.4
Contribution to GDP growth:								
Domestic demand (y-o-y)	3.3	1.2	3.9	7.7	11.3	-1.7	3.2	3.0
Inventories (y-o-y)	-0.3	-0.2	0.3	-0.3	-0.1	0.0	0.1	0.0
Net exports (y-o-y)	-0.5	1.5	1.0	5.1	-3.1	7.3	1.3	1.3
Contribution to potential GDP growth:								
Total Labour (hours) (y-o-y)	.	0.7	3.2	0.7	2.4	2.4	2.3	2.3
Capital accumulation (y-o-y)	.	1.0	1.7	1.5	2.6	1.1	1.1	1.2
Total factor productivity (y-o-y)	.	1.5	1.7	1.7	1.7	1.6	1.5	1.4
Output gap	-0.1	-1.2	0.8	-1.8	-0.5	0.0	-0.3	-0.9
Unemployment rate	6.9	6.5	4.7	3.8	3.5	3.1	3.0	2.9
GDP deflator (y-o-y)	2.1	2.3	2.3	2.0	5.3	5.3	3.6	2.5
Harmonised index of consumer prices (HICP, y-o-y)	2.1	2.9	1.2	0.7	6.1	5.6	2.8	2.3
HICP excluding energy and unprocessed food (y-o-y)	1.8	2.1	1.3	0.7	6.2	5.8	2.9	2.5
Nominal compensation per employee (y-o-y)	2.9	3.3	3.4	4.1	3.1	1.5	2.7	3.2
Labour productivity (real, hours worked, y-o-y)	1.6	1.8	0.6	9.2	4.1	1.4	-0.6	-0.5
Unit labour costs (ULC, whole economy, y-o-y)	1.6	2.7	3.4	-4.8	1.1	2.4	2.2	2.9
Real unit labour costs (y-o-y)	-0.5	0.4	1.0	-6.7	-3.9	-2.7	-1.4	0.3
Real effective exchange rate (ULC, y-o-y)	0.3	0.7	1.8	-4.9	-2.5	-4.2	-2.2	0.4
Real effective exchange rate (HICP, y-o-y)	1.4	-0.2	0.1	-0.8	-2.7	1.9	.	.
Net savings rate of households (net saving as percentage of net disposable income)	.	.	.	.	.	.	.	.
Private credit flow, consolidated (% of GDP)	12.2	9.8	8.0	8.8	6.3	.	.	.
Private sector debt, consolidated (% of GDP)	140.0	163.7	131.8	132.5	120.3	.	.	.
of which household debt, consolidated (% of GDP)	46.8	57.7	52.2	58.4	55.0	.	.	.
of which non-financial corporate debt, consolidated (% of GDP)	93.2	106.0	79.6	74.1	65.3	.	.	.
Gross non-performing debt (% of total debt instruments and total loans and advances) (1)	1.7	1.6	2.5	2.3	1.7	.	.	.
Corporations, net lending (+) or net borrowing (-) (% of GDP)	.	.	.	.	.	.	.	.
Corporations, gross operating surplus (% of GDP)	29.4	31.3	36.7	40.3	41.4	.	.	.
Households, net lending (+) or net borrowing (-) (% of GDP)	.	.	.	.	.	.	.	.
Deflated house price index (y-o-y)	13.5	-0.9	3.7	3.8	1.2	-0.4	.	.
Residential investment (% of GDP)	7.4	4.1	3.7	4.4	4.1	3.8	.	.
Current account balance (% of GDP), balance of payments	-5.3	-3.8	4.0	5.9	-3.9	0.9	0.0	0.2
Trade balance (% of GDP), balance of payments	-1.6	1.4	14.5	19.9	11.4	16.1	.	.
Terms of trade of goods and services (y-o-y)	-0.1	0.0	0.5	0.1	-0.1	0.3	0.3	0.0
Capital account balance (% of GDP)	2.3	1.3	1.2	1.5	1.5	1.5	.	.
Net international investment position (% of GDP)	30.6	10.7	67.2	98.4	83.3	71.6	.	.
NENDI - NIIP excluding non-defaultable instruments (% of GDP) (2)	86.8	168.7	184.5	173.8	165.6	160.6	.	.
IIP liabilities excluding non-defaultable instruments (% of GDP) (2)	452.3	698.9	504.4	513.5	434.7	427.8	.	.
Export performance vs. advanced countries (% change over 5 years)	.	.	15.6	15.3	6.8	20.1	.	.
Export market share, goods and services (y-o-y)	-0.7	2.3	6.1	-10.2	-6.1	7.5	0.7	0.1
Net FDI flows (% of GDP)	-154.7	-77.5	-63.5	-74.5	-0.4	-12.3	.	.
General government balance (% of GDP)	-2.9	-3.2	-0.7	-7.6	-5.5	-4.9	-4.3	-3.9
Structural budget balance (% of GDP)	.	.	-1.1	-6.7	-5.3	-4.9	-4.2	-3.5
General government gross debt (% of GDP)	66.8	66.1	50.9	53.9	51.6	50.4	52.0	52.6

(1) gruppi bankarji domestiċi u banek indipendenti, sussidjarji taħt kontroll barrani, (tal-UE u mhux tal-UE), kif ukoll fergħat taħt kontroll barrani (tal-UE u mhux tal-UE).
(2) NIIP bl-esklużjoni tal-investiment dirett u l-ishma ta' ekwità tal-portafoll.
Sors: il-Eurostat u l-BĊE mis-17-5-2024, fejn disponibbli; il-Kummissjoni Ewropea għaċ-ċifri tat-tbassir (Tbassir tar-rebbiegħa 2024).

Dan l-anness jivvaluta r-riskji fuq is-sostenibbiltà fiskali għal Malta fuq terminu qasir, medju u twil. Dan isegwi l-approċċ multidimensjonali tal-Monitoraġġ tas-Sostenibbiltà tad-Dejn tal-2023 tal-Kummissjoni Ewropea, aġġornat abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2024 tal-Kummissjoni.

1 - Ir-riskji fuq terminu qasir għas-sostenibbiltà fiskali huma baxxi. L-indikatur ta' identifikazzjoni bikrija tal-Kummissjoni (S0) ma jindikax riskji fiskali fuq terminu qasir (it-Tabella A21.2) ([112]). Il-ħtiġijiet ta' finanzjament gross tal-gvern huma mistennija jilħqu madwar 11 % tal-PDG bħala medja matul l-2024-2025 (it-Tabella A21.1, it-Tabella 1). Il-perċezzjonijiet tas-swieq finanzjarji tar-riskju sovran għadhom pożittivi, kif ikkonfermat mill-firxa ta' swap ta' inadempjenza ta' kreditu (CDS, credit default swap spread) u l-klassifikazzjoni ta' grad medju "A2/A-/A+" li t-tliet aġenziji ta' klassifikazzjoni ewlenin assenjaw lid-dejn tal-gvern Malti.

2 - Ir-riskji għas-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju jidher li huma medji.

Ix-xenarju ta' referenza tal-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn (DSA, debt sustainability analysis) juri li l-proporzjon tad-dejn tal-gvern huwa mistenni li jiżdied bi ftit iżda jibqa' taħt is-60 % tal-PDG fit-terminu medju (għal madwar 56 % tal-PDG fl-2034) (il-Graff 1, it-Tabella 1) ([113]). Id-defiċit primarju strutturali preżunt (eskluża l-bidliet fil-kost tat-tixjiħ) ta' 2,9 % tal-PDG mill-2024 jidher plawżibbli meta mqabbel mal-prestazzjoni fiskali tal-passat (it-Tabella A21.2) ([114]). It-tnaqqis fid-dejn jibbenefika wkoll minn effett valanga li għadu favorevoli iżda li qed jonqos, b'mod partikolari bis-saħħa tal-impatt tan-Next Generation EU. Fl-aħħar nett, il-ħtiġijiet ta' finanzjament gross tal-gvern huma mistennija li jistabbilizzaw sa tmiem il-perjodu ta' projezzjoni fl-2034, u jilħqu madwar 11 % tal-PDG, jiġifieri qrib il-medja matul l-2024–2025.

Il-projezzjonijiet tax-xenarju ta' referenza huma ttestjati għall-istress apparagun ta' erba' xenarji alternattivi deterministiċi biex jiġi vvalutat l-impatt tal-bidliet fis-suppożizzjonijiet ewlenin relattivi għax-xenarju ta' referenza (il-Graff 1). Għal Malta, il-proporzjon tad-dejn ikun biss aktar baxx milli fix-xenarju ta' referenza taħt ix-*xenarju ta' bilanċ primarju strutturali storiku (SPB)* (jiġifieri l-SPB jirritorna għall-medja storika tiegħu ta' 15-il sena ta' - 0.2 % tal-PDG). F'dan ix-xenarju, il-proporzjon tad-dejn huwa madwar 19-il punt perċentwali tal-PDG ogħla mix-xenarju ta' referenza fl-2034. Inkella, ix-xenarji l-oħra kollha tat-test tal-istress iwasslu għal dejn ogħla meta mqabbel max-xenarju ta' referenza, bi żviluppi avversi simili taħt ix-*xenarju ta' bilanċ primarju strutturali aktar baxx* (jiġifieri t-titjib kumulattiv ipproġettat fl-SPB matul l-2023-2024 jitnaqqas bin-nofs) u taħt ix-*xenarju* tad-*differenzjal negattiv bejn ir-rata tal-imgħax u t-tkabbir* (jiġifieri r-*rata tat-tkabbir u tal-imgħax* tiddeterjora b'punt perċentwali meta mqabbla max-xenarju ta' referenza). Fiż-żewġ xenarji, il-proporzjon tad-dejn jkun ogħla milli taħt ix-xenarju ta' referenza b'madwar 4 punti perċentwali tal-PDG fl-2034. L-iżgħar impatt negattiv huwa pproġettat fix-*xenarju ta' stress finanzjarju* (jiġifieri r-rati tal-imgħax jiżdiedu temporanjament b'punt perċentwal meta mqabbla max-xenarju ta' referenza), fejn il-proporzjon tad-dejn ikun biss marġinalment ogħla milli taħt ix-xenarju ta' referenza.

Il-projezzjonijiet stokastiċi jindikaw riskju medju, li jindika s-sensittività baxxa ta' dawn il-

([112]) L-S0 huwa indikatur kompost ta' riskju fuq terminu qasir ta' stress fiskali. Huwa bbażat fuq firxa wiesgħa ta' indikaturi fiskali u tal-kompetittività finanzjarja li wrew li huma fatturi ta' tbassir tajba tal-istress fiskali emerġenti fil-passat.

([113]) Is-suppożizzjonijiet sottostanti tax-xenarju ta' referenza ta' "ebda bidla fil-politika fiskali" tal-Kummissjoni jinkludu b'mod partikolari: (i) surplus primarju strutturali, qabel il-bidliet fil-kostijiet tat-tixjiħ, ta' 2,9 % tal-PDG mill-2024 'il quddiem; (ii) inflazzjoni li tikkonverġi b'mod lineari lejn ir-rata ta' swap forward ta' 10 snin marbuta mal-inflazzjoni 10 snin minn qabel (li tirreferi għall-aspettattivi ta' inflazzjoni fuq 10 snin, minn 10 snin qabel); (iii) ir-rati tal-imgħax nominali fuq terminu qasir u twil fuq dejn ġdid u riportat li jikkonverġu b'mod lineari mill-valuri attwali għar-rati nominali forward ibbażati fuq is-suq b'T+10; (iv) ir-rati ta' tkabbir tal-PDG reali mit-tbassir tar-rebbiegħa 2024 tal-Kummissjoni, segwiti mill-projezzjonijiet tal-metodoloġija tal-EPC/OGWG "T+10" bejn T+3 u T+10 (medja ta' 4,5 %); (v) kostijiet tat-tixjiħ f'konformità mat-2024 Ageing Report (European Commission, Institutional Paper 279, April 2024). Għal informazzjoni dwar il-metodoloġija, ara t-2023 Debt Sustainability Monitor (European Commission, Institutional Paper 271, March 2024).

([114]) Din il-valutazzjoni hija bbażata fuq l-indikatur tal-ispazju tal-konsolidazzjoni fiskali, li jkejjel il-frekwenza li biha fil-passat ġiet osservata pożizzjoni fiskali aktar stretta minn dik preżunta f'xenarju partikolari. Teknikament, din tikkonsisti fl-osservazzjoni tal-klassifika perċentili tal-SPB ipproġettat fid-distribuzzjoni tal-SPBs osservati fil-passat fil-pajjiż, filwaqt li titqies id-*data* kollha disponibbli mill-1980 sal-2022.

projezzjonijiet għal avvenimenti plawżibbli mhux previsti ([115]). Dawn is-simulazzjonijiet stokastiċi jindikaw probabbiltà ta' madwar 59 % li l-proporzjon tad-dejn se jkun ogħla fl-2028 milli fl-2023, li jimplika riskji baxxi minħabba l-livell baxx attwali tad-dejn. Barra minn hekk, l-inċertezza madwar il-projezzjonijiet tad-dejn tax-xenarju ta' referenza hija moderata, kif imkejla mid-differenza bejn l-10 u d-90 perċentili tad-distribuzzjoni tad-dejn fi żmien ħames snin (il-Graff 2).

3 – Ir-riskji għas-sostenibbiltà fiskali fit-tul jidhru ġeneralment għoljin. Din il-valutazzjoni hija bbażata fuq il-kombinazzjoni ta' żewġ indikaturi ta' diskrepanza fiskali, li jaqbdu l-isforz fiskali meħtieġ biex jiġi stabbilizzat id-dejn (indikatur S2) u jinġieb għal 60 % tal-PDG (indikatur S1) fit-tul ([116]). Din il-valutazzjoni hija xprunata l-aktar miż-żieda mbassra fil-kostijiet tat-tixjiħ u l-pożizzjoni bażitarja inizjali mhux favorevoli. Dawn ir-riżultati jiddependu fuq li l-pajjiż iżomm SPB imdaqqas fit-tul.

L-indikatur S2 jindika riskji għoljin għas-sostenibbiltà fiskali. L-indikatur juri li, meta mqabbel max-xenarju ta' referenza, l-SPB jista' jillaxka l-pożizzjoni fiskali tiegħu b'1,5 punt perċentwal tal-PDG fl-2025 u xorta jiżgura l-istabbilizzazzjoni tad-dejn fit-tul. Dan ir-riżultat huwa xprunat miż-żieda mbassra fil-kostijiet relatati mat-tixjiħ (kontribuzzjoni ta' 6,3 punti perċentwali tal-PDG) u l-pożizzjoni bażitarja inizjali mhux favorevoli (3,2 punti perċentwali). L-iżviluppi tal-kostijiet tat-tixjiħ huma primarjament xprunati miż-żieda mbassra fil-pensjonijiet (3,1 punti perċentwali) kif ukoll mill-infiq fil-kura tas-saħħa u fil-kura fit-tul (flimkien 3,3 punti perċentwali) (Tabella A21.1, Tabella 2). Filwaqt li qed jiġu implimentati għadd ta' miżuri biex tittejjeb l-effiċjenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa, jistgħu jkunu meħtieġa miżuri addizzjonali biex tittejjeb l-effiċjenza tas-sistema tal-kura fit-tul ta' Malta u s-sostenibbiltà fiskali tagħha.

L-indikatur S1 jindika r-riskji medji għas-sostenibbiltà fiskali. L-indikatur juri li l-pajjiż ikollu bżonn itejjeb il-pożizzjoni fiskali tiegħu b'4,6 punti perċentwali tal-PDG biex id-dejn jinġieb għal 60 % tal-PDG sal-2070. Dan ir-riżultat huwa prinċipalment xprunat mill-pożizzjoni bażitarja inizjali mhux favorevoli (kontribuzzjoni ta' 2,7 punti perċentwali tal-PDG) u ż-żieda fin-nefqa pubblika relatata mat-tixjiħ (kontribuzzjoni ta' 2,1 punti perċentwali.) (Tabella A21.1, Tabella 2).

4 – Fl-aħħar nett, jeħtieġ li fil-valutazzjoni jitqiesu diversi fatturi ta' riskju addizzjonali. Minn naħa waħda, il-fatturi li jżidu r-riskju huma relatati mas-sehem kbir ta' dejn fuq terminu qasir. Min-naħa l-oħra, il-fatturi ta' mitigazzjoni tar-riskju jinkludu l-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali pożittiva ta' Malta, sehem għoli ta' dejn miżmum domestikament, u tnaqqis qawwi kemm fil-proporzjonijiet tad-dejn gross kif ukoll nett bejn l-2010 u l-2022. Barra minn hekk, jekk ir-riformi strutturali skont in-Next Generation EU (NGEU)/il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF, Recovery and Resilience Facility), jiġu implimentati bis-sħiħ, jista' jkollhom impatt pożittiv ulterjuri fuq it-tkabbir tal-PDG fis-snin li ġejjin, u għalhekk jgħinu biex jittaffew l-isfidi tas-sostenibbiltà tad-dejn.


([115])Il-projezzjonijiet stokastiċi juru l-impatt konġunt fuq id-dejn ta' 10 000 xokk differenti li jaffettwa l-pożizzjoni bażitarja tal-gvern, it-tkabbir ekonomiku, ir-rati tal-imgħax u r-rati tal-kambju. Dan ikopri 80 % tal-perkorsi ta' dejn simulati kollha u għalhekk jeskludi events ta' titrif.

([116])L-indikatur tas-sostenibbiltà fiskali S2 ikejjel l-aġġustament SPB permanenti fl-2025 li jkun meħtieġ biex jistabbilizza d-dejn pubbliku fit-tul. Dan huwa kkomplementat mill-indikatur S1, li jkejjel l-aġġustament permanenti tal-SPB fl-2025 biex il-proporzjon tad-dejn jinġieb għal 60 % sal-2070. Kemm għall-indikaturi S1 kif ukoll għall-S2, il-valutazzjoni tar-riskju tiddependi fuq l-ammont ta' konsolidazzjoni fiskali meħtieġa: "riskju għoli" jekk l-isforz meħtieġ jaqbeż 6 % tal-PDG, "riskju medju" jekk ikun bejn 2 % u 6 % tal-PDG, u "riskju baxx" jekk l-isforz ikun negattiv jew taħt 2 % tal-PDG. Il-klassifikazzjoni kumplessiva tar-riskju fit-tul tikkombina l-kategoriji tar-riskju derivati minn S1 u S2. S1 jista' jgħolli l-kategorija tar-riskju derivata minn S2 jekk jindika riskju ogħla minn S2. Ara l-Monitoraġġ tas-Sostenibbiltà tad-Dejn tal-2023 għal aktar dettalji.

Tabella A21.1: **Analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn - Malta**

Table 1. Baseline debt projections	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034
Gross debt ratio (% of GDP)	**53.9**	**51.6**	**50.4**	**52.0**	**52.8**	**53.2**	**53.4**	**53.7**	**53.9**	**54.2**	**54.5**	**54.9**	**55.4**	**56.0**
Changes in the ratio	1.7	-2.3	-1.2	1.6	0.8	0.4	0.2	0.2	0.3	0.3	0.3	0.4	0.4	0.6
of which														
Primary deficit	6.5	4.6	3.8	3.1	3.0	2.7	2.5	2.4	2.3	2.3	2.2	2.2	2.2	2.2
Snowball effect	-5.6	-5.6	-4.1	-2.6	-2.3	-2.3	-2.3	-2.2	-2.1	-2.0	-1.9	-1.8	-1.7	-1.5
Stock-flow adjustments	0.8	-1.3	-0.9	1.2	0.1	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0
Gross financing needs (% of GDP)	15.2	8.6	9.7	11.2	10.3	10.1	10.1	10.1	10.2	10.2	10.3	10.4	10.6	10.7

Graph 1. Deterministic debt projections



Graph 2. Stochastic debt projections 2024-2028




Table 2. Breakdown of the S1 and S2 sustainability gap indicators

		S1	S2
Overall index (pps. of GDP)		**4.6**	**9.6**
of which			
Initial budgetary position		2.7	3.2
Debt requirement		-0.2	
Ageing costs		2.1	6.3
of which	*Pensions*	0.8	3.1
	Health care	0.8	1.6
	Long-term care	0.8	1.7
	Education	-0.3	-0.1

Sors: is-servizzi tal-Kummissjoni.

Tabella A21.2: **Mappa termika tar-riskji għas-sostenibbiltà fiskali - Malta**

Short term	Medium term - Debt sustainability analysis (DSA)								Long term		
Overall (S0)	Overall		Deterministic scenarios					Stochastic projections	S2	S1	Overall (S1+S2)
			Baseline	Historical SPB	Lower SPB	Adverse 'r-g'	Financial stress				
LOW	MEDIUM	Overall	LOW	LOW	MEDIUM	LOW	LOW	MEDIUM	HIGH	MEDIUM	HIGH
		Debt level (2034), % GDP	56.0	36.9	60.0	59.9	56.3				
		Debt peak year	2034	2025	2034	2034	2034				
		Fiscal consolidation space	72%	54%	78%	72%	72%				
		Probability of debt ratio exceeding in 2028 its 2023 level						59%			
		Difference between 90th and 10th percentiles (pps. GDP)						37.4			

(1) Debt level in 2034. Green: below 60% of GDP. Yellow: between 60% and 90%. Red: above 90%. (2) The debt peak year indicates whether debt is projected to increase overall over the next decade. Green: debt peaks early. Yellow: peak towards the middle of the projection period. Red: late peak. (3) Fiscal consolidation space measures the share of past fiscal positions in the country that were more stringent than the one assumed in the baseline. Green: high value, i.e. the assumed fiscal position is plausible by historical standards and leaves room for corrective measures if needed. Yellow: intermediate. Red: low. (4) Probability of debt ratio exceeding in 2028 its 2023 level. Green: low probability. Yellow: intermediate. Red: high (also reflecting the initial debt level). (5) the difference between the 90th and 10th percentiles measures uncertainty, based on the debt distribution under 10000 different shocks. Green, yellow and red cells indicate increasing uncertainty. (For further details on the Commission's multidimensional approach, see the 2023 Debt

Sors: is-servizzi tal-Kummissjoni.